IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2022
SWD(2022) 620 final

DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Rapport tal-Pajjiż għall-2022 - Malta

Li jakkumpanja d-dokument

Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Malta tal-2022 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Malta għall-2022

{COM(2022) 620 final} - {SWD(2022) 640 final}

MT MT

European Commission

Malta

2022 Country Report



STAMPA EKONOMIKA U TAL-IMPJIEGI

Malta għadha fuq perkors ta' tkabbir

Qabel il-pandemija tal-COVID-19 l-ekonomija ta' Malta kienet qed tikber b'rata aktar mgħaġġla mill-medja tal-UE. Bejn l-2015 u l-2019, it-tkabbir annwali tal-PDG reali ta' Malta laħaq medja ta' 7,2 %, li għamilha waħda mill-aktar ekonomiji li qed jikbru malajr fl-UE (il-Graff 1.1). Din il-prestazzjoni ekonomika b'saħħitha ngħatat spinta mit-tranżizzjoni lejn servizzi orjentati lejn l-esportazzjoni, li qed jikbru b'rata mgħaġġla, bħal-logħob tal-azzard remot, il-finanzi, u t-turiżmu.

Malta ġiet affettwata b'mod sinifikanti mill-pandemija tal-COVID-19 iżda rkuprat malajr. Fl-2020 il-PDG reali ta' Malta naqas bi 8,3 %, parzjalment minħabba problemi marbuta mat-turiżmu internazzjonali ([1]) u mat-tnaqqis fid-domanda domestika wara l-lockdown parzjali fil-pajjiż. L-infiq tal-konsumatur naqas b'10,2 %, b'mod partikolari fil-bejgħ bl-imnut u fl-ospitalità. L-investiment naqas l-aktar minħabba tnaqqis fil-kostruzzjoni. Madankollu, l-effett negattiv fuq l-ekonomija ttaffa permezz ta' miżuri ta' stimolu tal-gvern li jnaqqsu x-xokk fuq l-introjtu ([2]) u jappoġġaw l-impjiegi. Fl-2021 is-sentiment imtejjeb fil-qasam tan-negozju u tal-konsumatur, l-investiment qawwi u l-ftuħ tal-pajjiż għat-turiżmu għenu lill-ekonomija, li huwa stmat li kibret b'9,4 %. Fl-2022, it-tkabbir reali tal-PDG imbassar li jonqos għal 4,2 % minħabba diffikultajiet relatati mal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, għalkemm l-esponiment dirett ta' Malta għall-kummerċ mar-Russja u l-Ukrajna huwa baxx. Fl-2023 it-tkabbir mistenni jibqa' b'saħħtu u jilħaq l-4,0 % hekk kif id-domanda domestika u l-esportazzjonijiet jirkupraw, megħjuna wkoll mill-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Plan, RRP) ([3]) ta' Malta (ara l-Anness 18).

Graff 1.1:**Tkabbir ekonomiku, 2010–2021 (% kull sena)**



Sors: Eurostat

L-inflazzjoni f'Malta qed tiżdied. Fl-2021 il-prezzijiet tal-konsumatur żdiedu bil-perċentwal moderat ta' 0,7 % bis-saħħa ta' kuntratti ta' intervent u ħħeġġjar tal-gvern fis-settur tal-gass. Għall-ġejjieni, filwaqt li l-ekonomija Maltija tuża l-enerġija b'mod intensiv, il-proporzjon tal-enerġija fil-konsum tal-unitajiet domestiċi huwa baxx meta mqabbel ma' Stati Membri oħra tal-UE. Madankollu, matul l-2022 iż-żieda fil-prezzijiet

([1]) Fl-2019 il-katina tal-valur tat-turiżmu Malti (effetti diretti u konsegwenzjali) kienet responsabbli għal aktar minn 18 % tal-impjiegi totali (JRC121262).

([2]) European Commission Quarterly Report on the Euro Area (QREA), Vol. 20, No 4 (2021), Kapitolu 1 dwar il-Valutazzjoni tar-rwol ta' sostenn ta' sistemi ta' taxxa u benefiċċji dwar l-introjtu tal-entitajiet domestiċi fiż-.żona tal-euro matul il-pandemija tal-COVID-19: analiżi ta' mikrosimulazzjoni.)

([3]) Għal aktar informazzjonihttps://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/recovery-coronavirus/recovery-and-resilience-facility/maltas-recovery-and-resilience-plan_mt

tal-ikel u tal-prodotti importati, irkupru gradwali fis-setturi tat-turiżmu u tal-ospitalità u l-impatt tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja mistennija jżidu l-pressjonijiet fuq il-prezzijiet. Wara li fl-2022 l-inflazzjoni żdiedet għal 4,5 %, din mistennija tonqos għal 2,6 % fl-2023. L-awtoritajiet Maltin esprimew l-impenn tagħhom li jfittxu li jrażżnu ż-żieda fil-prezzijiet domestiċi tal-enerġija sabiex itaffu l-effetti negattivi għall-popolazzjoni Maltija.

Matul il-pandemija tal-COVID-19 l-impjiegi komplew jiżdiedu, għalkemm b'rata aktar bil-mod. Ir-rata tal-impjiegi ta' Malta kompliet tikber u fl-2021 laħqet it-78,6 %. It-tnaqqis fis-sigħat maħduma ttaffa minn miżuri tal-gvern, b'rabta max-xogħol b'ħinijiet aqsar, li bbenefikaw mill-appoġġ tal-istrument SURE tal-UE ("Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza" u li minnu ġew żborżati EUR 420 miljun - (ara l-Anness 3)). Fl-2022 ir-rata tal-impjiegi mistennija tkompli tiżdied. Fl-2020 ir-rata tal-qgħad żdiedet għal 4,4 % (u baqgħet ferm taħt il-medja tal-UE), u fl-2021 reġgħet lura għall-aktar rekord baxx ta' 3,5 %. L-indikaturi tar-rati tal-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, li jappoġġaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ukoll jinsabu ferm taħt il-medja tal-UE. Madankollu, id-distakk bejn ir-rati ta' impjieg tal-irġiel u n-nisa f'Malta għadu wieħed mill-usa' fl-UE (16,8 pps kontra 10,8 pps tal-UE fl-2021), għalkemm fuq dawn l-aħħar 10 snin ġie rreġistrat wieħed mill-ogħla tnaqqis f'punti perċentwali ġewwa l-UE (ara l-Anness 12). Dan id-distakk jinsab ukoll wkoll f'oqsma ewlenin, pereżempju, in-nisa li jaħdmu bħala speċjalisti tal-ICT jirrappreżentaw biss 11 % tat-total (meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 19 %) [4].

In-nuqqas ta' ħaddiema u l-ispariġġ fil-ħiliet huma sinifikanti fis-setturi kollha. Minħabba suq tax-xogħol strett u l-eżiti relattivament baxxi tal-edukazzjoni, f'dawn l-aħħar snin in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet żdiedu. Il-pandemija tal-COVID-19 u t-tranżizzjoni doppja mistennija jaggravaw dawn in-nuqqasijiet f'ċerti setturi bħall-ICT, it-turiżmu, is-saħħa u l-kura fit-tul. L-isfidi huma marbuta ma' waħda mill-ogħla proporzjonijiet ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet fl-UE (36 % meta mqabbel mal-24,9 % tal-UE fl-2021), il-parteċipazzjoni limitata ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet (25–64) fit-tagħlim [5], u l-proporzjon għoli ta' dawk li jitilqu mill-iskola kmieni (11 % kontra d-9,7 % tal-UE), minkejja li f'dawn l-aħħar snin sar titjib sinifikanti. Barra minn hekk, perċentwal kbir ta' studenti ma jiksbux livell minimu ta' profiċjenza, u n-nuqqas ta' kisbiet fil-ħiliet bażiċi huwa partikolarment għoli fost l-istudenti żvantaġġati.

Ir-riskju ġenerali tal-faqar għadu taħt il-medja tal-UE, iżda xi gruppi qed iħabbtu wiċċhom ma' riskju partikolarment għoli. Fl-2020, ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE, at-risk-of-poverty-or-social-exclusion) tal-popolazzjoni totali kienet ta' madwar 20 %, ftit anqas mill-medja tal-UE ta' madwar 22 %. Madankollu, din ir-rata hija ħafna ogħla fost il-persuni b'diżabbiltà, iċ-ċittadini mhux tal-UE, u l-persuni li għandhom aktar minn 65 sena. L-indikatur tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali dwar l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar ilu jonqos b'mod kostanti għal dawn l-aħħar ftit snin u huwa ħafna aktar baxx mill-medja tal-UE (ara l-Anness 12). Madankollu, il-livell ta' introjtu minimu, meta mqabbel kemm mas-soll tal-faqar kif ukoll f'termini ta' paga baxxa, huwa ogħla mill-medja tal-UE. Filwaqt li għadu taħt il-medja tal-UE, ir-riskju ta' faqar fost dawk li jaħdmu kompla jiżdied u laħaq iż-0,9 pps (meta mqabbel mal-2019) u huwa partikolarment għoli għall-persuni li ma twildux fl-UE (15,7 % kontra s-6,6 % għal dawk li twieldu fil-pajjiż).

Il-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG qed jiżdied iżda għadu kemxejn taħt il-

(4) L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali tal-2021:

(5) Il-perjodu ta' referenza għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ huwa ta' erba' ġimgħat qabel l-intervista. Fir-rapport tal-pajjiż jintuża l-indikatur tal-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim matul l-erba' ġimgħat ta' qabel u mhux l-indikatur tat-tagħlim matul it-12-il xahar ta' qabel. Dan minħabba li bħalissa d-*data* tal-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti (AES, Adult Education Survey) għall-indikatur ta' 12-il xahar hija disponibbli biss għall-2016, filwaqt li l-indikatur il-ġdid tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS, Labour Force Survey) miftiehem għall-użu fit-tabella ta' valutazzjoni soċjali u bħala l-mira ewlenija tal-2030 dwar il-ħiliet mhux se jkun disponibbli qabel l-2023.

limitu ta' 60 %. Id-defiċit tal-gvern naqas minn 9,5 % tal-PDG fl-2020 għal 8 % tal-PDG fl-2021. Dan jirriżulta l-aktar mid-dħul ogħla tal-gvern. Fl-2022 u fl-2023 l-irkupru ekonomiku mistenni u t-tnaqqis gradwali tal-miżuri tal-COVID-19 mistennija jkomplu jnaqqsu d-defiċit anke jekk jitqiesu miżuri li jtaffu l-impatt taż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2021 il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern huwa stmat li żdied għal 57 % u fl-2023 imbassar li jiżdied għal 59,5 %.

Fit-tul, il-bidliet demografiċi u l-proporzjon għoli tat-taxxa korporattiva huma ta' piż fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi tal-gvern. Il-kostijiet tat-tixjiħ se jiżdiedu minħabba ż-żieda mistennija fin-nefqa fuq il-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul. Filwaqt li Malta għadha dipendenti ħafna fuq it-taxxi korporattivi, li jimplika vulnerabbiltà akbar għal xokkijiet ekonomiċi futuri, il-pajjiż jimpenja ruħu li jrażżan il-possibbiltà ta' ċerti prattiki aggressivi tal-ippjanar tat-taxxa, għalkemm fadal xi nuqqasijiet (ara t-Taqsima 3).

Il-kisba ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli għall-ambjent hija waħda mill-isfidi ewlenin ta' Malta. Fost l-oħrajn, Malta qed issibha diffiċli biex tikseb mobilità sostenibbli, jiġifieri tnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u tiddekarbonizza t-trasport, kif ukoll twessa' l-adozzjoni ta' inizjattivi dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Il-volum għoli ta' skart iġġenerat mill-kostruzzjoni u mid-demolizzjoni u skart muniċipali flimkien mar-rati baxxi ta' riċiklaġġ ukoll għadhom sfidi kbar. Minn fost l-Istati Membri kollha Malta tinsab l-aktar 'il bogħod biex tilħaq il-mira tagħha tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR) tal-2030. F'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija ta' Malta għall-Iżvilupp b'Emissjonijiet Baxxi ta' Karbonju, li tindirizza l-kisba tal-mira tal-ESR tal-2030 u twitti t-triq għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, se jkollha rwol ewlieni x'taqdi. Bħala stat gżira żgħir fil-Mediterran, Malta qed tiffaċċja diversi sfidi biex tikseb tkabbir ambjentalment sostenibbli u hija partikolarment vulnerabbli għar-riskji klimatiċi, li jenfasizza l-ħtieġa għal politiki klimatiċi u ambjentali mfassla apposta.

Għaddejjin sforzi biex jissaħħu l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet. Il-prestazzjoni ekonomika b'saħħitha ta' Malta f'dawn l-aħħar snin ġiet imbuttata mit-tranżizzjoni lejn servizzi orjentati lejn l-esportazzjoni, li qed jikbru b'rata mgħaġġla (ara l-Anness 10), bħal-logħob tal-azzard remot, il-finanzi, u t-turiżmu. L-influss qawwi ta' ħaddiema barranin ta spinta lill-provvista ta' ħaddiema u wassal biex l-għadd ta' impjiegi joktor bil-qawwi. Fil-perjodu ta' qabel il-kriżi l-produttività reali tax-xogħol ta' Malta għal kull persuna żdiedet aktar malajr mill-medja tal-UE, u bbenefikat ukoll minn diġitalizzazzjoni mgħaġġla u minn titjib fil-produttività fis-setturi (ara l-Anness 9). Malta qed tagħmel sforz konsiderevoli, inkluż fir-RRP, biex iżżid il-ħiliet u l-kwalità u r-rilevanza tas-suq tax-xogħol għall-edukazzjoni, filwaqt li trawwem il-potenzjal tal-innovazzjoni, li mistenni jikkontribwixxi biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell ta' tkabbir tal-pajjiż.

Id-dgħufijiet li ilhom jeżistu fil-qafas istituzzjonali qed jiġu indirizzati. Ir-RRP jinkludi riformi kruċjali biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura (ara l-Anness 11) u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus. Dan mistenni jżid it-trasparenza, isaħħaħ il-fiduċja fl-istituzzjonijiet u jippromwovi l-governanza tajba. It-titjib tal-ambjent tan-negozju se jipprovdi pedament sod għall-investiment u t-tkabbir tal-produttività.

L-esponiment ta' Malta għall-impatti possibbli tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja huwa pjuttost limitat. L-esponiment dirett għad-dejn u l-ekwità Russi huwa baxx ħafna filwaqt li l-adegwatezza ġenerali tal-kapital u l-pożizzjoni tal-likwidità (ara l-Anness 16) tas-settur finanzjarju jagħmluha reżiljenti għal diversi xokkijiet. Il-valur miżjud domestiku ta' Malta inkorporat fl-esportazzjonijiet lejn ir-Russja jammonta għal 0,4 % tal-PDG ([6]). L-esportazzjonijiet huma kkonċentrati l-aktar fis-

([6]) Il-valur miżjud totali inkorporat tal-esportazzjonijiet lejn ir-Russja, inklużi l-esportazzjonijiet diretti u r-rabtiet indiretti permezz tal-ktajjen tal-valur, Sors: Il-kalkoli tal-JRC ibbażati fuq it-tabelli tal-użu u input output tal-Eurostat 2019 FIGARO EU inter-country supply.

setturi tat-turiżmu u tas-servizzi professjonali. Malta ma timportax gass jew żejt mir-Russja. L-esponiment tagħha għar-Russja huwa indirett permezz tal-importazzjonijiet tal-elettriku tagħha mill-Italja. Il-proporzjon tas-sorsi rinnovabbli ta' Malta fit-taħlita tal-enerġija tagħha huwa pjuttost baxx. L-esponiment tagħha għaż-żidiet fil-prezzijiet internazzjonali u l-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija jista' jkompli jittaffa jekk jitħaffef il-pass tal-qalba lejn l-enerġija rinnovabbli.

B'mod ġenerali, Malta għandha prestazzjoni tajba u qed tkompli tagħmel aktar progress fl-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals). B'mod ġenerali, Malta għandha prestazzjoni tajba ħafna jew tajba fir-rigward tal-indikaturi tal-SDG dwar il-faqar u s-saħħa (SDGs 1, 3, 8, 10) u qed ittejjeb l-indikaturi tal-SDGs li jivvalutaw l-ekwità tas-soċjetà u l-ekonomija (SDGs 2, 4, 5). Barra minn hekk, għandha prestazzjoni tajba ħafna fir-rigward tax-xogħol deċenti u t-tkabbir ekonomiku (SDG 8) kif ukoll l-istabbiltà makroekonomika (SDG 16) u qed ittejjeb l-indikaturi tal-SDG relatati mal-produttività (SDG 4, 9). Filwaqt li Malta għandha prestazzjoni tajba ħafna fir-rigward tal-enerġija affordabbli u nadifa (SDG 7) u qed titjieb f'diversi indikaturi tal-SDGs għas-sostenibbiltà ambjentali (SDG 2, 9, 12, 13), is-sehem ta' Malta ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija huwa ta' 10,7 % u, minkejja li qed jitjieb, huwa anqas minn nofs il-medja tal-UE fl-2020 (22.1 %). Barra minn hekk, għadha lura biex il-bliet u l-komunitajiet tagħha jsiru aktar sostenibbli (SDG 11) (ara l-Anness 1).

IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA JINSAB GĦADDEJ

Matul l-2021–2026 Malta mistennija tirċievi EUR 316,4-il miljun f'għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Dawn il-fondi, ekwivalenti għal 2,3 % tal-PDG ta' Malta ta' 2019, se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-miżuri kruċjali ta' investiment u ta' riforma deskritti fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Plan, RRP) ta' Malta li ġie adottat fil-ħarifa tal-2021 (ara l-Anness 2). Ir-RRP huwa ambizzjuż u għandu l-għan li jindirizza l-isfidi li ilhom jeżistu li ġew identifikati fl-oqsma tat-tranżizzjoni klimatika u diġitali, fis-saħħa, fl-impjiegi, fl-edukazzjoni u fil-ħiliet, fil-politiki soċjali, fil-ġustizzja u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus (ara l-Anness 4).

Ir--RRP ta' Malta mistenni jagħti kontribut sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-pajjiż. L-allokazzjoni totali tal-pjan għall-objettivi klimatiċi u ambjentali hija ta' 54 % u tinkludi diversi miżuri li jindirizzaw l-isfidi tal-pajjiż f'dan il-qasam, inkluża l-ħtieġa li jitnaqqsu l-konġestjoni tat-traffiku u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u l-ksib ta' mobilità sostenibbli. Fost l-inizjattivi ewlenin hemm l-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq pubbliku u privat u riforma ta' trasport pubbliku mingħajr ħlas lill-persuni kollha f'Malta li jkollhom kard tal-ivvjaġġar personalizzata (Kard tal-linja). Il-bini ta' sit ġdid għall-iżbark ta' laneċ mistenni jikkontribwixxi għall-bidla modali mit-trasport bit-triq għat-trasport marittimu. Fl-2021 infetħu 15-il uffiċċju għat-telexogħol fis-settur pubbliku, u fl-2020 ġie ffirmat ftehim mal-assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali dwar il-ħolqien ta' żoni ta' riġenerazzjoni f'żoni urbani għall-promozzjoni tal-mixi, taċ-ċikliżmu u tat-trasport pubbliku.

Azzjonijiet oħra tar-RRP jindirizzaw l-isfidi relatati maż-żieda qawwija fil-konsum tal-enerġija u fil-ġenerazzjoni tal-iskart. It-tnejn li huma jirriżultaw minn tkabbir mgħaġġel fil-popolazzjoni, fl-impjiegi, fil-kostruzzjoni u f'attivitajiet oħra f'Malta f'dawn l-aħħar snin. Ir-RRP jinkludi rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u l-ekoloġizzazzjoni ta' bini privat u pubbliku, inkluż sptar u skejjel, wara l-adozzjoni tal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul fl-2021. Ix-xogħol fuq proġetti skolastiċi, inkluż il-bini ta' skola b'newtralità karbonika qed javvanza u mistenni li jitlesta fl-2023. Miżuri oħra jiffukaw fuq it-titjib tal-ekonomija ċirkolari u fuq it-tnaqqis tal-impatt tal-iskart fuq l-ambjent. Il-miżuri ewlenin jinkludu l-adozzjoni fl-2021 ta' strateġija għall-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni kif ukoll l-introduzzjoni ta' standards għall-industrija tal-kostruzzjoni u r-riforma tas-sistema tal-ġbir tal-iskart, it-tnejn li huma ppjanati għall-2022.

Ir-RRP jinkludi wkoll miżuri biex titħaffef it-tranżizzjoni diġitali f'Malta, b'enfasi primarja fuq is-settur pubbliku. Ir-RRP jagħti 26 % tal-allokazzjoni totali tiegħu għal objettivi diġitali. Il-miżuri ewlenin, bħat-tisħiħ tal-affidabbiltà u ċ-ċibersigurtà tas-sinsla diġitali tal-gvern u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-amministrazzjoni pubblika, se jgħinu biex jissaħħu s-sistemi tal-IT tal-gvern u jkompli jikber l-użu tas-servizzi pubbliċi diġitali (dwar l-istat tal-amministrazzjoni pubblika, ara l-Anness 11). L-appoġġ għall-investimenti fid-diġitalizzazzjoni lil mill-anqas 360 kumpanija sal-2026 se jgħin ukoll biex tiġi avvanzata d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri għaddejja bħalissa. Barra minn hekk, biex tħaffef ir-riċerka u l-innovazzjoni (RuI), Malta ppubblikat strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, li tiffoka fuq sitt oqsma tematiċi, fosthom teknoloġiji diġitali bħall-Intelliġenza Artifiċjali u l-blockchain, u għandha l-għan partikolari li trawwem ir-RuI fin-negozju u ssaħħaħ il-kooperazzjoni pubblika-privata.

Ir-RRP jinkludi firxa wiesgħa ta' miżuri biex jiżdiedu r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur tas-saħħa. Ir-riforma li tippromwovi l-integrazzjoni u

l-benesseri tal-ħaddiema tas-saħħa barranin u l-investiment fil-ħolqien ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli, li mistennija jitlestew sal-2025, se jsaħħu r-reżiljenza tas-settur ukoll billi jipprovdu servizzi li qabel kienu jingħataw lill-pazjenti f'pajjiżi barranin. Id-diġitalizzazzjoni li għaddejja tal-faċilità l-ġdida outpatient fl-Isptar Mater Dei se tiffaċilita l-interazzjoni bejn il-pazjenti u l-professjonisti tas-saħħa u ttejjeb it-trattament.

Ir-RRP jindirizza l-isfidi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fis-suq tax-xogħol u s-sistemi tal-protezzjoni mill-qgħad u tal-pensjonijiet, u għaldaqstant jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dan jinkludi riformi u investimenti ewlenin bħall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola u miżuri ta' intervent, opportunitajiet estiżi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u gwida għall-adulti kollha, (b'mod partikolari għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet), u t-titjib tal-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni. Biex tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ir-RRP jinkludi wkoll l-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin li jinsabu fil-pjan ta' azzjoni li jmiss tal-istrateġija għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni. Jipprevedi wkoll miżuri ta' attivazzjoni speċifiċi għan-nisa. Ir-rieżami u l-monitoraġġ tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji tal-qgħad għandhom l-għan li jiżguraw l-adegwatezza u s-sostenibbiltà.

Kaxxa 1: Riżultati ewlenin tar-RRP fl-2022-23

- L-introduzzjoni ta' regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment biex jitnaqqsu l-opportunitajiet ta' trasferiment tal-profitt korporattiv.
- L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jirrekluta 31 uffiċjal bħala parti mill-bidla fis-servizzi tal-prosekuzzjoni.
- L-iffirmar ta' kuntratti għar-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' bini pubbliku.
- Il-ħruġ ta' permess tal-awtorità tal-ippjanar għal skal ġdid ta' laneċ f'Buġibba, fil-Bajja ta' San Pawl, b'miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġi żgurat li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lill-ambjent.
- L-għoti ta' 1 000 konċessjoni għax-xiri ta' vetturi elettriċi fis-settur privat.
- L-ikkuntrattar ta' servizzi għall-kostruzzjoni ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli.
- Il-bidu tal-ħidma tal-Kulleġġ elettroniku li joffri korsijiet ta' taħriġ u gwida lill-adulti kollha.
- Ir-riforma tas-sistema tal-ġbir tal-iskart bil-ħolqien ta' ħames korpi muniċipali responsabbli mill-iskart.

Ir-RRP Malti jindirizza għadd ta' sfidi istituzzjonali li ilhom jeżistu fl-oqsma tal-ġustizzja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Ir-riformi għandhom l-għan li jsaħħu l-indipendenza u l-effettività tal-ġudikatura permezz ta' diversi miżuri, fosthom bidliet li saru fil-proċeduri tal-ħatra tal-membri tal-ġudikatura (ara l-Anness 11). Malta bdiet il-proċess biex tittrasferixxi l-prosekuzzjoni tal-każijiet mingħand il-pulizija għal għand l-Avukat Ġenerali. Ir-RRP jinkludi wkoll miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-qafas istituzzjonali kontra l-korruzzjoni; dawn il-miżuri jinkludu l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali kontra l-frodi u l-korruzzjoni li ġiet adottata f'Mejju 2021; riforma tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi; u diversi riformi tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni. Oqfsa nazzjonali robusti kontra l-korruzzjoni u l-infurzar effettiv

tagħhom huma kruċjali għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u d-deterrenza tal-korruzzjoni, il-frodi u l-irregolaritajiet finanzjarji, u l-abbuż tal-uffiċċju u l-kunflitti ta' interess.

Ir-RRP ta' Malta jinkludi l-impenn li jibdel uħud mill-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jippermettu ppjanar aggressiv tat-taxxa. Dawn jinkludu l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-ipprezzar ta' trasferiment u studju dwar pagamenti ta' dividendi kemm fi dħul kif ukoll fi ħruġ, royalties u imgħax lejn u minn ġurisdizzjonijiet b'taxxa baxxa, li għandhom jiġu segwiti minn leġiżlazzjoni bbażata fuq is-sejbiet tal-istudju fis-snin ta' wara r-RRP. Dawn il-miżuri huma pass fid-direzzjoni t-tajba iżda jindirizzaw l-isfidi eżistenti b'mod parzjali biss.

Prijorità rilevanti oħra tar-RRP fl-2023 se tkun it-tisħiħ tal-qafas ta' Malta kontra l-ħasil tal-flus, inkluż bl-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni għall-2021–2023. Barra minn hekk, Malta timpenja ruħha li sa Diċembru 2023 timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha li ngħataw mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja fil-valutazzjoni tagħha ta' Ġunju 2021.

PRIJORITAJIET OĦRAJN GĦALL-ĠEJJIENI

Lil hinn mill-isfidi indirizzati fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Plan, RRP), kif deskritt hawn fuq, Malta qed tiffaċċja sfidi oħra li mhumiex koperti biżżejjed fil-pjan. Se jkun hemm bżonn li jsir sforz akbar biex jinkiseb progress fuq sett ta' sfidi prijoritarji, b'mod partikolari biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali; l-indirizzar tal-faqar u t-tisħiħ tal-opportunitajiet indaqs għal kulħadd; It-tisħiħ tas-sostenibbiltà fiskali u l-indirizzar tal-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa; u t-tisħiħ tal-produttività permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi se jgħin biex isir aktar progress fil-kisba tal-indikaturi rilevanti tal-SDG (ara l-Anness 1).

L-iżgurar tas-sostenibbiltà ambjentali

Filwaqt li fir-RRP tagħha Malta titfa' enfasi qawwija fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, għad hemm għadd ta' sfidi persistenti li mhumiex indirizzati biżżejjed (ara l-Anness 5). Fl-2019 il-ġenerazzjoni tal-iskart muniċipali f'Malta kienet ta' 697 kg *per capita* (medja tal-UE, 502 kg per capita), li hija fost l-ogħla fl-UE u xejra li qed tiżdied. Fl-2019 ir-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart muniċipali kienet biss ta' 9,1 %, ħafna anqas mill-medja tal-UE ta' 48 % u mill-mira tal-2020 ta' 50 %. Ir-rati tal-miżbliet huma għoljin, b'xejra li qed tiżdied minn livell ta' 79,5 % fl-2017 għal 91,5 % fl-2019. Ir-riforma tas-sistema tal-ġbir tal-iskart skont ir-RRP mistennija li tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati ċerti dgħufijiet fil-proċess tal-ġbir bħall-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' ekonomiji ta' skala. It-taxxi u l-imposti relatati mal-iskart prattikament ma jeżistux f'Malta. Dan joħloq inċentivi mhux xierqa għall-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart. Malta ma għandha fis-seħħ l-ebda taxxa fuq il-miżbliet u t-tariffa tal-ħruġ mill-miżbliet hija relattivament baxxa (madwar EUR 20/t) meta mqabbla mal-ispiża tar-rimi tal-iskart fil-miżbliet (aktar minn EUR 70/t) u l-impatti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Fl-2021, Malta adottat il-Pjan għall-Ġestjoni tal-Iskart tagħha għall-2021–2030.

Il-protezzjoni tal-bijodiversità għadha sfida mingħajr soluzzjoni f'Malta. Il-proċess ta' deżinjazzjoni ta' Natura 2000 u l-pjanijiet ta' ġestjoni għas-siti tal-baħar għadhom ma tlestewx b'konformità mad-Direttivi dwar il-Ħabitats u dwar l-Għasafar, u dan ifixkel l-isforzi għall-konservazzjoni tal-organiżmi selvaġġi (ara l-Anness 5). Il-prattiki tal-kaċċa u tal-insib illegali tal-għasafar joħolqu aktar problemi għall-organiżmi selvaġġi. Il-bijodiversità fuq l-art agrikola u ż-żoni naturali trid titjieb.

Il-konġestjoni tat-traffiku għadha sfida ewlenija minħabba d-dipendenza għolja fuq il-karozzi privati. In-nuqqas ta' infrastruttura tal-mobilità immaterjali (bħal bankini u korsiji għaċ-ċikliżmu) jiskoraġġixxi l-użu ta' modi alternattivi ta' trasport u jaggrava l-konġestjoni f'Malta. Il-bini ta' korsiji separati u sikuri għar-roti jista' jinkoraġġixxi ċ-ċikliżmu ([7]), iwassal għal użu aktar sikur ta' scooters elettriċi u jsaħħaħ l-użu ta' għotjiet għal roti elettriċi previsti fir-RRP. It-titjib tal-kwalità ġenerali tas-servizz tas-sistema tat-trasport pubbliku - il-kumdità, id-disponibbiltà u l-puntwalità tagħha - inkluż billi jiġu pprovduti korsiji riżervati għall-karozzi tal-linja, jista' jiffaċilita l-bidla modali u jnaqqas il-

([7]) Ir-riżultati preliminari tal-Istħarriġ Nazzjonali dwar il-Vjaġġi Domestiċi tal-2021 jindikaw li 17,3 % u 12,6 % ta' dawk li wieġbu li ma jużawx ir-rota jsemmu tħassib dwar is-sikurezza fit-toroq u kwalità fqira tal-infrastruttura taċ-ċikliżmu rispettivament bħala r-raġunijiet ewlenin tagħhom għaliex ma jużawx ir-roti.

konġestjoni, l-emissjonijiet u t-tniġġis ([8]) (ara l-Anness 5). L-użu ta' servizzi tal-IT u interkonnessjonijiet relatati mal-mobilità (sistemi ta' trasport intelliġenti) jista' jkun ta' benefiċċju wkoll fit-titjib tal-flussi tat-traffiku.

Id-dipendenza ta' Malta fuq il-karozzi privati tissarraf fi proporzjon għoli ta' żejt tal-gass/diżil fil-konsum finali tal-enerġija tagħha. Filwaqt li d-dħul mit-taxxa ambjentali ta' Malta, li jilħaq it-2,3 % tal-PDG, jikklassifika qrib il-medja tal-UE, il-proporzjon taż-żejt tal-gass/tad-diżil fil-konsum finali tal-enerġija huwa s-sitt l-ogħla fl-UE. Filwaqt li t-tariffa tal-liċenzja tat-triq ta' Malta bħalissa hija bbażata fuq id-daqs tal-magna u fuq l-emissjonijiet tal-vetturi, sistemi intelliġenti tal-ipprezzar tat-toroq li jqisu wkoll il-ħin tal-ġurnata u d-distanza vvjaġġata jipprovdu sistema ta' pprezzar aktar ġusta marbuta aktar mill-qrib mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u jistgħu jiġġieldu aħjar il-konġestjoni tat-traffiku.

It-taħlita tal-enerġija ta' Malta hija fil-biċċa l-kbira magħmula minn żejt u gass naturali, b'esponiment indirett għall-gass Russu ([9]) (ara l-Anness 5). Malta ma timporta l-ebda gass jew żejt tagħha mir-Russja ([10]). Madankollu, madwar 20 % tal-konsum tal-elettriku ta' Malta huwa importat permezz tal-interkonnettur tal-elettriku tagħha ma' Sqallija ([11]), u l-Italja tiddependi fuq ir-Russja għal 43 % tal-gass tagħha u għal 11 % taż-żejt tagħha. Malta qed tippjana li tuża l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE biex tibni t-tieni interkonnettur tal-elettriku.

Malta għandha wieħed mill-aktar proporzjonijiet baxxi ta' sorsi rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija fl-UE (ara l-Annessi 1 u 5)**.** Irnexxielha tilħaq il-mira tagħha ta' 10 % ([12]) fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli għall-2020. Barra minn hekk, il-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECP, National Energy and Climate Plan) ta' Malta ([13]) jinkludi kontribut dgħajjef ta' 11,5 % fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, li huwa ferm anqas mill-mira tal-UE għall-2030. Bħalissa ma hemm l-ebda kapaċità installata ta' potenza eolika għall-produzzjoni tal-elettriku f'Malta u fl-NECP tagħha ma hemm l-ebda pjan biex jintuża r-riħ fuq l-art jew lil hinn mill-kosta. Billi ġew allokati biss EUR 5 miljun mir-RRP ta' Malta għal investimenti fl-enerġija rinnovabbli, Malta tista' tibbenefika minn investimenti abilitanti f'teknoloġiji li jistgħu jkomplu jisfruttaw il-potenzjal solari u eoliku tagħha. Il-miżuri jistgħu jinkludu teknoloġija lil hinn mill-kosta li żżomm f'wiċċ l-ilma, il-promozzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lokali (bħall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli), it-tisħiħ tan-network tal-elettriku ta' Malta, it-trawwim tal-ħżin tal-enerġija rinnovabbli u l-introduzzjoni ta' inċentivi biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija matul il-perjodi l-aktar intensivi.

L-effiċjenza enerġetika tal-bini tibqa' waħda mill-isfidi ewlenin tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Is-settur tal-bini huwa kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-effiċjenza enerġetika għall-2030 u l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul. Ir-RRP ta' Malta ma jappoġġax ir-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini residenzjali eżistenti, li mill-2016 wassal għal żieda kostanti fil-konsum enerġetiku finali (ara l-Anness 5). Potenzjalment, kundizzjonijiet

([8]) Ir-riżultati preliminari tal-Istħarriġ Nazzjonali dwar il-Vjaġġi Domestiċi tal-2021 jindikaw li r-raġunijiet ewlenin għaliex in-nies ma jużawx it-trasport pubbliku (b'mod partikolari l-karozzi tal-linja) aktar huma li dawn mhumiex puntwali, segwita mill-perċezzjoni li l-karozza tal-linja ddum wisq biex tasal fid-destinazzjoni tagħha.

([9]) Sors: Eurostat (data tal-2019/2020) u Xenarji ta' politika għall-kisba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew (europa.eu) ("il-projezzjonijiet PRIMES għal xenarju kompatibbli max-xenarju tal-"lesti għall-mira ta' 55 %") (*data* tal-2030)

([10]) Eurostat (2020), il-proporzjon tal-importazzjonijiet Russi mill-importazzjonijiet totali ta' gass naturali, żejt mhux raffinat u faħam. Għal Malta l-importazzjonijiet totali jinkludu l-kummerċ intra-UE. Iż-żejt mhux raffinat ma jinkludix prodotti taż-żejt raffinat.

([11]) Fl-2019 u l-2020 Malta importat 25 % u 17 % tal-provvista totali tal-elettriku tagħha mill-interkonnettur tal-elettriku rispettivament. (Sors: L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Stqarrija għall-Aħbarijiet 181/2021)

([12]) Malta qabżet bi ftit il-mira tagħha tal-enerġija rinnovabbli għall-2020 ta' 10 % fil-konsum enerġetiku finali gross u bis-saħħa ta' trasferimenti statistiċi (li jirrappreżentaw 0,31 %) u laħqet proporzjon ta' 10,7 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. (Sors: Eurostat – SHARES (Renewables) Energy - Eurostat (europa.eu))

([13]) Għal aktar informazzjoni, ara Malta's National Energy Climate Plan (December 2019) (Il-Pjan Nazzjonali għall-Klima tal-Enerġija ta' Malta - Diċembru 2019)

klimatiċi moderati jistgħu jillimitaw l-iffrankar tal-enerġija mir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika. Madankollu, is-sjuf ħorox ta' Malta, u ż-żieda qawwija fid-domanda għall-elettriku għat-tkessiħ tal-proprjetà xorta jagħmluha ta' benefiċċju li jsir investiment f'dawn ir-rinnovazzjonijiet. L-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija ([14]) u standards regolatorji msaħħa għal bini ġdid u eżistenti, flimkien mal-bidla lejn sistemi ta' tisħin u tkessiħ aktar ekoloġiċi, jistgħu jnaqqsu d-domanda għall-enerġija. Mhuwiex qed isir biżżejjed użu minn strumenti finanzjarji u fiskali oħra, bħal self favorevoli, eżenzjonijiet mit-taxxa u tnaqqis tat-taxxa, li jistgħu jwessgħu l-profondità u jaċċelleraw il-pass tar-rinnovazzjonijiet, kemm għall-bini residenzjali kif ukoll għal dak mhux residenzjali. It-trawwim tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini bl-agħar prestazzjoni, it-tisħiħ tar-rinnovazzjoni profonda tal-abitazzjonijiet, u l-prijoritizzazzjoni tal-appoġġ lill-konsumaturi vulnerabbli jnaqqsu l-faqar enerġetiku u jżidu l-kumdità termika filwaqt li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Is-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali f'Malta jipprovdi impjiegi lil 1,6 % tal-popolazzjoni impjegata (kontra t-2,1 % fl-UE), filwaqt li l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli u t-titjib fl-effiċjenza enerġetika joffru opportunitajiet kbar għall-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi (ara l-Anness 6).

Malta hija partikolarment vulnerabbli għar-riskji relatati mal-klima. Matul 1980–2020 Malta kellha fost l-ogħla telf ekonomiku totali fl-UE kkawżat minn avvenimenti estremi relatati mat-temp u l-klima għal kull kilometru kwadru, parzjalment minħabba d-densità għolja tal-popolazzjoni tagħha ([15]). Diġà qed naraw għargħar għal għarrieda ([16]) u Malta se tibda tiffaċċja maltempati, silġ, għargħar, erożjoni tal-ħamrija u tal-kosta u rjieħ kbar b'mod aktar frekwenti. Perikli klimatiċi bħal dawn se jikkawżaw aktar danni ekonomiċi u soċjetali sinifikanti. Id-diskrepanza relattivament għolja fil-protezzjoni tal-assigurazzjoni relatata mal-klima ([17]) ta' Malta wkoll jista' jkollha impatt fuq il-finanzi pubbliċi.

Malta hija pajjiż nieqes ħafna mill-ilma, fatt li huwa aggravat minn mewġiet ta' sħana qawwija u għadd dejjem jikber ta' turisti. Il-perjodi twal ta' nixfa u x-xita limitata kkontribwew għall-isfida sinifikanti tal-iskarsezza tal-ilma f'Malta ([18]). Il-bażi tal-provvista tal-ilma ta' Malta tiddependi primarjament fuq l-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art u d-desalinizzazzjoni tal-ilma baħar. Qed isiru investimenti importanti fl-użu mill-ġdid tal-ilma. F'dawn l-aħħar snin, minħabba investimenti fl-effiċjenza enerġetika l-kost tal-ilma desalinat tnaqqas b'mod sinifikanti; filwaqt li l-isforzi biex tiġi rregolata l-astrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art fisser li l-għejun kollha li kienu rreġistrati (u għaldaqstant legali) ġew imkejla. Madankollu, l-attivitajiet ta' astrazzjoni illegali tal-ilma ta' taħt l-art jippersistu iżda Malta tuża għodod ta' infurzar biex tiġġieled dawn l-attivitajiet illegali. L-operaturi tas-sorsi tal-ilma ta' taħt l-art (awtoastratturi) iħallsu l-ispejjeż kapitali u operazzjonali u ta' manutenzjoni kollha relatati mal-attività ta' astrazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, hemm sforzi kontinwi biex jiġi spjegat lill-bdiewa l-ispiża "moħbija" marbuta mal-produzzjoni tal-ilma ta' taħt l-art u l-vantaġġi li jistgħu jinkisbu permezz tal-qalba għall-ilma reklamat. Fl-aħħar nett, jekk l-ilma tax-xita jinqabad aħjar tkun tista' titnaqqas il-

([14]) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13-35

([15]) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, *European Environment Agency, Economic losses and fatalities from weather - and climate-related events in Europe* (It-telf ekonomiku u l-imwiet minn avvenimenti relatati mat-temp u l-klima fl-Ewropa), https://www.eea.europa.eu/ims/economic-losses-from-climate-related

([16]) L-għargħar għal għarrieda huwa għargħar f'daqqa u gravi kkawżat minn xita rapida u eċċessiva f'perjodu qasir ta' żmien, tipikament anqas minn sitt sigħat, iżda ħafna drabi anqas minn hekk.

([17]) Stima li tiġi meta jitqiesu flimkien il-periklu, il-vulnerabbiltà, l-iskopertura u l-kopertura tal-assigurazzjoni. Sors: The pilot dashboard on insurance protection gap for natural catastrophes | (id-dashbord pilota dwar id-diskrepanza tal-protezzjoni tal-assigurazzjoni għal katastrofi naturali Eiopa (europa.eu).

([18]) Għal aktar tagħrif dwar l-iskarsezza tal-ilma f'Malta, ara r-rapport tal-pajjiż tal-2020: 2020-european_semester_country-report-malta_mt.pdf (europa.eu).

problema tal-għargħar f'ċerti żoni filwaqt li din ir-riżorsa skarsa f'Malta tinħażen.

L-indirizzar tal-faqar u t-tisħiħ tal-opportunitajiet indaqs

B'mod ġenerali, iċ-ċifri tal-faqar huma taħt il-medja tal-UE, iżda għadhom għoljin għal gruppi speċifiċi. Filwaqt li fl-2020 r-rata globali ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) kienet kemxejn taħt il-medja tal-UE (19,9 % kontra l-21,6 % tal-UE), il-perċentwal huwa ħafna ogħla għal ċittadini mhux tal-UE, għall-persuni li għandhom aktar minn 65 sena, u għall-persuni b'diżabbiltà (30,1 %) milli għall-popolazzjoni ġenerali (ara wkoll il-Graff 3.1). B'mod partikolari, in-nisa li għandhom aktar minn 65 sena jinsabu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (30,0 %) minħabba r-rati baxxi ta' attività tagħhom kif ukoll minħabba waħda mill-akbar differenzi fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri fl-UE. Komparattivament Malta tonfoq anqas fuq il-protezzjoni soċjali (12 % tan-nefqa pubblika fl-2020 meta mqabbel mal-21,9 % fl-UE). Fl-2020 kompla jonqos l-effett tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq il-faqar, li naqas għal 21 % (minn 30,6 % fl-2018), u huwa sostanzjalment aktar baxx mill-medja tal-UE (33,2 %). L-issoktar ta' miżuri ta' attivazzjoni mmirati u l-iżgurar tal-adegwatezza tal-benefiċċji soċjali fid-dawl tal-prestazzjoni ekonomika b'saħħitha ta' Malta u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 dwar it-tnaqqis tal-faqar.

Graff 3.1:**Ir-rata ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) fir-rigward ta' gruppi ta' etajiet u nazzjonalitajiet differenti**



Sors: Eurostat, EU-SILC [ilc_peps01n, ilc_peps01n]

L-indirizzar tal-faqar fost it-tfal u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali tat-tfal kollha għadhom ta' sfida. B'mod kumplessiv, il-proporzjon ta' tfal fl-età bejn 0 u 17-il sena fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas għal 22,6 % fl-2020, li huwa anqas mill-medja tal-UE ta' 23,9 %. Madankollu, xi gruppi ta' tfal jinsabu f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali, inklużi dawk b'ġenitur wieħed (50,7 %) u f'unitajiet domestiċi b'livell baxx ta' ħiliet (42,7 %). L-ugwaljanza tal-opportunitajiet toħloq sfidi, billi l-isfond soċjoekonomiku jinfluwenza b'mod qawwi l-eżiti tal-istudenti u jżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali fil-futur. Madwar 51 % tal-istudenti mill-kwartil soċjoekonomiku tal-qiegħ ma kisbux il-livell minimu ta' ħiliet fil-qari (meta mqabbel ma' 34,8 % fil-livell tal-UE). Dan huwa aktar mid-doppju tar-rata ta' prestazzjoni baxxa fil-kwartil ta' fuq — minkejja li r-rata ta' prestazzjoni baxxa fil-kwartil ta' fuq hija għolja wkoll (24,3 % kontra d-9,3 % tal-UE). Barra minn hekk, l-eżiti edukattivi jvarjaw skont it-tip ta' skejjel, b'distakk bejn l-iskejjel privati u pubbliċi ekwivalenti għal aktar minn sentejn skolastiċi (ara l-Anness 13).

Filwaqt li għadhom taħt il-medja tal-UE, fl-2020 kien hemm żieda fl-indikaturi tal-inugwaljanza fl-introjtu. Fl-2020 il-proporzjon tal-introjtu riċevut totali mill-20 %

tal-popolazzjoni bl-ogħla introjtu kien 4,7 darbiet ogħla mill-proporzjon riċevut mill-20 % tal-popolazzjoni bl-anqas introjtu, meta mqabbel ma’ 4,2 darbiet fl-2019. Fil-livell ta’ 2,8 %, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-ispiża tal-akkomodazzjoni f’Malta hija waħda mill-aktar baxxi fl-UE (7,9 %). Madankollu, mill-2016 iċ-ċifra rdoppjat, u dan jirrifletti l-issikkar tas-suq tal-kiri kkawżat mill-bidliet fid-demografija tal-pajjiż. Iċ-ċittadini mhux tal-UE jħabbtu wiċċhom ma’ piż ħafna akbar b’rata ta’ 25 %, meta mqabbel mat-2,1 % taċ-ċittadini Maltin.

It-tisħiħ tas-sostenibbiltà fiskali

Fit-tul is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi ta’ Malta hija soġġetta għal ċerti sfidi. Żidiet sinifikanti fl-istennija tal-għomor u żieda fil-proporzjon tal-popolazzjoni anzjana ħafna ta’ ’l fuq minn 80 sena (minn 4,3 % tal-popolazzjoni totali fl-2019 għal madwar 13,2 % fl-2070) se jżidu n-nefqa fuq il-pensjonijiet, is-saħħa u l-kura fit-tul (ara l-Anness 19).

In-nefqa fuq il-pensjonijiet hija l-akbar raġuni għad-diffikultajiet kbar fuq is-sostenibbiltà fiskali. Fl-2019, l-infiq fuq il-pensjonijiet pubbliċi f’Malta kien ta’ 7,1 % tal-PDG, fost l-aktar baxxi fl-UE. Madankollu, skont it-2021 Ageing Report ([19]) (ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2021), in-nefqa pubblika fuq il-pensjonijiet hija mbassra li tiżdied għal 10,9 % tal-PDG sal-2070 (UE 11,7%), waħda mill-ogħla żidiet fl-UE, minħabba t-tixjiħ mgħaġġel li huwa mbassar flimkien ma’ nuqqas ta’ aġġustament tal-età statutorja tal-irtirar f’konformità maż-żidiet previsti fl-istennija tal-għomor. Skont ir-RRP, sa tmiem l-2022 mistenni li jiġi adottat pjan ta’ azzjoni biex jissaħħu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Dan isegwi r-rieżami tal-pensjoni li ġiet ippubblikata fi tmiem l-2020 u li ssir kull ħames snin.

In-nefqa pubblika fuq is-saħħa u l-kura fit-tul mistenni li jiżdied ukoll. In-nefqa tal-gvern fuq is-saħħa (minbarra n-nefqa fuq il-kura fit-tul) hija relattivament baxxa, 5,4 % tal-PDG (fl-UE 6,6 % tal-PDG fl-2019). Bejn issa u l-2070 ([20]) prevista li tiżdied bi 2,6 pps tal-PDG, u b’hekk taqbeż il-medja fit-tul tal-UE. In-nefqa pubbliku fuq il-kura fit-tul mistennija li aktar minn tirdoppja minn 1,1 % tal-PDG fl-2019 għal 3 % fl-2070 (ara l-Anness 14). Minbarra d-domanda dejjem tikber u l-iżviluppi fit-tixjiħ, iż-żieda fin-nefqa fuq is-saħħa hija xprunata wkoll minn dipendenza għolja fuq servizzi ta’ kura residenzjali istituzzjonali aktar għaljin (minkejja ż-żieda rreġistrata f’dawn l-aħħar snin fis-servizzi ta’ kura fid-dar u ta’ matul il-jum).

Graff 3.2: **Pagamenti tal-imgħax eżoġeni totali minn Stati Membri tal-UE u proporzjon li jmur lejn ċentri finanzjarji offshore**



Sors: Eurostat

Malta għadha tiddependi ħafna fuq it-taxxi korporattivi, li jimplika vulnerabbiltà ogħla għal xokkijiet ekonomiċi (ara l-Anness 17)**.** Fl-2020 il-proporzjon mit-taxxa korporattiva mid-dħul totali mit-taxxa (15,6 %) ([21]) baqa’ fost l-ogħla fl-UE. Dan jista’ jiġi spjegat parzjalment minn kumpaniji internazzjonali li qed jiġu attirati mis-sistema ta’ rifużjoni tat-taxxa ta’ Malta, li tippermetti lill-kumpaniji jnaqqsu r-rata tat-taxxa effettiva tagħhom minn 35 % (ir-rata

([19]) European Commission’s 2021 Ageing Report (https://ec.europa.eu/info/publications/2021-ageing-report-economic-and-budgetary-projections-eu-member-states-2019-2070_en ((Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2021 tal-Kummissjoni Ewropea))

([20]) Sors: 2021 Fiscal Sustainability Report (ir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali 2021)

([21]) Eurostat

tat-taxxa nominali) għal bejn 0 % u 10 % permezz ta' krediti ta' taxxa u rifużjonijiet ([22]). F'Ottubru 2021 Malta qablet mal-patt tal-OECD dwar it-taxxa korporattiva globali minima, li jiffissa t-taxxa minima tal-korporazzjonijiet kbar għal 15 %. Id-diskussjonijiet dwar id-direttiva tal-UE biex il-ftehim tal-OECD jiġi implimentat b'mod uniformi madwar l-UE għadhom għaddejjin.

Jista' jkun li r-regoli tat-taxxa korporattiva ta' Malta qed jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Stokk ta' investiment dirett barrani endoġenu u eżoġenu persistentement għoli (li huwa kważi esklużivament miżmum minn entitajiet bi skop speċjali) flimkien ma' livell għoli ta' pagamenti ta' dividendi u royalties bħala perċentwal tal-PDG (ara l-Graff 3.2) jagħtu x'jifhem li l-kumpaniji jużaw ir-regoli tat-taxxa ta' Malta (jiġifieri n-nuqqas ta' taxxi minn ras il-għajn jew miżuri difensivi oħra) biex jinvolvu ruħhom fi ppjanar aggressiv tat-taxxa.

Malta ħadet impenji importanti biex trażżan l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, iżda għad fadal nuqqasijiet sinifikanti. Minbarra l-implimentazzjoni ta' inizjattivi Ewropej u dawk miftehma internazzjonalment, Malta timpenja ruħha li tindirizza l-kwistjoni fir-RRP tagħha (ara t-Taqsima 2). Madankollu, ir-riformi tar-RRP ma jindirizzawx l-isfidi kollha ppreżentati mis-sistema tat-taxxa korporattiva attwali b'mod effettiv. It-trattament Malti ta' kumpaniji residenti mhux domiċiljati għadu jagħti opportunitajiet ta' nontassazzjoni doppja bejn Malta u l-maġġoranza tal-pajjiżi li magħhom Malta kkonkludiet trattat fiskali bilaterali u rifuġju fiskali għal ditti multinazzjonali ([23]). Id-dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva tal-2022 se tinkludi kwestjonarju ġdid biex tinġabar *data* dwar in-natura u l-iskala ta' din il-kwistjoni.

L-iskemi Maltija ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment għandhom riskju potenzjalment għoli li jintużaw ħażin. L-OECD innotat li dawn l-iskemi jiffaċilitaw il-ħabi tal-ġuriżdizzjonijiet reali ta' residenza (OECD, 2019b). Meta jintużaw bħala għodda biex jaħbu l-assi miżmuma barra mill-pajjiż milli jiġu rrapportati, jistgħu jintużaw għall-evażjoni tat-taxxa. Il-ġid maħżun offshore miċ-ċittadini Maltin huwa stmat li laħaq 50 % tal-PDG fl-2018, 16 pp aktar mill-medja tal-2001-2018. Bħala proporzjon mill-PDG nazzjonali, dan huwa t-tieni l-ogħla fl-UE (ECOPA, 2021). Impenn fir-RRP għall-iskambju spontanju ta' informazzjoni dwar applikanti ġodda tal-iskema taċ-ċittadinanza jista' jillimita, sa ċertu punt, l-evażjoni tat-taxxa internazzjonali min-naħa ta' individwi. Madankollu, dan se japplika biss għal applikanti futuri u mhux għal applikanti eżistenti, li jillimita l-effettività ġenerali tiegħu. Il-proċedura ta' ksur tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-iskema taċ-ċittadinanza b'investiment ta' Malta għadha għaddejja. F'Marzu 2022, Malta ssospendiet temporanjament l-applikazzjonijiet ta' ċittadini Russi u Belarussi għall-iskemi tagħha ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment minħabba l-iżviluppi reċenti matul l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.

It-titjib tal-produttività permezz tar-RuI

Il-prestazzjoni ta' Malta fl-innovazzjoni tjiebet matul dawn l-aħħar snin, iżda huma meħtieġa aktar sforzi. Prinċipalment, it-titjib kien dovut għall-iżviluppi fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni u l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni ([24]). Madankollu, ir-RuI għad għandu rwol limitat fl-ekonomija ta' Malta. B'waħda mill-aktar intensitajiet baxxi tar-RuI fost l-Istati Membri (fl-2020 in-nefqa fuq ir-RuŻ tammonta għal 0,67 % tal-PDG (ara l-

([22]) Deloitte, 2020

([23]) L-istruttura "kumpanija residenti mhux domiċiljata" hija arranġament fiskali meta ditta tkun inkorporata f'pajjiż partikolari iżda tkun amministrata f'Malta. Minħabba r-regola deċiżiva tal-konvenzjonijiet bilaterali tat-taxxa relatata mar-residenza, id-ditta titqies li tkun resident fiskali Malta, u b'hekk Malta fil-prinċipju tkun tista' tintaxxa l-profitti globali ta' dik id-ditta. Effettivament, minħabba li d-ditta tkun inkorporata barra minn Malta, Malta teżerċita din il-ġuriżdizzjoni tat-taxxa biss fir-rigward ta' profitti li jkunu ġew realizzati jew imħallsa lil Malta, filwaqt li l-profitti barranin li ma jkunux ġew imħallsa lil Malta (hekk imsejjaħ "dħul offshore") mhumiex soġġetti għat-taxxa f'Malta, li jwassal għal sitwazzjonijiet ta' nontassazzjoni doppja.

([24]) Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea 2021

Annessi 1 u 9), li jikklassifika fis-sitta u għoxrin post fl-UE), il-pajjiż għadu 'l bogħod milli jilħaq il-mira tan-nefqa tiegħu ta' 2 % tal-PDG. Ir-RRP jinkludi ċerti miżuri biex jinkoraġġixxu l-investiment fir-RuI. Madankollu, għad iridu jiġu indirizzati l-ostakli ewlenin biex ir-RuI jkollhom rwol akbar fl-iżvilupp ekonomiku ta' Malta u, fost l-oħrajn, isaħħu l-pożizzjoni ta' Malta fil-qasam tat-teknoloġiji diġitali avvanzati (bħall-intelliġenza artifiċjali, il-blockchain, l-internet tal-oġġetti, il-computing ta' prestazzjoni għolja), f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-pajjiż u l-istrateġiji mnedija f'dawn l-aħħar snin. Huma meħtieġa wkoll sforzi mmirati biex jiġu sfruttati aħjar it-teknoloġiji diġitali biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika (pereż. applikazzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika, il-ġestjoni tal-ilma, il-mobilità intelliġenti, it-turiżmu sostenibbli).

L-attività ta' RuI tal-kumpaniji għadha limitata. Fl-2020 Malta ġiet fl-erbgħa u għoxrin post fil-klassifika tan-nefqa tal-impriżi kummerċjali fuq ir-RuŻ (BERD). Malta għandha diversi skemi li jappoġġaw it-tkabbir tan-negozji ġodda u tal-SMEs. It-titjib tal-kapaċità ta' assorbiment tan-negozji jitlob valutazzjoni mill-ġdid tal-iskemi eżistenti ta' appoġġ għall-bidu ta' negozju, it-tfassil ta' pjattaforma ċara u kkoordinata għall-bidu ta' negozju, is-simplifikazzjoni ulterjuri tar-regolamenti u t-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs. Il-proporzjon mill-PDG tal-investimenti fil-kapital ta' riskju ta' Malta huwa fost l-aktar baxxi fl-UE. B'mod ġenerali, anki mezzi alternattivi oħra ta' finanzjament, bħal investituri informali u finanzjament kollettiv, għadhom mhux jiġu sfruttati.

In-nuqqas ta' ħiliet u talent ta' livell u relazzjonijiet dgħajfa bejn l-akkademja u n-negozju jfixklu l-innovazzjoni tan-negozju f'Malta. Malta klassifikat fis-sitta u għoxrin post fost l-Istati Membri f'termini tal-għadd ta' gradwati ġodda fix-xjenza u fl-inġinerija. Barra minn hekk, il-proporzjon ta' speċjalisti fl-ICT ilu jonqos b'mod kostanti f'Malta — minn 10 % fl-2014 għal 6 % fl-2019. Hemm ħtieġa urġenti li tiġi żviluppata sistema effettiva u komprensiva (mill-iskola sal-ogħla livell universitarju) biex tattira u żżomm individwi b'talent f'karrieri xjentifiċi u teknoloġiċi u tappoġġa l-iżvilupp tal-kompetenzi tagħhom. Barra minn hekk, l-evidenza tissuġġerixxi li Malta mhijiex tmur tajjeb f'termini ta' kooperazzjoni pubblika-privata fir-RuI, u indikatur minnhom jikklassifikaha fl-aħħar post fl-UE fir-RuI pubbliċi ffinanzjati min-negozji. L-iżgurar tad-disponibbiltà ta' talenti b'ħiliet għolja fir-RuI u l-iżvilupp ta' opportunitajiet għal kooperazzjoni pubblika-privata se jeħtieġu t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-prestazzjoni tal-bażi xjentifika pubblika, b'mod partikolari b'aktar riżorsi u l-iżvilupp ta' sħubiji strateġiċi.

L-SMEs Maltin għadhom lura fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni meta mqabbla ma' pari akbar. Il-kumpaniji Maltin, inklużi l-SMEs, jirreġistraw livell għoli ta' intensità diġitali u għandhom adozzjoni relattivament wiesgħa ta' teknoloġiji diġitali avvanzati bħall-analitika tal-*big data*, l-intelliġenza artifiċjali u l-*cloud computing* (ara l-Anness 8). Madankollu, teżisti diskrepanza sostanzjali bejn il-kumpaniji l-kbar u l-SMEs. Pereżempju, 49 % tal-kumpaniji l-kbar f'Malta għandhom livell għoli ta' intensità diġitali, filwaqt li fir-rigward tal-SMEs il-proporzjon huwa biss ta' 30 %. Għalkemm ir-RRP jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji, b'mod partikolari tal-SMEs, il-kontribut tiegħu biss mhux se jkun biżżejjed biex jitnaqqas id-distakk diġitali bejn il-kumpaniji żgħar u kbar. Barra minn hekk, minkejja l-ambizzjoni ta' Malta li ssir ċentru għat-teknoloġiji emerġenti, għadhom meħtieġa sforzi biex jippermettu l-potenzjal sħiħ tal-innovazzjoni tan-negozji tiegħu.

SEJBIET EWLENIN

Il-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza (Recovery and Resilence Plan, RRP) ta' Malta jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati sensiela ta' sfidi strutturali permezz ta':

- it-tisħiħ tal-indipendenza, l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ġudizzjarja, u t-titjib tal-oqfsa kontra l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus.
- it-tnaqqis tal-proporzjon għoli ta' dawk li jitilqu kmieni mill-iskola u ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet u ż-żieda fil-kwalità, ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol u l-inklużività tas-sistema edukattiva.
- l-indirizzar tad-disparità għolja fl-impjiegi bejn il-ġeneri.
- it-tisħiħ tad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku.
- it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa.
- it-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku, it-titjib il-kwalità tat-trasport pubbliku u t-titjib tal-mezzi ta' mobilità mhux motorizzata.

Lil hinn mir-riformi u l-investimenti fir-RRP, Malta tibbenefika minn:

- it-tisħiħ tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet, tas-saħħa u tal-kura fit-tul, filwaqt li tinżamm l-adegwatezza tagħhom.
- it-trażżin tal-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa li għadhom jintużaw.
- it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, b'mod partikolari mit-trasport u l-bini residenzjali, u ż-żieda fil-proporzjon tal-enerġija rinnovabbli.
- il-ħolqien ta' kundizzjonijiet effettivi biex jintlaħqu l-miri tal-UE muniċipali, tal-imballaġġ u tal-miżbliet fuq bażi sostenibbli.
- it-tisħiħ tal-adattament għall-klima, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji tal-għargħar.
- it-tisħiħ tal-innovazzjoni, billi titqawwa l-kooperazzjoni pubblika-privata u l-kundizzjonijiet biex jiġi attirat u jinżamm it-talent.
- l-iżgurar ta' protezzjoni soċjali adegwata u effettiva għall-gruppi żvantaġġati u t-trawwim tal-inklużjoni soċjali tat-tfal.

ANNESSI

LISTA TA' ANNESSI

Indikaturi tal-progress trażversali 23

Anness 1: L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli 23

Anness 2: Il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza — l-implimentazzjoni 25

Anness 3: Strumenti oħra tal-UE għall-irkupru u t-tkabbir 26

Anness 4: Progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 29

Is-Sostenibbiltà ambjentali 32

Anness 5: Il-Patt Ekoloġiku 32

Anness 6: L-impatt soċjali u fuq l-impjiegi tat-tranżizzjoni ekoloġika 37

Il-Produttività 39

Anness 7: L-effiċjenza tar-riżorsi u l-produttività 39

Anness 8: It-Tranżizzjoni diġitali 40

Anness 9: L-Innovazzjoni 42

Anness 10: L-industrija u s-suq uniku 44

Anness 11: L-Amministrazzjoni pubblika 47

L-ekwità 50

Anness 12: L-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi tal-politika soċjali fid-dawl tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali 50

Anness 13: L-edukazzjoni u l-ħiliet 52

Anness 14: Is-saħħa u s-sistemi tas-saħħa 54

Anness 15: Il-prestazzjoni ekonomika u soċjali fil-livell reġjonali 56

L-istabbiltà makroekonomika 57

Anness 16: L-iżviluppi ewlenin fis-settur finanzjarju 57

Anness 17: It-Tassazzjoni 58

Anness 18: Indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin 60

Anness 19: Analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn 61

LISTA TA' TABELLI

Tabella A2.1: Elementi ewlenin tar-RRP ta' Malta 25

Tabella A4.1: Tabella ta' sommarju dwar is-CSRs tal-2019,2020 u l-2021 30

Tabella A5.1: Indikaturi li jirfdu l-progress fuq il-Patt Ekoloġiku tal-UE minn perspettiva makroekonomika 35

Tabella A7.1: Indikaturi magħżula tal-effiċjenza fir-riżorsi 39

Tabella A8.1: L-Indikaturi Ewlenin għal-Indiċi tal-Ekonomija u tas-Soċjetà Diġitali 40

Tabella A9.1: Indikaturi ewlenin tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni 42

Tabella A10.1: Indikaturi Ewlenin tas-Suq Uniku u l-Industrija 45

Tabella A11.1: L-indikaturi tal-amministrazzjoni pubblika — Malta 48
Tabella A12.1: It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ta' MALTA 50
Tabella A13.1: Il-miri fil-livell tal-UE u l-indikaturi kuntestwali oħra skont il-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni 52
Tabella A14.1: Indikaturi tas-saħħa ewlenin 54
Tabella A15.1: Tkabbir tal-PDG fir-reġjuni 56
Tabella A16.1: L-indikaturi tas-suq finanzjarju 57
Tabella A17.1: Indikaturi dwar it-tassazzjoni 58
Tabella A18.1: Indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin 60
Tabella A19.1: Analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn ta' Malta 61
Tabella A19.2: Mappa termika tar-riskji għas-sostenibbiltà fiskali ta' Malta 62

LISTA TA' GRAFFS

Graff A1.1: Il-progress ta' Malta fl-ilħuq tal-SDGs - Il-progress ta' dawn l-aħħar ħames snin. 23
Graff A2.1: Il-proporzjon tal-fondi tar-RRF li jikkontribwixxu għal kull pilastru tal-politika 25
Graff A3.1: Baġit totali tal-FSIE 2014–2020 fond b'fond (biljuni ta' EUR, %) 26
Graff A3.2: Il-kontribuzzjoni tal-politika ta' koeżjoni għall-SDGs (f'biljuni ta' EUR) 27
Graff A4.1: Il-progress ta' Malta fuq is-CSRs tal-2019–2020 (iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2022) 29
Graff A5.1: L-aspetti fiskali tat-tranżizzjoni ekoloġika It-tassazzjoni u n-nefqa tal-gvern fuq il-ħarsien tal-ambjent 32
Graff A5.2: Tema — Enerġija Il-proporzjon fit-taħlita enerġetika (solidi, żejt, gass, nukleari, rinnovabbli 33
Graff A5.3: Tema — Il-Bijodiversità Żoni terrestri protetti u biedja organika 34
Graff A5.4: Tema — Il-Mobilità Il-proporzjon ta' vetturi b'emissjonijiet żero (% ta' reġistrazzjonijiet ġodda) 34
Graff A6.1: L-Isfidi ta' tranżizzjoni ekoloġika ġusta 37
Graff A6.2: Il-faqar enerġetiku skont id-deċil tal-introjtu 38
Graff A11.1: Il-Maturità tad-*Data* Miftuħa 47
Graff A11.2: Il-prestazzjoni fuq l-indikatur tal-akkwist pubbliku tas-suq uniku 47
Graff A13.1: Dawk li għandhom livell baxx fil-qari skont l-istatus soċjoekonomiku tal-istudenti (ESCS), 2018 53
Graff A14.1: L-istennija tal-għomor mat-twelid (snin) 54
Graff A14.2: Iż-żieda mbassra fin-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa matul l-2019–2070 55
Graff A15.1: VMG reali għal kull ħaddiem 56
Graff A17.1: Indikaturi tal-porzjon ta' taxxa 59

ANNESS 1: L-GĦANIJIET TA' ŻVILUPP SOSTENIBBLI

Dan l-anness jivvaluta l-progress ta' Malta fl-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tul l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Is-17-il SDG u l-indikaturi relatati tagħhom jipprovdu qafas ta' politika skont l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-għan huwa li jintemmu l-forom kollha ta' faqar, jiġu miġġielda l-inugwaljanzi u jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, filwaqt li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma kommessi favur dan il-ftehim qafas globali storiku u lesti li jaqdu rwol attiv fil-massimizzazzjoni tal-progress fuq l-SDGs. Il-Graff A1.1 hija bbażata fuq is-sett ta' indikaturi tal-SDGs tal-UE li ġie żviluppat biex jimmonitorja l-progress fuq l-SDGs f'kuntest tal-UE.

Filwaqt li Malta għandha prestazzjoni tajba ħafna (SDG 7) jew qed titjieb (SDG 2, 9, 12, 13) dwar diversi indikaturi tal-SDGs relatati mas-sostenibbiltà ambjentali, għad trid tagħmel progress fir-rigward tal-SDG 11. Għalkemm il-konsum globali tal-enerġija ta' Malta huwa taħt il-medja tal-UE, fl-2020 il-proporzjon tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija kien ta' 10,7 %, li huwa anqas minn nofs il-medja tal-UE fl-2020 (22,1 %). Barra minn hekk, ir-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart muniċipali hija ferm taħt il-medja tal-UE (10,5 % kontra l-UE 47,8 % fl-2020). Diversi miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP), bħar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika ta' bini privat u pubbliku, l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli fit-toroq u fl-ispazji pubbliċi, il-miżuri li jippromwovu l-mobilità sostenibbli, u r-riforma tas-sistema tal-ġbir tal-iskart, għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal effiċjenza enerġetika aħjar, enerġija nadifa, trasport sostenibbli, u ekonomija ċirkolari.

Malta għandha prestazzjoni tajba ħafna (SDGs 1, 3, 8), tajba (SDG 10) jew qed ittejjeb (SDG 2, 4, 5) l-indikaturi tal-SDGs li jivvalutaw l-*ekwità* tas-soċjetà u l-ekonomija. ([25]) Dwar "Edukazzjoni ta' kwalità" (SDG 4), għalkemm xorta għadha ogħla mill-medja tal-UE (9,7 %), fl-2021 Malta naqqset b'mod

Graff A1.1: **Il-progress ta' Malta fl-ilħuq tal-SDGs - Il-progress ta' dawn l-aħħar ħames snin.**



Għal settijiet ta' *data* dettaljati dwar id-diversi SDGs ara r-rapport annwali tal-ESTAT "Sustainable Development in the European Union" (L-iżvilupp sostenibbli fl-Unjoni Ewropea), https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-statistical-books/-/KS-03-21-096. *Data* estensiva speċifika għall-pajjiż dwar il-progress fuq terminu qasir tal-Istati Membri tinsab hawnhekk: Sejbiet ewlenin — Indikaturi tal-iżvilupp sostenibbli — Eurostat (europa.eu)
Sors: Eurostat, l-aħħar aġġornament tat-28 ta' April 2022. Id-*data* tirreferi prinċipalment għall-2015–2020 u għall-2016–2021

([25]) Għal aktar informazzjoni ara l-Anness 12 - L-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi tal-politika soċjali fid-dawl tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

sinifikanti l-proporzjon ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ minn 15,6 % (2016) għal 11 % u r-rata tal-edukazzjoni terzjarja żdiedet b'mod kostanti minn 34,3 % fl-2016 għal 42,4 % fl-2021 (meta mqabbla mal-41,2 % tal-UE). Madankollu, għad hemm lok għal titjib tal-livelli tal-ħiliet bażiċi (35,9 % ta' dawk li għandhom 15-il sena bi prestazzjoni baxxa fil-qari meta mqabbla mat-22,5 % fl-UE fil-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) 2018). Barra minn hekk, id-diskrepanza fl-impjiegi bejn il-ġeneri hija partikolarment għolja f'Malta (16,8 pp kontra 10.8 pp tal-UE fl-2021). Ir-riformi u l-investimenti taħt il-komponent 5 tar-RRP Malti jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-miżuri ta' prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola u l-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità, l-espansjoni tal-opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-adulti kollha, u b'mod partikolari għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet, kif ukoll il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

Malta għandha prestazzjoni tajba ħafna (SDG 8) jew qed titjieb (SDG 4, 9) dwar l-indikaturi tal-SDGs relatati mal-*produttività*. Bi proporzjon ta' 61 % tal-adulti (ta' bejn is-16 u l-74 sena) b'mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2021, il-prestazzjoni ta' Malta hija konformi mal-medja tal-UE (54 %). Malta għandha prestazzjoni tajba ħafna fir-rigward ta' "Xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku" (SDG 8) u qed tagħmel progress fl-"Industrija, innovazzjoni, u infrastruttura" (SDG 9). Madankollu, fl-2020 Malta nefqet biss 0,67 % tal-PDG fuq ir-RuŻ u għandha waħda mill-iżgħar nefqiet fuq ir-RuŻ fl-UE. Barra minn hekk, fl-2020 il-proporzjon tal-persunal fir-RuŻ fil-popolazzjoni attiva (0,68 %) għadu ferm taħt il-medja tal-UE (1,44 %). Ir-RRP jimmira lejn l-ostakli speċjalment fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni biex isir aktar progress fuq dawn l-SDGs.

Malta għandha prestazzjoni tajba ħafna fuq l-indikaturi tal-SDGs relatati mal-*istabbiltà makroekonomika* (SDG 8, 16). Malta kompliet iżżid ir-rata tal-impjiegi minn 71,1 % fl-2016 għal 78,6 % fl-2021, li hija għolja ħafna meta mqabbla mal-medja tal-UE (73,1 % fl-2021). Malta tejbet il-punteġġi fuq l-indikaturi li jkejlu "Paċi, ġustizzja, u istituzzjonijiet b'saħħithom" (SDG 16). Ir-RRP jinkludi riformi biex jiġu indirizzati diversi sfidi istituzzjonali li ilhom jeżistu fl-oqsma tal-ġustizzja kif ukoll il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF) hija ċ-ċentru tal-isforzi tal-UE biex tappoġġa l-irkupru tagħha mill-pandemija tal-COVID-19, tgħaġġel it-tranżizzjoni doppja u ssaħħaħ ir-reżiljenza kontra xokkijiet futuri. Malta ppreżentat il-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza (RRP) tagħha fit-13 ta' Lulju 2021. Il-Kummissjoni tagħtu valutazzjoni pożittiva fis-16 ta' Settembru 2021 u l-Kunsill approvah fil-5 ta' Ottubru 2021, li witta t-triq għall-iżborż ta' EUR 316-il miljun f'għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza matul l-2021–2026. Il-ftehim ta' finanzjament ġie ffirmat fl-10 ta' Diċembru 2021. L-elementi ewlenin tar-RRP ta' Malta huma spjegati fit-Tabella A2.1. Il-proporzjon tal-fondi li jikkontribwixxu għal kull wieħed mis-sitt pilastri ta' politika tar-RRF jinsab spjegat fil-Graff A2.1 ta' hawn taħt.

Tabella A2.1: **Elementi ewlenin tar-RRP ta' Malta**

Allokazzjoni totali	EUR 316,4-il miljun f'għotjiet (2,3% jew il-PDG tal-2019)
Investimenti u Riformi	17-il investiment u 30 riforma
Għadd totali ta' Objettivi Intermedji u Miri	138
Impatt makroekonomiku stmat (1)	Tisħiħ tal-PDG b'0.7% -1.1% sal-2026 (0.4% in effetti konsegwenzjali)
Prefinanzjament żborżat	EUR 41.1 miljun (Diċembru 2021)
L-ewwel pagament parzjali	Malta għadha ma ppreżentatx talba għall-ewwel pagament

([1]) Ara Pfeiffer P., Varga J. u f''t Veld J. (2021), "Quantifying Spillovers of NGEU investment", European Economy Discussion Papers, Nru. 144 u Afman et al. (2021), "An overview of the economics of the Recovery and Resilience Facility", Quarterly Report on the euro area (QREA), Vol. 20, Nru. 3 pp. 7-16.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, 2022

Graff A2.1: **Il-proporzjon tal-fondi tar-RRF li jikkontribwixxu għal kull pilastru tal-politika**



Nota tal-graff: Kull miżura tikkontribwixxi għal żewġ oqsma ta' politika tas-sitt pilastri, għalhekk il-kontribuzzjoni totali għall-pilastri kollha f'din it-tabella tammonta għal 200 % sa 200 % tal-ispiża stmata tar-RRP Malti. Il-parti ta' isfel tirrappreżenta l-ammont tal-pilastru primarju, il-parti ta' fuq tal-ammont tal-pilastru sekondarju.
https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html
Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tar-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Il-baġit tal-UE ta' aktar minn EUR 1,2 triljun għall-2021–2027 jiġġenera l-investiment li jgħin fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE. Il-baġit huwa mirfud minn ammont addizzjonali ta' madwar EUR 800 biljun min-NextGenerationEU u mill-aktar strument tiegħu, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jirrappreżenta qawwa sinifikanti li tappoġġa l-irkupru u t-tkabbir sostenibbli.

Graff A3.1: **Baġit totali tal-FSIE 2014–2020 fond b'fond (biljuni ta' EUR, %)**



Nota: biljun ta' EUR fi prezzijiet attwali,% tat-total
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, *Data* Miftuħa dwar il-Koeżjoni

Fl-2021-2027 il-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE (26) se jappoġġaw l-objettivi tal-iżvilupp fuq żmien twil f'Malta permezz ta' investiment ta' EUR 0,86 biljun(27) inkluż EUR 23,3 miljun mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (28) biex jittaffew l-impatti soċjoekonomiċi tat-tranżizzjoni ekoloġika fl-aktar reġjuni vulnerabbli. Il-politika ta' koeżjoni għall-2021–2027 tiffinanzja l-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għall-2019–2020 (ara l-Anness 4 wkoll) u l-gwida għall-investiment li ngħatat bħala parti mis-Semestru Ewropew, biex jiġu żgurati sinerġiji u komplementarjetajiet ma' finanzjament ieħor tal-UE. Barra minn hekk, Malta se tibbenefika minn appoġġ mill-Politika Agrikola Komuni (29) ta' EUR 0,1 biljun għall-perjodu 2023–27 biex jappoġġa s-sostenibbiltà u l-innovazzjoni soċjali, ambjentali u ekonomika fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, filwaqt li jikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew (30), u jiżgura s-sigurtà tal-ikel fit-tul.

Fl-2014–2020, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) għal Malta mistennija jinvestu EUR 0,99 biljun(31) mill-baġit tal-UE. L-investiment totali inkluż il-finanzjament nazzjonali jammonta għal EUR 1,20 biljun (il-Graff A3.1), li jirrappreżenta madwar 1,54 % tal-PDG għall-2014–2020 u 29,97 % tal-investiment pubbliku (32). Sal-31 ta' Diċembru 2021, 95 % tat-total ġie allokat għal proġetti speċifiċi u 54 % ġie rrappurtat li ntefaq, li ħalla EUR 0,55 biljun x'jintefqu sa tmiem l-2023 (33). Fost il-11-il objettiv, l-aktar objettivi rilevanti għall-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni f'Malta huma l-ħarsien tal-ambjent u l-effiċjenza fir-riżorsi, l-infrastruttura tan-network u t-trasport, l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni tal-ambjent. Sa tmiem l-2020, l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni appoġġaw it-tnaqqis ta' aktar minn 20 000 tunnellata ta' emissjonijiet tas-CO_2, il-provvista tal-ilma lil 32 000 persuna oħra, il-produzzjoni ta' 22 MW ta' enerġija rinnovabbli u servizzi tas-saħħa mtejba għal 460 000 ċittadin. Barra minn hekk, 39 000 persuna pparteċipaw fi proġett iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew, li minnhom aktar minn 8 400 kisbu kwalifika u kważi 5 000 sabu impjieg jew kienu qed ifittxu impjieg.

Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni diġà jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-objettivi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). F'Malta, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni jappoġġaw disgħa mis-17-il SDG b'perċentwal ta'

(26) Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew + (FSE +), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), Interreg.

(27) Prezzijiet attwali, sors: Data Miftuħa dwar il-Koeżjoni

(28) Għal aktar informazzjoni: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/find-funding/eu-funding-programmes/just-transition-fund_mt

(29) Għal aktar informazzjoni: https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/new-cap-2023-27_en

(30) Għal aktar informazzjoni: https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt

(31) Il-FSIE jinkludi fondi tal-politika ta' koeżjoni (FEŻR, FSE +, FK, Interreg) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS). Skont ir-"regola N + 3", il-fondi impenjati għall-2014–2020 iridu jintefqu sa mhux aktar tard mill-2023 (sal-2025 fir-rigward tal-FAEŻR). Sors tad-*data*: *Data* Miftuħa dwar il-Koeżjoni, data ta' skadenza 31.12.2021 għall-FEŻR, il-FSE +, il-FK, l-Interreg; data ta' skadenza għall-FAEŻR u l-FEMS 31.12.2020.

(32) L-investiment pubbliku huwa l-formazzjoni grossa tal-kapital fiss flimkien mat-trasferimenti tal-kapital, il-gvern ġenerali.

(33) Inkluż ir-REACT-EU. Data dwar l-FSIE fuq https://cohesiondata.ec.europa.eu/countries/MT

mhux aktar minn 94 % tan-nefqa li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet.

Graff A3.2: **Il-kontribuzzjoni tal-politika ta’ koeżjoni għall-SDGs (f’biljuni ta’ EUR)**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, DĠ REGIO

L-istrument REACT-EU (Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa) tan-NextGenerationEU pprovda EUR 111,2-il miljun f’finanzjament addizzjonali għall-allokazzjonijiet tal-politika ta’ koeżjoni 2014–2020 għal Malta ([34]) biex jiġi żgurat irkupru bbilanċjat, tingħata spinta lill-konverġenza u jingħata appoġġ vitali lir-reġjuni wara t-tifqigħa tal-coronavirus. Is-segment REACT-EU 2021 ta kontribuzzjoni għall-iskemi ta’ xogħol b’ħinijiet aqsar f’Malta. Is-segment tal-2022 se jappoġġa l-akkwist ta’ tagħmir mediku ta’ teknoloġija avvanzata.

L-inizjattiva ta’ Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus([35]) tat l-ewwel appoġġ ta’ emerġenza tal-UE lil Malta biex tindirizza l-pandemija tal-COVID-19. Introduċiet flessibbiltà straordinarja li tippermetti lil Malta tirrialloka r-riżorsi għall-ħtiġijiet immedjati fis-saħħa pubblika (EUR 15-il miljun għax-xiri ta’ vaċċini u tagħmir tal-kura tas-saħħa) u għan-negozji (EUR 35 miljun f’kapital operatorju għall-SMEs u miżuri ta’ appoġġ għall-impjiegi).

Malta rċeviet appoġġ mill-istrument Ewropew għall-appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta’ qgħad f’emerġenza (SURE) biex tiffinanzja miżuri simili dwar skemi ta’ xogħol b’ħinijiet aqsar u, bħala miżuri anċillari, miżuri relatati mas-saħħa. Il-Kunsill ta assistenza finanzjarja mill-istrument SURE lil Malta f’Settembru 2020 u filwaqt li f’April 2021 ta appoġġ supplimentari ta’ mhux aktar minn EUR 420 miljun ([36]), li ġie żborżat sal-25 ta’ Mejju 2021. SURE huwa stmat li appoġġa madwar 35 % mill-ħaddiema u 30 % mid-ditti għal mill-anqas xahar wieħed fl-2020 u 35 % mill-ħaddiema u 25 % mid-ditti fl-2021, primarjament fl-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel, fil-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, u fis-servizzi amministrattivi. Huwa stmat li Malta ffrankat total ta’ EUR 0,04 biljun fuq pagamenti tal-imgħax minħabba r-rati tal-imgħax aktar baxxi ta’ SURE ([37]).

Mill-2017 Malta ngħatat assistenza permezz ta’ 46 proġett ta’ appoġġ tekniku. Il-proġetti mwettqa fl-2021 kellhom l-għan, pereżempju, li jfasslu strateġija ta’ żvilupp sostenibbli u pjan ta’ azzjoni u jtejbu l-inklużjoni tal-istudenti migranti fl-edukazzjoni. Il-Kummissjoni għenet ukoll lil Malta fl-implimentazzjoni ta’ riformi u investimenti speċifiċi fir-RRP, pereżempju dwar il-protezzjoni kostali u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni marittima ta’ Malta. Fl-2022 se jibdew joperaw proġetti ġodda li se jappoġġaw, fost l-oħrajn, il-mewġa ta’ rinnovazzjoni tal-bini pubbliku permezz tal-iżvilupp ta’ titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija, linji gwida, metodoloġiji u bini tal-kapaċitajiet.

Malta tibbenefika wkoll minn programmi oħra tal-UE. Dawn jinkludu l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ([38]), li allokat finanzjament mill-UE ta’ EUR 71,1 miljun lil proġetti speċifiċi dwar in-networks strateġiċi tat-trasport u l-Orizzont 2020 ([39]), li alloka finanzjament mill-UE ta’ EUR 37,2 miljun.

([34]) Għal aktar informazzjoni: https://cohesiondata.ec.europa.eu/stories/s/REACT-EU-Fostering-crisis-repair-and-resilience/26d9-dqzy/

([35]) Ir-riallokazzjoni tar-riżorsi tal-FSIE skont ir-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-30 ta’ Marzu 2020, u r-Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2020.

([36]) Sors: https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/economic-and-fiscal-policy-coordination/financial-assistance-eu/funding-mechanisms-and-facilities/sure_mt

([37]) Għal aktar informazzjoni: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/find-funding/eu-funding-programmes/technical-support-instrument/technical-support-instrument-tsi_en#:~:text=The%20Technical%20Support%20Instrument%20(TSI,co%2Dfinancing%20from%20Member%20States.

([38]) Għal aktar informazzjoni: https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility

([39]) Għal aktar informazzjoni: https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-2020_en

ANNESS 4: PROGRESS FL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻ

Il-Kummissjoni vvalutat ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi 2019-2021 (CSRs, country-specific recommendations) ([40])indirizzati lil Malta fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-valutazzjoni tqis l-azzjoni ta' politika meħuda minn Malta sal-lum ([41]), kif ukoll l-impenji fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) ([42]). F'dan l-istadju bikri tal-implimentazzjoni tar-RRP, b'mod ġenerali 74 % tas-CSRs li jiffukaw fuq kwistjonijiet strutturali fl-2019 u fl-2020 irreġistraw mill-anqas "xi progress", filwaqt li 26 % rreġistraw "limitat" (ara l-Graff A4.1). Fis-snin li ġejjin mistenni li jsir aktar progress konsiderevoli fl-indirizzar tas-CSRs strutturali bl-issoktar tal-implimentazzjoni tar-RRP.

Graff A4.1: **Il-progress ta' Malta fuq is-CSRs tal-2019–2020 (iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2022)**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

([40]) CSRs tal-2021: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32021H0729%2818%29&qid=1627675454457
CSRs tal-2020: https://eur-lex.europa.eu/search.html?textScope0=ti&lang=en&scope=EURLEX&qid=1526385017799&type=quick&AU_CODED=CONSIL&DD_YEAR=2020&andText0=recommendation&DD_MONTH=07
CSRs tal-2019: https://eur-lex.europa.eu/search.html?textScope0=ti&lang=en&scope=EURLEX&qid=1526385017799&type=quick&AU_CODED=CONSIL&DD_YEAR=2019&andText0=recommendation&DD_MONTH=07

([41])) Inkluża azzjoni ta' politika rrapportata fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma, kif ukoll fir-rapportar tar-RRF (rapportar biannwali dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri u li jirriżulta mill-valutazzjoni tat-talba għall-pagament).

([42])) L-Istati Membri ntalbu jindirizzaw b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom li nħarġu mill-Kunsill fl-2019 u fl-2020 fir-RRPs tagħhom. Il-valutazzjoni tas-CSR ippreżentata hawnhekk tqis il-grad ta' implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fir-RRP u ta' dawk li saru barra mill-RRP matul il-valutazzjoni. Il-miżuri previsti fl-anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill adottata dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tar-RRP li għadhom ma ġewx adottati jew implimentati iżda li huma meqjusa bħala mħabbra b'mod kredibbli, f'konformità mal-metodoloġija ta' valutazzjoni tas-CSR, jiġġustifikaw "progress limitat". Ladarba jiġu implimentati, dawn il-miżuri jistgħu jwasslu għal "xi progress/progress sostanzjali" jew "implimentazzjoni sħiħa", skont ir-rilevanza tagħhom.

Tabella A4.1: **Tabella ta' sommarju dwar is-CSRs tal-2019,2020 u l-2021**

Malta	**Valutazzjoni f'Mejju 2022***	**Kopertura tas-CSRs sal-2026 fl-RRP**
2019 CSR1	**Progress Limitat**	
L-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjoni, fosthom permezz bir-restrizzjoni tal-irtirar kmieni u l-aġġustament tal-età statutorja tal-irtirar fid-dawl tat-tisħiħ tal-istennija tal-għomor.	Progress Limitat	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2022 sal-2025.
2019 CSR 2	**Ċertu Progress**	
L-indirizzar tal-karattertistiċi tas-sistema tat-taxxa li tista' tiffiċilita l-ippjanar aggressiv tat-taxxa min-naħa ta' individwi u kumpaniji multinazzjonali, partikolarment permezz ta' pagamenti li jsiru.	Progress Limitat	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2022 sal-2024.
It-tisħiħ tal-qafas tal-governanza kumplessiv, inkluż billi jissoktaw l-isforzi għall-qbid u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni.	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2020 sal-2026.
L-issoktar tal-progress li jinsab għaddej dwar it-tisħiħ tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus, partikolarment fir-rigward tal-infurzar.	Progress Sostanzjali	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2022 sal-2023.
It-tisħiħ tal-indipendenza tal-ġudikatura, partikolarment għall-ħatriet u t-tkeċċijiet ġudizzjarji, u l-ħolqien ta' servizz separat għall-prosekuzzjonijiet.	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2026.
2019 CSR 3	**Ċertu Progress**	
L-enfasi tal-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni,	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2022 sal-2026.
il-ġestjoni tar-riżorsi naturali,	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2025.
l-effiċjenza tar-riżorsi u tal-enerġija	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2026.
it-trasport sosteniggli, it-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2025.
edukazzjoni u taħriġ inklużiv	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2025.
2020 CSR1	**Progress Sostanzjali**	
Jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha, b'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex il-pandemija tal-COVID-19 tiġi indirizzata b'mod effettiv, għas-sostenn tal-ekonomija u għall-appoġġ tal-irkupru. Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu jiġu segwiti l-politiki fiskali bil-għan li jinskisbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jissaħħaħ l-investiment.	CSR li ma għadhiex rilevanti	Mhux applikabbli
It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa fir-rigward tas-saħħa tal-ħaddiema, il-prodotti mediċi kritiċi u l-kura primarja.	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2026.
2020 CSR2	**Progress Limitat**	
Il-konsolidazzjoni tal-arranġamenti ta' xogħol b'ħinijiet aqsar u l-iżgurar tal-adegwatezza tal-protezzjoni tal-ħaddiema kollha mill-qgħad.	Progress Limitat	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2022.
It-tisħiħ tal-kwalità u tal-inklużività tal-edukazzjoni u tal-iżvilupp tal-ħiliet.	Progress Limitat	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2025.

(Tkompli fil-paġna li jmiss)

Tabella (tkompli)

2020 CSR 3	**Ċertu Progress**	
L-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva ta' appoġġ ta' likwidità lin-negozji milquta, fosthom lil dawk li jaħdmu għal rashom.	Progress Sostanzjali	
Il-frontloading ta' proġetti maturi ta' investiment pubbliku	Progress Sostanzjali	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2026.
u l-promozzjoni tal-investiment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku.	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2026.
L-iffokar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, partikolarment għall-produzzjoni u l-użu ta' enerġija nadifa u effiċjenti,	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2026.
it-trasport sostenibbli,	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2025.
il-ġestjoni tal-iskart,	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2025.
ir-riċerka u l-innovazzjoni.	Progress Limitat	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2022 sal-2026.
kif ukoll infrastruttura diġitali msaħħa għall-għoti ta' servizzi essenzjali.	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2021 sal-2026.
2020 CSR 4	**Ċertu Progress**	
L-iffinalizzar tar-riformi li jindirizzaw in-nuqqasijiet attwali fil-kapaċità istituzzjonali u l-governanza għat-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja.	Ċertu Progress	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2020 sal-2026.
L-issoktar tal-isforzi għall-valutazzjoni u l-mitigazzjoni xierqa tal-qafas tar-riskji tal-ħasil tal-flus.	Progress Sostanzjali	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2022 u l-2023.
It-tisħiħ tal-azzjoni biex jiġu indirizzati l-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa min-naħa ta' individwi u kumpaniji multinazzjonali.	Progress Limitat	Miżuri rilevanti fl-RRP ippjanati mill-2022 sal-2024.
2021 CSR1	**Ċertu Progress**	
Fl-2022, iż-żamma ta' pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, fosthom l-imbuttatura li tingħata mill-Faċilità ta' Rkupru u Reżiljenza, u l-ħarsien tal-investiment iffinanzjat mill-pajjiż innifsu.	Ċertu Progress	Mhux applikabbli
Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jkunu jippermettu, tiġi segwita politika fiskali li timmira li tikseb pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq it-terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju.	Ċertu Progress	Mhux applikabbli
Fl-istess waqt, it-tisħiħ tal-investiment biex jitkattar il-potenzjal tat-tkabbir. Tingħata attenzjoni partikolari għall-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi, kemm fuq in-naħa tad-dħul u fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit nazzjonali, u għall-kwalità ta' miżuri baġitarji biex jiġi żgurat irkupru sostenibbli u inklużiv. Il-prijoritizzazzjoni tal-investiment sostenibbli u li jkattar it-tkabbir, partikolarment investiment li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.	Ċertu Progress	Mhux applikabbli
Il-prijoritizzazzjoni tar-riformi fiskali strutturali li se jgħinu biex jiffinanzjaw il-prijoritajiet ta' politika pubblika u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi fosthom, fejn rilevanti, permezz tat-tisħiħ tal-kopertura, tal-adegwatezza u tas-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali.	Ċertu Progress	Mhux applikabbli

* Ara n-nota 42 f'qiegħ il-paġna.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prosperuża, b'ekonomija moderna, kompetittiva, li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, mingħajr emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Dan l-anness joffri stampa tal-aktar żviluppi sinifikanti u ekonomikament rilevanti f'Malta fl-elementi rispettivi li jibnu l-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan huwa kkomplementat mill-Anness 6 dwar l-impatt soċjali u fuq l-impjiegi tat-tranżizzjoni ekoloġika u l-Anness 7 għall-aspetti tal-ekonomija ċirkolari tal-Patt Ekoloġiku.

Graff A5.1: **L-aspetti fiskali tat-tranżizzjoni ekoloġika**
It-tassazzjoni u n-nefqa tal-gvern fuq il-ħarsien tal-ambjent



Sors: Eurostat

Malta għandha l-ogħla diskrepanza relattiva ta' kwalunkwe Stat Membru fir-rigward tal-mira tagħha li tnaqqas l-gassijiet b'effett ta' serra għall-2030 skont ir-Regolament tal-UE dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR, Effort Sharing Regulation) [43]. L-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (greenhouse gases) GHG) tal-ekonomija Maltija naqset bejn l-2015 u l-2020 (f'termini ta' valur miżjud gross) u hija 30 % anqas mill-medja tal-UE. L-impronta medja tal-karbonju għal kull ħaddiem hija ta' 7,18 tunnellati ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u hija relattivament baxxa (13,61 fl-UE). Sal-2020 l-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra ta' Malta (minbarra l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (land use, land-use change and forestry, LULUCF), inkluża l-avjazzjoni internazzjonali) kienu naqsu b'mod sinifikanti b'madwar 19 % meta mqabbla mal-1990. Malta beħsiebha tuża l-flessibilitajiet tad-Deċiżjoni tal-UE dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESD, Effort Sharing Decision) [44] biex tilħaq il-mira tagħha għall-2020 għas-setturi koperti mill-ESD, bħall-bini, it-trasport bit-triq, l-agrikoltura, l-industrija żgħira u l-iskart. B'mod partikolari, l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq żdiedu b'mod sinifikanti mill-1990 lil hawn. Filwaqt li l-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima (NECP, National Energy and Climate Plan) ta' Malta jistabbilixxi miżuri għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għall-adattament għal klima li qed tinbidel, dan ma jilħaqx il-mira tal-ESR ta' Malta għall-2030. Malta hija l-aktar Stat Membru li għadha lura fl-ilħuq relattiv tal-mira tagħha tal-ESR għall-2030. Fil-pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tagħha, Malta talloka 53,8 % mill-fondi disponibbli (madwar EUR 170 miljun) għall-objettivi klimatiċi u ambjentali u tiddeskrivi riformi u investimenti kruċjali biex tkompli t-tranżizzjoni ekoloġika. Miżuri addizzjonali huma inklużi fl-Istrateġija ta' Żvilupp b'Emissjonijiet Baxxi ta' Karbonju li se tkompli tindirizza l-kisba tal-mira klimatika għall-2030 u twitti t-triq għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Filwaqt li dawn ir-riformi u l-investimenti jintlaqgħu tajjeb, dawn se jkollhom bżonn jiġu kkomplementati b'miżuri addizzjonali biex Malta tilħaq l-objettivi klimatiċi tagħha.

L-indikaturi fiskali ta' Malta juru li d-dħul mit-tassazzjoni ambjentali u n-nefqa tal-gvern fuq il-ħarsien tal-ambjent huma ogħla mill-medja tal-UE, b'din tal-aħħar tkun ferm ogħla. Id-dħul ta' Malta mit-taxxi ambjentali totali naqas minn 2,70 % tal-PDG fl-2015 għal 2,46 % fl-2019, u mbagħad għal 2,27 % fl-2020, li għadu kemxejn ogħla mill-medja tal-UE ta' 2,24 %. Id-dazji tas-sisa fuq il-fjuwil, li normalment jipprovdu l-biċċa l-kbira tad-dħul mit-taxxi fuq l-enerġija, huma moderati. Il-Gvern Malti jonfoq proporzjon akbar min-nefqa tiegħu fuq il-ħarsien ambjentali milli fl-UE b'mod ġenerali (ara l-Figura 1). It-tliet

(43) Ir-Regolament (UE) 2018/ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (europa.eu)

(44) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (europa.eu)

indikaturi kollha naqsu mill-2015 lil hawn, filwaqt li s-sussidji għall-fjuwils fossili baqgħu stabbli maż-żmien. Għal aktar indikaturi dwar it-tassazzjoni, ara l-Anness 17.

Graff A5.2: **Tema — Enerġija**
Il-proporzjon fit-taħlita enerġetika (solidi, żejt, gass, nukleari, rinnovabbli



(1) It-taħlita tal-enerġija hija bbażata fuq il-konsum intern gross, u teskludi s-sħana u l-elettriku. Il-proporzjon ta' sorsi rinnovabbli jinkludi bijofjuwils u skart mhux rinnovabbli.
Sors: Eurostat

Malta għandha wieħed mill-aktar proporzjonijiet baxxi ta' sorsi rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija fl-UE - tabilħaqq is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jirrappreżentaw 8 % tal-konsum intern gross tal-enerġija. Filwaqt li l-faħam ma huwiex parti mit-taħlita tal-enerġija, bħalissa Malta tiddependi ħafna fuq sorsi tal-enerġija mhux rinnovabbli (92 % tal-konsum tal-enerġija gross intern tagħha fl-2020, biż-żejt li laħaq proporzjon ta' 48 % u l-gass naturali proporzjon ta' 44 %). Malta qabżet bi ftit il-mira tagħha ta' 10 % fil-konsum enerġetiku finali gross fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli għall-2020. Barra minn hekk, Malta ma għandha l-ebda installazzjoni ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mir-riħ u l-kontribut li qed tippjana fir-rigward tal-mira tal-enerġija rinnovabbli tal-UE għall-2030, ta' 11,5 %, huwa dgħajjef. La l-proġetti tal-enerġija mir-riħ fuq l-art u lanqas dawk lil hinn mill-kosta ma huma ppjanati fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima ta' Malta. Jenħtieġ li jiġu esplorati aktar opportunitajiet f'investimenti fl-enerġija rinnovabbli taħt il-Fond għall-Innovazzjoni u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni.

Wara snin ta' żieda kostanti, fl-2020 il-konsum enerġetiku finali ta' Malta naqas, parzjalment minħabba l-kriżi tal-COVID-19, li għenha tilħaq il-miri tal-2020 fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, iżda l-konsum enerġetiku mistenni jerġa' jiżdied wara l-pandemija u l-ambizzjoni inkluża fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECP) ta' Malta għall-2030 għadha baxxa ħafna. L-intensità enerġetika ta' Malta hija għolja ħafna u tilħaq il-281 kg f'ekwivalenti ta' żejt għal kull elf euro tal-PDG meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 117 kg f'ekwivalenti ta' żejt għal kull elf euro tal-PDG fl-2020. Is-settur tal-bini residenzjali ra l-akbar żieda fil-konsum finali tal-enerġija mill-2016. Ir-RRP ta' Malta ma jappoġġax ir-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini residenzjali eżistenti, li jista' tibbenefika minn rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika biex jiġi żgurat l-iffrankar tal-enerġija b'mod partikolari fix-xhur sħan tas-sajf. Skont l-NECP il-kontribut nazzjonali ta' Malta għall-effiċjenza enerġetika fl-2030 se jkun f'livell ta' intensità tal-enerġija primarja ta' 0.07 toe/EUR, li jissarraf f'1,1 Mtoe għall-enerġija primarja u 0,8 Mtoe għall-konsum enerġetiku finali (żieda mill-miri tal-2020 ta' 0,8 Mtoe u 0.6 Mtoe rispettivament għaż-żewġ indikaturi). Skont l-NECP tagħha, u meta mqabbel mal-konsum medju tagħha għall-2017–2019, sal-2030 Malta qed timmira li tikkonsma + 19,0 % aktar f'enerġija finali u + 25,9 % aktar f'enerġija primarja filwaqt li l-miri medji rispettivi tal-UE huma ta' -12,6 % u -17,6 %.

Fir-rigward tal-bijodiversità, il-ħarsien tal-ħabitats u tal-ispeċijiet bl-implimentazzjoni bis-sħiħ ta' Natura 2000 u bit-tisħiħ tal-infurzar tad-direttivi dwar in-natura ilha żmien twil bħala sfida għal Malta. Malta issa ddeżinjat 27 żona speċjali ta' konservazzjoni (ŻSK) u adottat ordnijiet ta' konservazzjoni għal tmienja minnhom, flimkien ma' 20 pjan ta' ġestjoni għal 19-il sit ieħor. Għal ħames Siti ta' Interess Komunitarju (SCIs, Sites of Community Interest), id-deżinjazzjoni ŻSK tal-baħar se tittardja. Filwaqt li l-ħolqien tan-network terrestri Natura 2000 issa tlesta, is-siti tal-baħar lil hinn mill-kosta għad iridu jiġu deżinjati għal għerien u skollijiet taħt l-ilma jew mgħaddsa parzjalment. Il-prattiki tal-kaċċa u tal-insib f'Malta għadhom soġġetti għal diversi proċedimenti ta' ksur, b'xi wħud wasslu għal deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Graff A5.3: **Tema — Il-Bijodiversità**
Żoni terrestri protetti u biedja organika



(1) Ma tinkludix id-*data* għall-2018 dwar żoni terrestri protetti, u d-*data* għall-medja tal-UE (2016, 2017).
Sors: Żoni terrestri protetti u biedja organika (ŻEE) u biedja organika (Eurostat).

F'dak li għandu x'jaqsam mal-mobilità, id-dipendenza ta' Malta fuq il-mobilità bit-toroq, flimkien ma' network tat-toroq ineffiċjenti u preferenza stabbilita għat-trasport privat irriżultaw fi problemi sinifikanti ta' konġestjoni fit-toroq, storbju, sustanzi li jniġġsu l-arja u żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-kostijiet esterni tat-trasport, bħat-tniġġis tal-arja, l-istorbju u l-konġestjoni mit-toroq f'Malta, jammontaw għal EUR 400 miljun fis-sena, li jikkorrispondi għal 3,6 % tal-GDP ([45]) ta' Malta - perċentwal li qiegħed jiżdied. Il-prestazzjoni ta' Malta fir-rigward ta' żieda fil-proporzjon ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotta tal-karozzi tal-passiġġieri tagħha tinsab taħt il-medja tal-UE. Filwaqt li r-RRP ta' Malta jalloka EUR 50,3 miljun għal għadd ta' skemi ta' għotjiet li mistennija jitnedew sal-2024, id-densità tal-punti tal-iċċarġjar pubbliċi f'Malta hija relattivament baxxa. L-objettivi ta' mobilità nadifa jistgħu jmorru lura minħabba jekk ma jittiħdux miżuri biżżejjed biex tiġi indirizzata l-konġestjoni tat-traffiku.

Fir-rigward tal-ilma, il-kwistjonijiet ewlenin dwar l-ilma tal-wiċċ jinkludu t-tniġġis kimiku u tan-nutrijenti; b'rabta mal-ilma ta' taħt l-art il-kwistjonijiet ewlenin jinkludu t-tniġġis kimiku, l-intrużjoni u l-astrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art li jiġbdu aktar ilma milli hemm disponibbli taħt l-art. Sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ([46]), l-objettivi tal-ilma f'oqsma oħra ta' politika bħall-agrikoltura, it-trasport u l-enerġija jridu jiġu integrati aħjar. Għall-agrikoltura dan jenħtieġ li jsir permezz tal-pjan strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) 2023–2027 ([47]).

Graff A5.4: **Tema — Il-Mobbiltà**
Il-proporzjon ta' vetturi b'emissjonijiet żero (% ta' reġistrazzjonijiet ġodda)



(1) Il-vetturi b'emissjonijiet żero (karozzi tal-passiġġieri) jinkludu vetturi elettriċi li jaħdmu bil-batterija u biċ-ċelloli tal-fjuwil (BEV, FCEV).
Sors: L-Osservatorju Ewropew tal-Fjuwils Alternattivi

([45]) Sors: Handbook on the external costs of transport (Manwal dwar il-kostijiet esterni tat-trasport)

([46]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, *ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1–73*, (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32000L0060)

([47]) L-abbozzi tal-pjanijiet strateġiċi għall-istati membri kollha jinsabu hawnhekk: https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/cap-strategic-plans_en#publishednationalstrategicplans

Tabella A5.1: **Indikaturi li jirfdu l-progress fuq il-Patt Ekoloġiku tal-UE minn perspettiva makroekonomika**

						Mira	Distanza		Lesti għall-mira ta' 55 % Mira	Distanza	
			2005	2019	2020	2030	WEM	WAM	2030	WEM	WAM
Progress lejn il-miri ta' politika	Mira ta' tnaqqis ta' emissjonijiet GHG mhux tal-ETS (1)	MTCO2 eq; % pp (2)	1,0	28%	17%	-19%	-70	-70	-19%	-70	-70
			2005	2016	2017	2018	2019	2020	Kontribut nazzjonali għall-mira tal-UE tal-2030		
	Proporzjon tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'konsum finali gross ta' enerġija (1)	%	0%	6%	7%	8%	8%	11%	12%		
	Effiċjenza enerġetika: konsum enerġetiku primarju (1)	Mtoe	0,9	0,7	0,8	0,8	0,9	0,7	1,1		
	Effiċjenza enerġetika: konsum enerġetiku finali (1)	Mtoe	0,5	0,6	0,6	0,7	0,7	0,5	0,8		

			MALTA						EU		
			2015	2016	2017	2018	2019	2020	2018	2019	2020
Indikaturi fiskali u finanzjarji	Taxxi ambjentali (% tal-PDG)	% of GDP	2,7	2,6	2,5	2,5	2,5	2,3	2,4	2,4	2,2
	Taxxi ambjentali (% tat-tassazzjoni totali)	% tat-tassazzjoni (3)	9,1	8,6	8,4	8,2	8,3	7,7	6,0	5,9	5,6
	Nefqa tal-gvern fuq il-ħarsien ambjentali	% tal-esp. totali	4,80	2,69	2,62	3,53	3,98	3,29	1,66	1,70	1,61
	Investiment fil-ħarsien ambjentali	% tal-PDG (4)	0,75	0,13	0,14	0,16	-	-	0,42	0,38	0,41
	Sussidji għal fjuwils fossili	EUR2020bn	0,01	0,01	0,01	0,01	0,01	-	56,87	55,70	-
	Distakk fil-ħarsien tal-klima (5)	punteġġ 1-4	2.3 minn 4 (żieda ta' 0.5 mil-livell storiku). Din hija kategorija ta' riskju baxx/medju (4 huwa riskju għoli).								
Klima	Emissjonijiet GHG netti	1990 = 100	94	91	89	90	96	81	79	76	69
	Intensità tal-emissjonijiet GHG tal-ekonomija	kg/EUR'10	0,30	0,25	0,24	0,24	0,24	0,21	0,32	0,31	0,30
	Intensità enerġetika tal-ekonomija	kgoe/EUR'10	0,09	0,08	0,08	0,08	0,08	0,07	0,12	0,11	0,11
Enerġija	Konsum enerġetiku finali (KEF)	2015=100	100,0	100,8	107,6	114,0	120,5	94,2	103,5	102,9	94,6
	KEF tas-settur tal-bini residenzjali	2015=100	100,0	97,1	114,1	120,6	129,3	131,4	101,9	101,3	101,3
	KEF tas-servizzi tas-settur tal-bini	2015=100	100,0	97,8	106,1	100,1	105,5	101,5	102,4	100,1	94,4
Tniġġis	Intensità tal-emissjoni tal-prekursur tal-ismog (b'rabta mal-PDG) (4)	tunnellata/EUR'10 (6)	0,93	0,80	0,62	0,54	0,52	-	0,99	0,93	-
	Snin ta' ħajja li jintilfu minħabba t-tniġġis tal-arja PM 2.5	per 100.000 inh.	629	533	565	610	641	-	863	762	-
	Snin ta' ħajja li jintilfu minħabba t-tniġġis tal-arja NO2	per 100.000 inh.	41	< 1	< 1	< 1	< 1	-	120	99	-
	Nitrat fl-ilma ta' taħt l-art	mg NO3/litre	59,9	59,9	60,0	53,4	59,4	-	21,7	20,7	-
Bijodiversità	Żoni terrestri protetti	% tat-total	-	26,6	28,2	-	28,7	28,7	-	25,7	25,7
	Żoni marittimi protetti	% tat-total	-	4,6	-	-	5,5	-	-	10,7	-
	Biedja organika	% taż-żona agrikola totali li tintuża	0,3	0,2	0,4	0,4	0,5	0,6	8,0	8,5	9,1
			2000-2006		2006-2012		2012-2018		00-06	06-12	12-18
	Teħid nett tal-art	per 10,000 km2	2,5		6,1		29,3		13,0	11,0	5,0

			2015	2016	2017	2018	2019	2020	2018	2019	2020
Mobbiltà	Intensità tal-emissjonijiet GHG tat-trasport (b'paragun mal-GVA) (7)	kg/EUR'10	1,46	1,35	1,33	1,49	1,41	1,20	0,89	0,87	0,83
	Proporzjon ta' vetturi b'emissjonijiet żero (8)	% ta' reġistrazzjonijiet ġodda	0,3	0,1	0,4	1,4	2,3	1,2	1,0	1,9	5,4
	Numru ta' vetturi elettriċi plug-in għal kull punt ta' ċċarġjar		4	7	3	6	22	45	8	8	12
	Proporzjon ta' ferroviji tal-elettriku	%	-	-	-	-	-	-	55,6	56,0	-
	Konġestjoni (għadd medju ta' sigħat f'konġestjoni fit-toroq kull sena minn sewwieq rappreżentattiv li jivvjaġġa għax-xogħol u lura		76,0	79,1	80,5	79,0	83,5	-	28,9	28,8	-

			Sena	MT	UE
Diġitali	Proporzjoni ta' arloġġi tad-dawl intelliġenti f'punti ta' kejl totali (9) - elettriku	% tat-total	2018	97,3	35,8
	Proporzjoni ta' arloġġi tad-dawl intelliġenti f'punti ta' kejl total (9) - gass	% tat-total	2018	0,0	13,1
	ICT li jintuża għas-sostenibbiltà ambjentali (10)	%	2021	-	65,9

(1) Il-mira tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mhux tal-TS għall-2030 hija bbażata fuq ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. Il-miri "Lesti għall-Mira ta' 55 %" huma bbażati fuq il-proposta tal-Kummissjoni biex l-ambizzjoni klimatika tal-UE tiżdied sal-2030. Il-miri tas-sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli u tal-Effiċjenza Enerġetika u l-kontributi nazzjonali skont ir-Regolament dwar il-Governanza (ir-Regolament (UE) 2018/1999). (2) Id-distanza biex tintlaħaq il-mira tikkorrispondi għad-distakk bejn il-miri tal-Istati Membri għall-2030 skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u l-emissjonijiet projettati bil-miżuri eżistenti (WEM) rispettivi u b'miżuri addizzjonali (WAM) bħala perċentwal tal-emissjonijiet tas-sena bażi 2005. (3) perċentwal tad-dħul totali mit-taxxi u mill-kontribuzzjonijiet soċjali (mingħajr ma jitqiesu l-kontribuzzjonijiet soċjali imputati). Id-dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet huwa inkluż fid-dħul mit-taxxa ambjentali (fl-2017 kien jammonta għal 1,5 % mid-dħul totali mit-taxxa ambjentali fil-livell tal-UE). (4) Tkopri n-nefqa fuq il-"formazzjoni grossa tal-kapital fiss" li għandha tintuża għall-produzzjoni ta' servizzi għall-ħarsien tal-ambjent (jiġifieri t-tnaqqis u l-prevenzjoni tat-tniġġis) li jkopru s-setturi kollha, jiġifieri l-gvern, l-industrija u l-fornituri speċjalizzati. (5) L-indikatur tad-distakk fil-protezzjoni tal-klima huwa parti mill-istrateġija ta' adattament Ewropea (Frar 2021), u huwa definit bħala l-proporzjon ta' telf ekonomiku mhux assigurat ikkawżat minn diżastri relatati mal-klima. (6) Ossidi tal-Kubrit (ekwivalenti għal SO2), Ammonijaka, partikoli < 10µm, ossidi tan-Nitroġenu fl-ekonomija totali (diviżi bil-PDG). (7) It-trasport u l-ħażna (NACE, Taqsima H) (8) il-vetturi b'emissjonijiet żero jinkludu vetturi elettriċi bil-batterija (BEV, battery electric vehicles) u vetturi elettriċi biċ-ċelloli tal-fjuwil (FCEV, fuel cell electric vehicles). (9) Ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea (2019) "Benchmarking smart metering deployment in the EU-28" (Parametru referenzjarju tal-użu tal-metraġġ intelliġenti fl-EU-28). (10) Il-Kummissjoni Ewropea (2021). Kull sena d-DESO (l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali) jiġi kkalkolat mill-ġdid għall-pajjiżi kollha għas-snin ta' qabel biex jirrifletti l-bidliet ta' hawn fuq fl-għażla tal-indikaturi u l-korrezzjonijiet tad-*data* sottostanti. Għaldaqstant, il-punteġġi u l-klassifikazzjonijiet tal-pajjiżi jistgħu jkunu differenti meta jitqabblu ma' pubblikazzjonijiet preċedenti.

Sors: Eurostat, JRC, Kummissjoni Ewropea, EEA, EAFO

It-tranżizzjoni ekoloġika mhux biss tinkludi titjib tas-sostenibbiltà ambjentali, iżda tinkludi wkoll dimensjoni soċjali sinifikanti. Filwaqt li l-miżuri f'dan ir-rigward jinkludu l-opportunità tat-tkabbir sostenibbli u tal-ħolqien tal-impjiegi, għandu jiġi żgurat ukoll li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u li l-gruppi kollha fis-soċjetà jibbenefikaw mit-tranżizzjoni. L-ekonomija ekoloġika ta' Malta għadha limitata u l-iżvilupp tagħha, appoġġata minn investimenti u riformi inklużi fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP), tista' jrawwem tkabbir sostenibbli u toħloq impjiegi ta' kwalità; fl-istess ħin, it-tranżizzjoni ekoloġika mistennija taffettwa aktar lill-gruppi b'introjtu baxx sa medju.

Ir-RRP ta' Malta jiddeskrivi riformi u investimenti importanti għal tranżizzjoni ekoloġika ġusta. Dawn jinkludu r-rinnovazzjoni ta' bini pubbliku bħall-isptarijiet u l-iskejjel, id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku u l-aċċess imtejjeb għalih, u l-iżviluppar ta' ħiliet ekoloġiċi fis-settur tal-kostruzzjoni. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) se jgħin biex jiġu żviluppati "ħiliet ekoloġiċi" f'Malta f'sinerġija mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima ta' Diċembru 2019 janalizza l-impatti fuq il-kwalità tal-ħajja, billi jaggrega l-aspetti soċjali, tas-saħħa u ambjentali fi kriterju wieħed. Dan ma jippermettix l-identifikazzjoni ta' kompromessi jew miżuri ta' mitigazzjoni possibbli. Il-valutazzjoni tal-impatt fuq l-impjiegi u l-ħiliet meħtieġa għadha limitata ħafna.

Graff A6.1: **L-Isfidi ta' tranżizzjoni ekoloġika ġusta**



Sors: Eurostat, Bażi tad-*Data* Dinjija dwar l-Inugwaljanza (World Inequality Database)

Il-proporzjon tal-ekonomija ekoloġika fl-impjiegi ġenerali huwa relattivament żgħir, u jipprovdi potenzjal għoli ħafna għall-ħolqien tal-impjiegi. Filwaqt li ma ġie identifikat l-ebda settur speċifiku li sejjer lura ([48]), it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema tal-port jistgħu jkunu meħtieġa biex jappoġġaw l-ekoloġizzazzjoni taż-żewġ portijiet Maltin ewlenin (li bħalissa qed jużaw fjuwil tqil/żejt tal-gass) li, flimkien mas-setturi tal-kostruzzjoni u tat-turiżmu, huma faċilitaturi ewlenin tal-ekonomija għat-tkabbir u jipprovdu l-impjiegi. L-industrija ta' Malta li tuża ħafna enerġija, inklużi l-metalli, is-sustanzi kimiċi u l-karti ([49]), tipprovdi impjiegi għal madwar 1,23 % tal-forza tax-xogħol totali impjegata ([50]), li tista' tibbenefika b'mod partikolari mit-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ mill-ġdid (ara l-Anness 15). Fl-istess waqt, is-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali jipprovdi impjiegi għal proporzjon relattivament żgħir tal-popolazzjoni impjegata (1,6 % meta mqabbel mat-2,2 % fl-UE fl-2019) ([51]) filwaqt li l-potenzjal tal-enerġija eolika u solari u t-titjib fl-effiċjenza enerġetika joffru opportunitajiet kbar għal impjiegi ekoloġiċi ([52]). Ġew identifikati nuqqasijiet ta' ħaddiema fis-settur tal-enerġija ([53]).

L-iżgurar tal-aċċess għas-servizzi tal-enerġija b'mod ġenerali jidher anqas diffiċli f'Malta ([54]). Proporzjon relattivament baxx tal-popolazzjoni fiż-żoni rurali jinsab f'riskju ta' faqar (2,9 % meta mqabbel mat-18,7 % fl-UE) ([55]). Il-

([48]) SWD(2021) 275 final

([49]) Is-Semestru Ewropew 2020: Ħarsa ġenerali lejn il-Gwida għall-Investiment dwar il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta 2021–2027 għal kull Stat Membru (Anness D)

([50]) Disponibbiltà limitata ta' *data* dwar l-impjiegi fl-industriji intensivi fl-enerġija tnaqqas l-affidabbiltà ta' dan l-indikatur.

([51]) Bħalissa ma hemm l-ebda definizzjoni komuni ta' impjiegi ekoloġiċi madwar l-UE. Is-settur tal-oġġetti u s-servizzi ambjentali (environmental goods and services sector, EGSS) jirrapporta biss dwar settur ekonomiku li jiġġenera prodotti ambjentali, jiġifieri prodotti u servizzi prodotti għall-protezzjoni ambjentali jew għall-ġestjoni tar-riżorsi.

([52]) https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC126047.

([53]) Eurofound (2021), Tackling labour shortages in EU Member States (L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema fl-Istati Membri tal-UE), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

([54]) Fuq il-bażi ta' COM(2021) 568 final (Anness I) bħala indikatur għall-isfidi potenzjali tat-trasport fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika (pereż. minħabba l-vulnerabbiltà tal-prezzijiet tal-fjuwil).

([55]) Jidher li ma tantx hemm *data* disponibbli dwar ir-riskju tal-faqar fiż-żoni rurali f'Malta, li tnaqqas l-affidabbiltà ta' dan l-indikatur.

proporzjon tal-popolazzjoni li ma jistgħux isaħħnu djarhom biżżejjed naqas minn 14,1 % fl-2015 għal 7,2 % fl-2020, li huwa anqas mill-medja tal-UE (8,2 %). Il-gruppi b'introjtu aktar baxx huma dawk l-aktar affettwati (ara l-Graff A6.2). Ix-xejriet tal-konsum ivarjaw fost il-popolazzjoni: l-impronta medja tal-karbonju tal-ogħla 10 % tal-emittenti hija madwar erba' darbiet ogħla minn dik ta' 50 % tal-popolazzjoni żvantaġġata (anqas mill-medja ta' 5,3 darbiet fl-UE).

Graff A6.2: **Il-faqar enerġetiku skont id-deċil tal-introjtu**



Sors: Eurostat

Is-sistemi tat-taxxa huma kruċjali biex it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun waħda ġusta ([56]). Il-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol għal dawk b'introjtu baxx ([57]) żdied minn 22,9 % għal 24 % mill-2015 sal-2019 (fl-2021 kien ta' 21,7 %), meta mqabbel ma' 31,9 % fl-UE fl-2021 (ara l-Anness 17).

([56]) COM(2021) 801 final

([57]) Il-porzjon ta' taxxa ta' persuna waħda b'paga ta' 50 % tal-paga medja nazzjonali (il-bażi tad-*data* tat-taxxa u l-benefiċċji, il-Kummissjoni Ewropea/OECD).

ANNESS 7: L-EFFIĊJENZA TAR-RIŻORSI U L-PRODUTTIVITÀ

L-użu effiċjenti tar-riżorsi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-kompetittività u l-awtonomija strateġika miftuħa, filwaqt li jitnaqqas l-impatt ambjentali. It-tranżizzjoni ekoloġika tippreżenta opportunità kbira għall-industrija Ewropea billi toħloq swieq għal teknoloġiji u prodotti nodfa. Se jkollha impatt tul il-ktajjen tal-valur kollha f'setturi bħall-enerġija u t-trasport, il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni, l-ikel u l-oġġetti elettroniċi biex ikunu jistgħu jinħolqu impjiegi sostenibbli, lokali u mħallsa tajjeb madwar l-Ewropa.

Malta għadha lura fir-rigward tal-produttività tar-riżorsi u ekonomija ċirkolari. Fl-2020, il-produttività tar-riżorsi f'Malta, li kienet EUR 2,45 tal-PDG (fi standard tal-kapaċità tal-akkwist) ([58]) iġġenerata għal kull kg ta' materjal ikkunsmat kienet kemxejn ogħla mill-medja tal-UE ta' EUR 2,23 tal-PDG (fi standard tal-kapaċità tal-akkwist) għal kull kilogramma. Fl-2020, l-użu ċirkolari (sekondarju) tal-materjal f'Malta żdied minn 4,2 % fl-2016 għal 7,9 %. Din ir-rata għadha taħt il-medja tal-UE ta' 12,8 %. Il-ġenerazzjoni tal-iskart f'Malta kompliet tiżdied matul l-aħħar snin. Din ir-rata ta' tkabbir hija ferm ogħla mill-medja tal-UE. Il-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) ta' Malta jenħtieġ li jwassal għal ġestjoni mtejba tar-riżorsi naturali li jintużaw mill-agrikoltura.

Malta kklassifikat fis-sitta u għoxrin post fost il-pajjiżi tal-UE fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ekoinnovazzjoni. It-tranżizzjoni b'suċċess lejn ekonomija ċirkolari teħtieġ innovazzjoni soċjali u teknoloġika. Għalhekk, l-ekoinnovazzjoni hija fattur abilitanti importanti għall-ekonomija ċirkolari. L-approċċi tad-disinn tal-prodotti u mudelli kummerċjali ġodda jistgħu jgħinu biex jiġu prodotti innovazzjonijiet sistemiċi fiċ-ċirkolarità, u b'hekk jinħolqu opportunitajiet kummerċjali ġodda. Il-grad baxx tal-pajjiż fit-tabella ta' valutazzjoni tal-Ekoinnovazzjoni jindika l-ħtieġa li l-pajjiż iwettaq ħidma fuq l-attivitajiet ta' ekoinnovazzjoni tiegħu. Malta għandha prestazzjoni taħt il-medja tal-UE fil-ħames komponenti kollha (inputs tal-ekoinnovazzjoni, attivitajiet ta' ekoinnovazzjoni, outputs tal-ekoinnovazzjoni, eżiti tal-effiċjenza fir-riżorsi u riżultati soċjoekonomiċi) tal-Indiċi tal-Ekoinnovazzjoni tal-2021.

Tabella A7.1: **Indikaturi magħżula tal-effiċjenza fir-riżorsi**

Indikaturi ewlenin - Malta

QASAM TA' POLITIKA SEKONDARJA	2015	2016	2017	2018	2019	2020	EU27	L-aktar sena riċenti UE 27
Ċirkolarità								
Produttività tar-Riżorsi (Standard tal-Kapaċità tal-Akkwist (PPS) kull kilogramm)	2,0	2,0	2,6	2,4	2,7	2,3	2,2	2020
Intensità Materjali (kg/EUR)	0,5	0,5	0,4	0,4	0,4	0,4	0,4	2020
Rata tal-Użu Materjali Ċirkolari (%)	4,6	4,2	6,5	8,3	7,7	7,9	12,8	2020
Impronta Materjali (Tunnellati/capita)	11,7	9,1	10,9	17,1	17,3	-	14,6	2019
Skart								
Ġenerazzjoni tal-iskart (kg/capita, skart totali)	-	4287	-	5173	-	-	5234	2018
Rimi f'Landfill (% tal-iskart totali trattat)	-	17,6	-	12,8	-	-	38,5	2018
Rata ta' riċiklaġġ (% tal-iskart muniċipali)	10,9	12,6	11,5	10,5	9,1	10,5	47,8	2020
Skart perikoluż (% tal-iskart muniċipali)	-	6,9	-	1,2	-	-	4,3	2018
Kompetittività								
Valur miżjud gross fis-settur tal-prodotti u tas-servizzi ambjentali (% tal-PDG)	1,1	1,1	1,0	1,0	1,1	-	2,3	2019
Investiment privat fl-ekonomija ċirkolari (% tal-PDG)	-	-	-	-	-	-	0,1	2018

Sors: Eurostat

([58]) L-Istandard tal-Kapaċità tal-Akkwist huwa munita artifiċjali li telimina l-effetti tad-differenzi fil-livell tal-prezzijiet bejn il-pajjiżi.

L-indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (Digital Economy and Society Index, DESI) jimmonitorja l-progress diġitali tal-Istati Membri tal-UE. L-oqsma tal-kapital uman, il-konnettività diġitali, l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali min-negozji u servizzi pubbliċi diġitali jirriflettu l-erba' punti kardinali tad-Deċennju Diġitali ([59]). Dan l-anness jiddeskrivi l-prestazzjoni ta' Malta fid-DESI.

Fil-pjan Malti għall-irkupru u r-reżiljenza, 25,5 % tan-nefqa hija ddedikata għat-tranżizzjoni diġitali ([60]). L-investimenti jiffokaw fuq it-trasformazzjoni diġitali tas-sistemi tal-amministrazzjoni pubblika, tas-saħħa u tal-ġustizzja, u sa ċertu punt tas-settur privat.

Malta rreġistrat punteġġi tajbin fid-dimensjoni tad-DESI dwar il-kapital uman, iżda għad hemm nuqqas ta' ħiliet diġitali. Il-pajjiż għandu sehem għoli ta' gradwati fl-ICT (6 %, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 3,9 %) ([61]) u sehem ogħla mill-medja ta' speċjalisti tal-ICT, li jinkludi għadd relattivament tajjeb ta' nisa. Madankollu, is-sehem ta' ditti li jirrapportaw postijiet battala li diffiċli biex jimtlew fir-rigward ta' impjiegi li jeħtieġu ħiliet speċjalizzati fl-ICT huwa ogħla mill-medja tal-UE (66,1 % meta mqabbel ma' 55,4 %) ([62]).

Tabella A8.1: **L-Indikaturi Ewlenin għal-Indiċi tal-Ekonomija u tas-Soċjetà Diġitali**

	Malta			UE	L-aħjar prestazzjoni tal-UE
Kapital Uman	**DESI 2020**	**DESI 2021**	**DESI 2022**	**DESI 2022**	**DESI 2022**
Tal-anqas ħiliet diġitali bażiċi	**NA**	**NA**	**61%**	**54%**	**79%**
% ta' individwi			2021	2021	2021
Speċjalisti tal-ICT	**4,6%**	**4,4%**	**4,9%**	**4,5%**	**8,0%**
% ta' individwi ta' età bejn 15-74	2019	2020	2021	2021	2021
Speċjalisti tal-ICT nisa	**11%**	**11%**	**26%**	**19%**	**28%**
% tal-ispeċjalisti tal-ICT	2019	2020	2021	2021	2021
Konnettività					
Kopertura tan-Netwerk Fiss b'Kapaċità Għolja Ħafna (VHCN)	**100%**	**100%**	**100%**	**70%**	**100%**
% tal-unitajiet domestiċi	2019	2020	2021	2021	2021
Kopertura 5G (*)	**NA**	**0%**	**20%**	**66%**	**99,7%**
% taż-żoni popolati		2020	2021	2021	2021
Integrazzjoni ta' teknoloġija diġitali					
SMEs b'tal-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali	**NA**	**NA**	**73%**	**55%**	**86%**
% tal-SMEs			2021	2021	2021
Big data	**24%**	**31%**	**31%**	**14%**	**31%**
% tal-impriżi	2018	2020	2020	2020	2020
Cloud	**NA**	**NA**	**47%**	**34%**	**69%**
% tal-impriżi			2021	2021	2021
Intelliġenza artifiċjali	**NA**	**NA**	**10%**	**8%**	**24%**
% tal-impriżi			2021	2021	2021
Servizzi pubbliċi diġitali					
Servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini	**NA**	**NA**	**100**	**75**	**100**
Punteġġ (0 to 100)			2021	2021	2021
Servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji	**NA**	**NA**	**97**	**82**	**100**
Punteġġ (0 to 100)			2021	2021	2021

(*) L-indikatur ta' kopertura 5G ma jkejjilx l-esperjenza tal-utenti, li tista' tiġi affettwata minn varjetà ta' fatturi bħat-tip ta' apparat li jintuża, il-kundizzjonijiet ambjentali, l-għadd ta' utenti konkorrenti u l-kapaċità tan-netwerk. Il-kopertura 5G tirreferi għall-perċentwal ta' żoni popolati kif irrappurtat mill-operaturi u mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.
Sors: L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali

([59]) Il-Kumpass Diġitali 2030: the European Way for the Digital Decade Communication, COM (2021) 118 final (il-Mod Ewropew għall-Komunikazzjoni tad-Deċennju Diġitali.

([60]) Il-proporzjon tal-allokazzjoni finanzjarja li tikkontribwixxi għall-objettivi diġitali ġie kkalkulat bl-użu tal-Anness VII tar-Regolament dwar ir-RRF.

([61]) Eurostat: Individwi b'lawrja fl-ICT, 2019 (tabella eduk_uoe_grad03, bl-użu tal-għażla ISCED11 = ED5–8 u ISCEDF_13 [F06]).

([62]) Eurostat: ICT specialists - statistics on hard-to-fill vacancies in enterprises, 2020, (Speċjalisti tal-ICT — statistika dwar postijiet battala li diffiċli jimtlew fl-intrapriżi, 2020.)

Il-pajjiż għandu prestazzjoni tajba ħafna fir-rigward tal-konnettività tal-broadband. L-unitajiet domestiċi Maltin kollha ilhom mill-2019 milħuqin minn Networks b'Kapaċità Għolja Ħafna li joffru veloċitajiet sa 1Gbps. L-implimentazzjoni tal-5G miexja 'l quddiem malajr, iżda l-assenjazzjoni tal-ispettru tal-5G għadha baxxa (25 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 56 %) ([63]). Barra minn hekk, il-kopertura tal-fibra hija kemxejn taħt il-medja tal-UE (48 % meta mqabbla ma' 50 %).

Il-kumpaniji Maltin juru livell għoli ta' diġitalizzazzjoni. Il-maġġoranza l-kbira tal-SMEs Maltin għandhom mill-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali. Malta għandha prestazzjoni partikolarment tajba fl-użu ta' teknoloġiji bħall-*big data* u s-soluzzjonijiet tal-*cloud*, iżda hemm distakk bejn l-adozzjoni minn kumpaniji kbar u l-SMEs. L-użu tal-intelliġenza artifiċjali huwa aktar baxx, għalkemm kemxejn ogħla mill-medja tal-UE.

Malta tinsab minn ta' quddiem fis-servizzi pubbliċi diġitali. Il-pajjiż għandu punteġġ ferm ogħla mill-medja tal-UE fil-forniment ta' servizzi pubbliċi diġitali kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji. Il-proporzjon ta' nies li jinteraġixxu online mal-awtoritajiet pubbliċi żdied b'mod sostanzjali għal 72 % tal-utenti tal-internet, u qabeż il-medja tal-UE (65 %).

([63]) Sors: Il-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet (COCOM) ibbażat fuq l-iDATE.

Dan l-Anness jagħti ħarsa ġenerali tal-prestazzjoni elettronika tas-sistema tar-RuI ta' Malta. Skont l-edizzjoni tal-2021 tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea (64), Malta hija innovatur moderat, iżda s-sistema tar-RuI għadha mhix iffinanzjata biżżejjed. Fl-2020 l-infiq totali fuq ir-RuŻ laħaq 0,67 % tal-PDG, li huwa ferm taħt il-mira nazzjonali ta' 2 % tal-PDG u wieħed mill-aktar baxxi fost l-Istati Membri tal-UE.

L-attività ta' RuI tal-kumpaniji għadha limitata. Fl-2020 l-intensità tar-RuŻ tan-negozji f'Malta kienet ta' 0,43 % tal-PDG, waħda mill-anqas livelli fl-UE. Il-volum tal-Kapital ta' Riskju bħala % tal-PDG qed jonqos u huwa wkoll fost l-aktar baxxi fl-UE. Madankollu, fuq nota pożittiva, il-proporzjon tal-impjiegi f'intrapriżi li qed jikbru malajr f'50 % tal-biċċa l-kbira tas-setturi innovattivi huwa ogħla mill-medja tal-UE u qed jiżdied. L-appoġġ pubbliku għall-innovazzjoni tan-negozju għadu limitat. Wara żieda żgħira bejn l-2010 u l-2018, fl-2019 l-appoġġ tas-settur pubbliku għar-RuŻ tan-negozji naqas għal 0,038 % tal-PDG, li huwa anqas mil-livelli tal-2010. Il-pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza jindirizza parzjalment din l-isfida billi jinkludi l-finalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti ta' Malta, b'enfasi fuq il-promozzjoni tar-RuI tan-negozju u s-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi. Dan jista' jkun punt tat-tluq għall-iżvilupp ta' sistema ta' appoġġ kompletament integrata u aktar sempliċi għal negozji ġodda, SMEs u kumpaniji innovattivi.

Is-sistema tar-riċerka pubblika Maltija għadha milquta minn nuqqas ta' finanzjament u l-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju għadha dgħajfa. L-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp baxx ħafna u staġnat (0,24 % tal-PDG fl-2020) u huwa ta' piż kbir fuq il-prestazzjoni xjentifika ta' Malta. Il-proporzjon tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-pajjiż fl-ogħla 10 % tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi l-aktar ikkwotati madwar id-dinja, bħala perċentwal tal-pubblikazzjonijiet totali tal-pajjiż, naqas b'mod

Tabella A9.1: **Indikaturi ewlenin tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni**

Malta	2010	2015	2018	2019	2020	Tkabbir annwali kompost 2010-20	Medja tal-UE
Indikaturi ewlenin							
Intensità tar-R&Ż (GERD f'% tal-PDG)	0,59	0,72	0,58	0,57	0.67	1.3	2,32
Nefqa pubblika fuq l-R&Ż f'% tal-PDG	0,23	0,35	0,21	0,22	0,24	0,5	0,78
Nefqa tal-impriżi kummerċjali fuq ir-R&Ż (BERD) f'% tal-PDG	0,36	0,37	0,36	0,35	0.43	1.8	1,53
Kwalità tas-sistema tar-R&Ż							
Pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-pajjiżi fost l-aktar 10% ta' pubblikazzjonijiet iċċitati madwar id-dinja bħala % tal-pubblikazzjonijiet totali tal-pajjiż	6,7	8,5	6,5	:	:	-0,4	9,9
Applikazzjonijiet ta' privattivi PCT kull biljun ta' PDG (fPPS)	0,3	1,2	1,1	:	:	17,1	3,5
Kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozji							
Kopubblikazzjonijiet xjentifiċi pubbliċi-privati f'% tal-pubblikazzjonijiet totali	5,4	6	6,8	7,3	5,6	0,4	9,05
Kapital uman u disponibbiltà ta' ħiliet							
Gradwati ġodda fix-xjenza u l-inġinerija għal kull elf ruħ ta' bejn 25-34	8,1	9,7	7,2	6,3	:	-7,5	16,3
Appoġġ pubbliku għan-nefqa ta' impriżi kummerċjali fuq ir-R&Ż (BERD)							
Appoġġ totali tas-settur pubbliku għall-BERD f'% tal-PDG	0,04	0,045	0,051	0,038	:	-0,8	0.196
Inċentivi tat-taxxa R&Ż: dħul mitluf f'% tal-PDG	0,031	0,019	0,038	0,027	:	-1,5	0.100
Innovazzjoni ekoloġika							
Proporzjon ta' privattivi relatati mal-ambjent fl-applikazzjonijiet totali għal privattivi ippreżentati skont il-PCT (%)	15.9	44.0	5.4	:	:	-12.2	12.8
Finanzjament tal-innovazzjoni u t-tiġdid ekonomiku							
Kapital ta' Riskju (statistika tas-suq) f % tal-PDG	0,01	0,01	0,006	0,007	0,006	-4	0,054
Impjiegi f'impriżi li qed jikbru malajr f'50% tal-aktar setturi innovattivi	5,9	7,3	7,2	8,2	:	3,8	5,5

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea
Data: Eurostat, OECD, DĠ JRC, Science-Metrix (il-bażi tad-*data* Scopus u l-bażi tad-*data* tal-Istatistika dwar il-Privattivi tal-EPO), Invest Europe

(64) It-tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea 2021, Profil tal-Pajjiż: Malta https://ec.europa.eu/docsroom/documents/45925/attachments/1/translations/en/renditions/native

sinifikanti bejn l-2015 u l-2018 (6,5 % fl-2018, meta mqabbel ma' 8,5 % fl-2015). L-attrazzjoni u t-taħriġ mill-ġdid ta' talenti ta' ħila fir-RuI huma sfida ewlenija għal Malta. Il-pajjiż jinsab f'pożizzjoni baxxa fost l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-proporzjon ta' gradwati ġodda fix-xjenza u l-inġinerija, li ilu jonqos mill-2010. L-evidenza tissuġġerixxi wkoll li Malta qed issibha diffiċli biex issaħħaħ ir-rabtiet bejn ix-xjenza u n-negozju. Wara li żdied għal 7,3 % matul l-2010–2019, fl-2020 il-proporzjon tal-kopubblikazzjonijiet xjentifiċi pubbliċi-privati naqas għal 5,6 %.

It-tkabbir tal-produttività huwa motivatur kritiku għall-prosperità ekonomika, il-benesseri u l-konverġenza fuq medda twila ta' żmien ([65]). Suq uniku li jiffunzjona tajjeb huwa sors ewlieni ta' produttività għall-ekonomija tal-UE, suq fejn jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta u effettiva u ambjent li jiffavorixxi n-negozju, li fih l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jkunu jistgħu joperaw u jinnovaw mingħajr diffikultà. In-negozji u l-industrija jiddependu ħafna fuq ktajjen ta' provvista robusti u qed iħabbtu wiċċhom ma' ostakli li jħallu impatt negattiv fuq il-livelli ta' produttività tal-kumpaniji, l-impjiegi, il-fatturat u r-rati ta' dħul/ħruġ. Dan jista' jkollu impatt fuq il-kapaċità tal-Istati Membri li jwettqu t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-Ewropa.

L-iżvilupp pożittiv tal-produttività ta' Malta kien xpruntat l-aktar mis-settur tas-servizzi. Wara l-kriżi finanzjarja fl-2009 sal-2020, il-produttività totali tal-fatturi ta' Malta żdiedet b'rati ogħla mill-bqija tal-UE minħabba avvanzi fit-teknoloġija. Il-produttività tax-xogħol kienet fil-biċċa l-kbira xprunata mis-setturi tat-teknoloġija avvanzata u tas-servizzi professjonali.

L-ambjent tan-negozju ta' Malta jibbenefika minn tnaqqis fid-dewmien fil-pagamenti, żieda fit-trasparenza u titjib fir-regoli tal-falliment. Il-kumpaniji f'Malta għandhom infrastruttura diġitali żviluppata sew. Il-miżuri fir-RRP għandhom l-għan li jkomplu jtejbu d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi, tal-kumpaniji u tas-sistema ġudizzjarja. Il-maġġoranza tad-ditti (76 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 56 %) jirrapportaw livell għoli ta' fiduċja fil-protezzjoni tal-investiment. Matul il-pandemija tal-COVID-19, in-negozji f'Malta rċevew appoġġ finanzjarju sostanzjali, bħal garanziji fuq is-self, differimenti tat-taxxa u skema ta' suppliment tal-pagi, li jżommu l-livell ta' fallimenti baxx. Madankollu, fil-qasam tar-riżoluzzjoni tal-insolvenza, il-pajjiż jikklassifika fost dawk bl-agħar prestazzjoni fl-UE f'termini tar-rata ta' rkupru u jibbenefika mir-riforma tal-qafas regolatorju tiegħu. Il-pagamenti tard huma ostaklu addizzjonali għar-reżiljenza tal-SMEs billi 64 % tad-ditti jirrapportaw dewmien fil-pagamenti meta mqabbel ma' 45 % fl-UE.

Għalkemm Malta hija integrata sew fis-Suq Uniku, għad hemm ostakli għall-professjonijiet regolati u diskrepanzi fil-konformità. Minkejja xi miżuri reċenti biex il-professjonisti jibbenefikaw minn aktar trasparenza (eż. bażi ta' *data* dwar professjonijiet regolati), ir-restrittività regolatorja f'Malta hija ogħla mill-medja tal-UE għal diversi professjonijiet (gwidi turistiċi, aġenti tal-proprjetà immobbli, kontabilisti, periti, u inġiniera ċivili) ħlief għal avukati, li għalihom huwa aktar baxx, u aġenti tal-privattivi, li mhumiex regolati. Il-miżuri fir-RRP ma jindirizzawx dawn l-ostakli. B'rabta mar-rekord tagħha fl-inkorporazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-liġi nazzjonali, Malta tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-medja tal-UE.

Barra minn hekk, minħabba l-pożizzjoni ġeografika, l-istruttura ekonomika u d-daqs tagħha, Malta qed tħabbat wiċċha ma' sfidi relatati mal-prezzijiet tal-input, l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista u n-nuqqas ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati. Meta titqabbel mal-UE, l-ekonomija Maltija għandha proporzjon relattivament għoli ta' setturi tas-servizzi ta' valur għoli, bħas-servizzi finanzjarji, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-logħob tal-azzard. F'dak li għandu x'jaqsam man-nuqqasijiet, id-ditti Maltin jirrapportaw in-nuqqas ta' persunal bħala wieħed mill-fatturi ewlenin li jimponi restrizzjonijiet fuqhom. Fil-proċess tal-produzzjoni, id-ditti jiddependu b'mod estensiv fuq l-importazzjonijiet ta' makkinarju, prodotti tal-enerġija u sustanzi kimiċi minn Stati Membri oħra tal-UE, speċjalment mill-Italja, iżda anki minn pajjiżi barra mill-UE, prinċipalment mill-Asja. Din id-dipendenza fuq is-swieq globali titfa' aktar pressjoni fuq il-prezzijiet tal-input. Flimkien ma' proporzjonijiet baxxi ta' kapaċità ta' produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli installata, dan iżid mal-vulnerabbiltajiet tal-produzzjoni.

([65]) Il-Kummissjoni Ewropea (2022). Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, COM (2021) 740 final.

Tabella A10.1: **Indikaturi Ewlenin tas-Suq Uniku u l-Industrija**

QASAM TA' POLITIKA SEKONDARJU	INDIKATUR PRINĊIPALI	DESKRIZZJONI	2021	2020	2019	2018	2017	Rati ta' tkabbir	Medja tal-UE27*
INDIKATURI PRINĊIPALI									
Struttura Ekonomika	Valur miżjud skont is-sors (domestiku)	VA li jiddependi fuq inputs domestiċi intermedji, % [sors: OECD (TiVA), 2018]				43,39			**62,6%**
	Valur miżjud skont is-sors (UE)	VA importat mill-bqija tad-dinja, % [sors: OECD (TiVA), 2018]				24,64			**19,7%**
	Valur miżjud skont is-sors (barra mill-UE)	% VA importat mill-bqija tad-dinja, % [sors: OECD (TiVA), 2018]				32			**17,6%**
Kompetittività tal-kost	Prezz tal-enerġija tal-produttur (industrija)	Indiċi 2015=100 [sors: Eurostat, sts_inppd_a]	96	96	96	96	96	**0,0%**	**127,3**
Nuqqasijiet/tfixkil tal-katina tal-provvista	Nuqqas materjali bl-użu ta' *data* tal-istħarriġ	Għadd medju ta' ditti (minn setturi differenti) li qed jiffaċċjaw restrizzjoniet % [sors: ECFIN CBS]	23	10	8	10	11	**109%**	**26%**
	Nuqqas ta' ħaddiema bl-użu ta' *data* tal-istħarriġ	Għadd medju ta' ditti (minn setturi differenti) li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet [sors: ECFIN CBS]	16	17	44	40	37	**-57%**	**14%**
	Prezzijiet settorjali tal-produtturi	Medja (minn setturi differenti), 2021 meta mqabbla mal-2020 u mal-2019, indiċi [sors:Eurostat]	13,4	4,3	2,1	5,5	3,3	**n.a.**	**9,8%**
Dipendenzi strateġiċi	Konċentrazzjoni f'materja prima partikolari	Konċentrazzjoni ta' importazzjoni basket ta' materja prima kritika [sors: COMEXT]	0,16	0,14	0,17	0,21	0,25	**-36%**	**17%**
	Kapaċità elettrika rinnovabbli installata	Proporzjon ta' elettriku rinnovabbli mill-kapaċità totali [sors: Eurostat nrg_inf_epc]		0,00	0,00	0,00	0,00	**0%**	
Dinamiki tal-investiment	Investimenti Privati Netti	Bidla fl-istokk kapitali privat, mingħajr id-diprezzament, % tal-PDG [sors: Ameco]		5,3	7,2	7,5	8,9	**-40,4%**	**2,6%**
	Investimenti Pubbliċi Netti	Bidla fl-istokk kapitali privat, mingħajr id-diprezzament, % tal-PDG [sors: Ameco]		2,2	1,9	1,3	0,5	**340%**	**0,4%**

(Tkompli fil-paġna li jmiss)

Tabella (tkompli)

SUQ UNIKU									
Integrazzjoni tas-Suq Uniku	Kummerċ intra-UE	Proporzjon tal-kummerċ intra-UE mill-kummerċ Extra-UE [sors: Ameco]	1,30	1,21	1,19	1,50	1,18	**10%**	**1,59**
Restrittività tas-servizzi professjonali	Indikatur tar-restrittività regolatorja	Restrittività tal-aċċess u l-eżerċitar ta' professjonijiet regolati (professjonijiet b'restrittività ogħla mill-medja, minn 7 professjonijiet analizzati fl-SWD (2021)185 [source: SWD (2021)185; SWD(2016)436 final])	5				4	**25%**	**3,37**
Rikonxximent ta' kwalifiki professjonali	Deċiżjonijiet ta' rikonoxximent mingħajr kumpens	Professjonisti kwalifikati fi SM ieħor li japplikaw fi SM ospitanti, % ta' deċiżjonijiet totali meħuda mill-SM ospitanti [sors: Bażi ta' *data* tal-professjonijiet regolati]	23,1						**4500%**
Konformità - Kooperazzjoni bejn l-SM u l-UE	Traspożizzjoni kumplessiva	5 subindikaturi, somma tal-punteġġi [sors: Tabella ta' valutazzjoni tas-Suq Uniku]		Above average	Above average	Above average	Above average		
	Ksur kumplessiv	4 subindikaturi, somma tal-punteġġi [sors: Tabella ta' valutazzjoni tas-Suq Uniku]		On average	On average	On average	Below average		
Protezzjoni tal-investiment	Fiduċja fil-ħarsien tal-investiment	Kumpaniji fiduċjużi li l-investiment tagħhom huwa protett mil-liġi u mill-qrati ta' SM jekk xi ħaġa tmur ħażin, % tad-ditti kollha mistħarrġa [sors: Ewrobarometru Flash 504]	76						**56%**
AMBJENT KUMMERĊJALI - SMEs									
Demografija kummerċjali	Fallimenti	Indiċi (2015=100) [sors: Eurostat, sts_rb_a]	n.a.	n.a.	n.a.	n.a.	n.a.	**n.a.**	**70.1 (2020)**
	Reġistrazzjonijiet ta' negozji	Indiċi (2015=100) [sors: Eurostat, sts_rb_a]	n.a.	n.a.	n.a.	n.a.	n.a.	**n.a.**	**105,6**
Aċċess għall-finanzi	Pagamenti tard	Proporzjon ta' SMEs li jesperjenzaw ħlasijiet tard fl-aħħar 6 xhur, % [sors: SAFE]	64,4	73,8	71,5	n.a.	n.a.	**-10%**	**45%**
	Aċċess tal-FEI għall-finanzjament tal-Indiċi - Self	Kompost: Finanzjament estern tal-SMEs fl-aħħar 6 xhur, indiċi minn 0 sa 1 (l-ogħla huwa l-aħjar) [sors: FEI Indiċi tal-Aċċess tal-SMEs għall-Finanzjament]		0,61	0,74	0,72	0,61	**0,8%**	**0.56 (2020)**
	Aċċess tal-FEI għall-finanzjament tal-Indiċi - Ekwità	Kompost: VC/GDP, IPO/GDP, SMEs li jużaw ekwità, indiċi minn 0 sa 1 (l-ogħla huwa l-aħjar), [sors: FEI Indiċi tal-Aċċess tal-SMEs għall-Finanzjament]		0,05	0,17	0,28	0,68	**-92,7%**	**0.18 (2020)**
	% tas-self irrifjutat jew irriġettat	SMEs li l-applikazzjonijiet għal self bankarju tagħhom ġew irrifjutati jew riġettati, % [sors: SAFE]	6,3	0	11,8	13,4	8,9	**-28.9%**	**12,4%**
Akkist pubbliku	Kuntratturi SME	Kuntratturi li huma SMEs, % tat-total [sors: Tabella ta' valutazzjoni tas-Suq Uniku]		91	92	96	90	**1,1%**	**63%**
	Offerti tal-SMEs	Offerti mill-SMEs, % tat-total [sors: Tabella ta' valutazzjoni tas-Suq Uniku]		88	85	90	89	**-1%**	**70,8%**

Sors: Is-sors rispettiv għal kull indikatur fil-kolonna "deskrizzjoni" jinsab fit-tabella ta' hawn fuq

Kapaċità amministrattiva tajba twassal għall-prosperità ekonomika, il-progress soċjali u l-ġustizzja. L-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-gvern jipprovdu rispons għall-kriżijiet, jiżguraw il-forniment ta' servizzi pubbliċi u jikkontribwixxu għall-bini ta' reżiljenza għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija Ewropea.

Graff A11.1: **Il-Maturità tad-*Data* Miftuħa**



Sors: Il-Maturità tad-*Data* Miftuħa data.europa.eu

B'mod ġenerali, l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika f'Malta tinsab madwar il-medja fl-UE ([66]). Għad hemm sfidi fir-rigward tal-użu limitat ta' strumenti bbażati fuq l-evidenza u l-effettività ta' konsultazzjonijiet pubbliċi fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet. Għalkemm jeżistu diversi mezzi ta' konsultazzjoni tal-pubbliku, hemm ċerta diskrezzjoni dwar jekk għandhomx jinbdew konsultazzjonijiet pubbliċi fuq skala kbira u jipprevalu ħafna eċċezzjonijiet. L-eżiti tal-proċeduri ta' konsultazzjoni pubblika mhux dejjem jiġu ppubblikati online b'manjiera f'waqtha u faċilment aċċessibbli ([67]). Barra minn hekk, Malta ma għandhiex approċċ sistematiku għar-rieżami ta' jekk il-liġijiet u r-regolamenti jkunux kisbu l-għanijiet ta' politika maħsuba, pereżempju permezz ta' evalwazzjonijiet *ex post* perjodiċi ([68]). Malta turi xi dgħufijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku inkluż proporzjon relattivament aktar baxx ta' akkwist reklamat fuq it-TED ([69]) (ara l-Graff A11.2).

Graff A11.2: **Il-prestazzjoni fuq l-indikatur tal-akkwist pubbliku tas-suq uniku**



(1) L-indikaturi tal-kompetizzjoni u tat-trasparenza huma ponderati bi tliet darbiet, filwaqt li l-indikaturi tal-effiċjenza u tal-kwalità għandhom ponderazzjonijiet unitarji. L-oħrajn kollha jirċievu ponderazzjoni ta' 1/3 fl-indikatur kompost tal-SMS.
Sors: *Data* tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku 2020

Malta għandha punteġġ tajjeb fl-indikaturi tal-gvern elettroniku, iżda għadha lura b'rabta mal-għoti ta' *data* miftuħa. Sar titjib fl-adozzjoni tas-servizzi tal-gvern elettroniku u fl-2021 il-proporzjon tal-utenti tal-gvern elettroniku laħaq it-72 %. Il-pjan ta' Malta jiffoka konsiderevolment fuq id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi. Madankollu, il-politiki tad-*data* miftuħa għadhom dgħajfa. Malta tinsab fost l-aktar pożizzjonijiet baxxi fl-UE f'dan ir-rigward (ara l-Graff A11.1), li jnaqqas it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet pubbliċi lejn iċ-ċittadini.

L-impjegati taċ-ċivil ta' Malta huma iżgħar fl-età milli fi Stati Membri oħra. L-amministrazzjoni pubblika ta' Malta għad għandha wieħed mill-iżgħar profil tal-età fl-UE, u tikklassifika l-ewwel għall-proporzjon ta' uffiċjali pubbliċi taħt l-età ta' 39 sena (56,4 %) u fost l-aħħar għall-proporzjon ta' aktar minn 55 sena (15,6 %). Filwaqt li l-proporzjon ta' impjegati pubbliċi b'edukazzjoni terzjarja huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE (29,0 % meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 55,3 %), il-parteċipazzjoni tal-impjegati tal-amministrazzjoni pubblika fit-tagħlim għall-adulti hija ogħla mill-medja tal-UE. Mill-2017 'l hawn il-parità bejn il-ġeneri fil-pożizzjonijiet għolja tal-maniġment tas-servizz

([66]) Worldwide Governance Indicators, 2020, Indikaturi Globali tal-Governanza tal-2020

([67]) Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni Ewropea

([68]) Ir-rapport tal-OECD tal-2019 dwar il-Politika Regolatorja u l-Governanza jindika li Malta hija ferm taħt il-medja tal-OECD fir-rigwasrd tal-evalwazzjoni *ex post* tar-regolamentazzjoni.

([69]) Tenders Electronic Daily (TED)

Tabella A11.1: **L-indikaturi tal-amministrazzjoni pubblika — Malta**

MT	Indikatur (*)	2017	2018	2019	2020	2021	EU27
	Gvern elettroniku						
1	Proporzjon ta' individwi li użaw l-internet f'din l-aħħar sena biex jinteraġixxu mal-awtoritajiet pubbliċi (%)	56,0	57,0	58,0	63,0	72,0	70,7
2	Punteġġ kumplessiv tal-parametru referenzjarju tal-E-gvern (**)	na	na	na	96,3	na	71,4
	Gvern miftuħ u istituzzjonijiet fiskali indipendenti						
3	Indiċi tad-*data* miftuħa u tal-maturità tal-portal	na	na	41,6	47,0	51,5	81,1
4	Indiċi tal-iskop tal-istituzzjonijiet finanzjarji	77,1	72,1	72,1	72,1	na	56,8
	Livell ta' kisba edukattiva, apprendiment tal-adulti, parità bejn il-ġeneri u tixjiħ						
5	Proporzjon mill-impjegati tal-amministrazzjoni pubblika b'edukazzjoni terzjarja (livelli 5-8, %)	30,1	29,2	33,0	33,1	na	54,4
6	Rata ta' parteċipazzjoni tal-impjegati tal-amministrazzjoni pubblika fl-apprendiment tal-adulti (%)	15,5	20,6	24,2	17,3	na	14,9
7	Parità bejn il-ġeneri fis-servizz ċivili f'livell għoli	36,9	37,4	28,2	24,3	19,5	34,8
8	Proporzjon tal-ħaddiema tas-settur pubbliku ta' bejn il-55 u l-74 sena(%)	14,7	16,1	14,0	14,2	na	21,2
	Amministrazzjoni Finanzjarja Pubblika						
9	Indiċi tal-qafas baġitarji fuq terminu medju	0,77	0,77	0,77	0,77	na	0,72
10	Is-saħħa tal-indiċi tar-regoli fiskali	1,4	1,4	1,4	1,4	na	1,5
11	Indikatur kompost tal-akkwist pubbliku	-0,7	-3,7	-3,7	0,0	na	-0,7
	Tfassil ta' politika fuq il-bażi ta' evidenza						
12	Indiċi tal-livell ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp ta' regolamenti ġodda fl-evalwazzjoni ex ante u ex post tal-liġi primarja u sekondarja	1,46	na	na	na	na	1,6

(1) Valuri għoljin jirrappreżentaw prestazzjoni tajba għajr l-indikaturi # 7 u 8.
(2) Ikejjel iċ-ċentralità tal-utenti (inkluż għas-servizzi transfruntiera) u t-trasparenza tas-servizzi pubbliċi diġitali kif ukoll l-eżistenza ta' faċilitaturi ewlenin għall-forniment ta' dawk is-servizzi.
(3) Waqfa fis-serje fl-2021.
(4) Definit bħala l-valur assolut tad-differenza bejn il-proporzjon tal-irġiel u n-nisa f'pożizzjonijiet għolja fis-servizz ċivili.
Sors: Stħarriġ dwar l-użu tal-ICT, Eurostat (# 1); Ir-Rapport ta' referenza tal-gvern elettroniku (# 2); Ir-Rapport dwar il-maturità tad-*data* miftuħa (# 3); Il-Bażi ta' *Data* dwar il-Governanza Fiskali (# 4, 9, 10); L-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, Eurostat (# 5, 6, 8), Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (# 7), indikatur kompost dwar l-akkwist pubbliku tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (# 11); OECD Indicators of Regulatory Policy and Governance (# 12), (Indikaturi tal-OECD dwar il-Politika Regolatorja u l-Governanza).

ċivili tjiebet b'mod konsiderevoli u hija ogħla mill-medja tal-UE.

Is-sistema ġudizzjarja qed tħabbat wiċċha ma' sfidi serji marbutin mal-effiċjenza. Fl-2020 it-tul ta' kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fl-ewwel istanza għadu twil ħafna (550 jum), u ilu jiżdied mill-2017. It-tul ta' dawn il-proċedimenti ta' appell ukoll kien twil ħafna (838 jum). Fir-RRP tagħha Malta tieħu passi biex itejjeb il-kwalità tas-sistema ġudizzjarja billi tindirizza n-nuqqasijiet tad-diġitalizzazzjoni tagħha. Il-pjan jinkludi wkoll riformi li għandhom l-għan li jsaħħu l-indipendenza ġudizzjarja b'mod partikolari permezz tar-riforma tal-metodu tal-ħatra u t-tkeċċija tal-ġudikatura. ([70])

([70]) Għal analiżi aktar dettaljata tal-prestazzjoni tas-sistema ġudizzjarja f'Malta, ara t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2022 (se toħroġ dalwaqt) u l-kapitolu ta' Malta fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt ral-2022 (se joħroġ dalwaqt).

ANNESS 12: L-IMPJIEGI, IL-ĦILIET U L-ISFIDI TAL-POLITIKA SOĊJALI FID-DAWL TAL-PILASTRU EWROPEW TAD-DRITTIJIET SOĊJALI

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jipprovdi d-direzzjoni tal-konverġenza lejn kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar fl-UE. L-implimentazzjoni tal-20 prinċipju tagħha dwar l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, appoġġati mill-miri ewlenin tal-UE tal-2030 dwar l-impjieg, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, se ssaħħaħ l-ispinta tal-Unjoni lejn tranżizzjoni diġitali, ekoloġika u ġusta. Dan l-Anness jagħti ħarsa ġenerali lejn il-progress ta' Malta fil-kisba tal-għanijiet taħt il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Tabella A12.1: **It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ta' MALTA**

Opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol	Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (% tal-popolazzjoni tal-età 18-24) (2021)	11,0
	Il-livell ta' ħiliet diġitali individwali (% tal-popolazzjoni tal-età 16-74) (2021)	61,0
	Żgħażagħ NEET (% tal-popolazzjoni tal-età 15-29) (2021)	9,9
	Differenza bejn i-ġeneri fl-impjiegi (punti perċentwali) (2021)	16,8
	Proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20) (2020)	4,7
Swieq tax-xogħol dinamiċi u kundizzjoni tax-xogħol ġusti	Rata tal-impjiegi (% tal-popolazzjoni tal-età 20-64) (2021)	78,6
	Rata tal-qgħad (% tal-popolazzjoni tal-età 15-74) (2021)	3,5
	Qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni tal-età 15-74) (2021)	1,0
	Tkabbir tal-GDHI per capita (2008=100) (2020)	125,5
Protezzjoni soċjali u inklużjoni	F'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (f'%) (2020)	19,9
	F'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali għat-tfal (f'%) (2020)	22,6
	L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (% ta' tnaqqis tal-AROP) (2020)	21,0
	Disparità fl-impjiegi minħabba d-diżabilità (proporzjon) (2020)	29,4
	Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni (% tal-popolazzjoni) (2020)	2,8
	Tfal ta' taħt it-3 snin li qed jiġu indukrati formalment (% ta' dawk taħt it-3 snin) (2020)	29,7
	Ħtieġa medika mhux issodisfata irraportata mil-persuni milquta nfushom (% tal-popolazzjoni) (2020)	0,0

Sitwazzjoni kritika	Taħt osservazzjoni	Dgħajfa imma qed titjieb	Tajba imma taħt monitoraġġ	Medja	Aħjar mill-medja	Prestazzjoni tajba ferm

Aġġornament tad-29 ta' April 2022. L-Istati Membri huma kklassifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali skont metodoloġija statistika miftehma mal-Kumitati EMCO u SPC. Din tħares b'mod konġunt lejn il-livelli u l-bidliet tal-indikaturi meta mqabbla mal-medji rispettivi tal-UE u tikklassifika lill-Istati Membri f'seba' kategoriji. Għal dettalji metodoloġiċi, jekk jogħġbok ikkonsulta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2022. Minħabba bidliet fid-definizzjoni tal-livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi fl-2021, eċċezzjonalment jintużaw biss livelli fil-valutazzjoni ta' dan l-indikatur; NEET: barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ; GDHI: introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi
Sors: Eurostat

Is-suq tax-xogħol għandu prestazzjoni tajba iżda l-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa u ta' gruppi sottorappreżentati oħra taffettwa n-nuqqas ta' ħaddiema u l-koeżjoni soċjali. Ir-rata ta' impjieg ta' Malta, li diġà kienet għolja qabel il-kriżi tal-COVID-19, kompliet titjieb fl-2020 u fl-ewwel tliet trimestri tal-2021. Madankollu, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi f'Malta għadha waħda fost l-akbar fl-UE (16,8 pps fl-2021), għalkemm f'dawn l-aħħar 10 snin irreġistrat waħda mill-ogħla tnaqqis f'punti perċentwali ġewwa l-UE (minn 31,4 pps fl-2012). L-indukrar tat-tfal mingħajr ħlas u strateġija li "nagħmlu x-xogħol irodd" kkontribwew għal dan ir-riżultat. Fl-2020,id-diskrepanza fl-impjiegi b'diżabilità kienet ta' 29,4 pps, li huwa ogħla mill-medja tal-UE (24,5 pps). Malta għandha wkoll wieħed mill-ogħla proporzjonijiet ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet (36.1 % kontra l-24,9 % fl-UE). Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni li għandhom aktar minn 55 sena, għalkemm qed tiżdied, hija baxxa meta mqabbla mal-medja tal-UE (51,8 % kontra 60,5 %). B'reazzjoni għal dawk l-isfidi, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) diġà qed jappoġġa miżuri biex tissaħħaħ l-għoti ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, b'enfasi speċjali fuq il-persuni vulnerabbli. Dan l-appoġġ se jissaħħaħ permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), b'azzjonijiet immirati lejn it-trawwim tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol u l-indirizzar tal-attivitajiet ta' kura mhux imħallsa. Filwaqt li r-rata tal-qgħad għadha ferm taħt il-medja tal-UE, id-durata tal-benefiċċji tal-qgħad (12-il ġimgħa fuq il-bażi ta' sena xogħol) hija waħda mill-aqsar fl-UE. L-istudju tas-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad bħala parti mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) se jikkontribwixxi għal rivalutazzjoni u l-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' riforma possibbli f'dan il-qasam.

Rata għolja ta' tluq bikri mill-iskola, kif ukoll livelli baxxi ta' ħiliet diġitali u parteċipazzjoni fl-apprendiment fost adulti b'livell baxx ta' ħiliet joħolqu sfidi importanti, b'mod partikolari fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Għalkemm b'xejra ta' tnaqqis fit-tul, ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola (11 % fl-2021) għadha għolja meta mqabbla mal-medja tal-UE (9,7 %), li tikkontribwixxi għal għadd kbir ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet. Fl-2021 fost l-adulti ta' bejn it-18 u l-64 sena b'livell baxx ta' ħiliet, 4 % biss (il-medja tal-UE hija ta' 12,4 %) ipparteċipaw fit-tagħlim (matul l-4 ġimgħat ta' qabel l-intervista), meta mqabbla mal-24,2 % (il-medja tal-UE hija ta' 16,6 %) ta' dawk b'ħiliet medji u s-278 % (il-medja tal-UE hija ta' 20.7 %) ta' dawk b'edukazzjoni terzjarja. Filwaqt li Malta għandha prestazzjoni relattivament tajba fir-rigward tal-

ħiliet diġitali b'mod ġenerali, id-differenza bejn il-gruppi skont il-livell ta' ħiliet hija sinifikanti. Fl-2021 37,1 % biss (il-medja tal-UE hija ta' 31,9 %) tal-persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni kellhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi, meta mqabbla mas-66,6 % (il-medja tal-UE hija ta' 49,7 %) ta' dawk b'livell medju u 91,9 % (il-medja tal-UE hija ta' 79 %) ta' dawk b'livelli ta' edukazzjoni għolja. Dawn id-diskrepanzi jillimitaw il-progress fl-indirizzar tan-nuqqas persistenti ta' ħaddiema u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet, inkluż f'setturi marbuta mat-tranżizzjoni doppja. Ir-riżultati edukattivi għadhom limitati meta mqabbla mal-medja fl-UE, minkejja nefqa relattivament għolja f'dan il-qasam (ara l-Anness 13). Biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-pajjiż f'dan il-qasam, ir-RRP ta' Malta jipprevedi riformi fl-oqsma tal-ħiliet, tat-tluq bikri mill-iskola, l-apprendiment għall-adulti, l-inklużività u d-diversità fis-sistema edukattiva, kif ukoll evalwazzjoni u monitoraġġ imsaħħa tal-politiki edukattivi, filwaqt li l-FSE+ se jappoġġa t-taħriġ u t-tisħiħ tal-ħiliet. It-tisħiħ tal-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni u t-taħriġ huwa kruċjali biex Malta tkun tista' tilħaq il-mira ewlenija tal-UE tal-2030 dwar il-ħiliet u l-impjiegi.

B'mod ġenerali, ir-riskji tal-faqar huma taħt il-medja tal-UE, iżda għadhom għoljin għal gruppi speċifiċi. Filwaqt li fl-2020 r-rata ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (at-risk-of-poverty-or-social-exclusion, AROPE) kienet ta' 19,9 % (kontra l-21,6 % fl-UE), kienet 28,2 % għaċ-ċittadini mhux tal-UE, 28,5 % għall-persuni li għandhom aktar minn 65 sena, u 30,1 % għall-persuni b'diżabilità. B'mod kumplessiv, il-proporzjon ta' tfal f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas għal 22,6 % fl-2020, li huwa anqas mill-medja tal-UE ta' 23,9 %. Madankollu, xi gruppi ta' tfal jinsabu f'riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali, inklużi dawk b'ġenitur wieħed (50,7 %) jew b'ġenituri b'livell baxx ta' ħiliet (42,7 %). Fl-2020 l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar kompla jonqos għal 21 %, u huwa sostanzjalment aktar baxx mill-medja tal-UE (33,2 %). L-introjtu tal-aktar 20 % għonja fost il-popolazzjoni kien 4,7 darbiet ogħla minn dak tal-ifqar 20 % (taħt il-medja tal-UE ta' ħames darbiet) iżda żdied b'mod sostanzjali meta mqabbel mal-2019. Malta għandha waħda mill-aktar rati għoljin tal-piż eċċessiv tal-ispiża tal-abitazzjoni fl-UE (2,8 % kontra d-7,9 % tal-UE), filwaqt li l-indikatur żdied b'aktar mid-doppju mill-2015, li jirrifletti l-issikkar tas-suq tal-kiri kkawżat mill-bidliet fid-demografija tal-pajjiż. B'mod ġenerali l-popolazzjoni Maltija tgawdi minn saħħa tajba u waħda mill-itwal stennijiet tal-għomor fl-UE. Id-disparitajiet fis-saħħa tajba awtodikjarata mill-introjtu huma fost l-akbar fl-UE, iżda l-ħtiġijiet għall-kura medika li jibqgħu mhux issodisfati huma relattivament baxxi, bi ftit varjazzjoni bejn il-gruppi ta' introjtu. Hemm lok li tittieħed azzjoni ta' politika soċjali msaħħa sabiex Malta tikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 dwar it-tnaqqis tal-faqar.

Dan l-anness jiddeskrivi l-isfidi ewlenin għas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' Malta fid-dawl tal-miri fil-livell tal-UE tal-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u indikaturi kuntestwali oħra, fuq il-bażi tal-analiżi mill-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-2021. Is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' Malta ssibha diffiċli biex tiżgura l-kwalità tal-edukazzjoni u nfiq effettiv.

Il-livelli medji ta' ħiliet bażiċi — kif imkejla mit-test PISA — huma baxxi u ferm taħt il-medja tal-UE. Perċentwal kbir ta' studenti ma jiksbux livelli minimi ta' profiċjenza (ara t-Tabella A13.1). Filwaqt li l-proporzjon ta' dawk bl-aqwa prestazzjoni naqas mill-2015 lil hawn, il-perċentwal ta' studenti b'livell baxx ta' prestazzjoni baqa' prattikament l-istess u huwa ogħla mill-medja tal-UE fid-distribuzzjoni soċjoekonomika kollha. Madwar 51 % tal-istudenti mill-kwartil soċjoekonomiku l-aktar baxx għandhom nuqqas ta' ħiliet bażiċi fil-qari (UE 36,4 %). Din hija aktar mid-doppju tar-rata fil-kwartil ta' fuq — minkejja li r-rata għall-kwart ta' fuq hija wkoll komparattivament għolja (24,3 % kontra d-9,5 % fil-livell tal-UE). Il-prestazzjoni hija marbuta ħafna mat-tip ta' skejjel li jattendu l-istudenti, b'distakk bejn l-iskejjel privati u pubbliċi li huwa ekwivalenti għal aktar minn sentejn skolastiċi, li jindika l-frammentazzjoni tas-sistema edukattiva. It-telf mistenni fl-apprendiment minħabba r-riskju tal-pandemija jkompli jaggrava s-sitwazzjoni.

In-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni hija ogħla mill-medja tal-UE u żdiedet f'dawn l-aħħar 10 snin. Fl-2019 in-nefqa ġenerali tal-gvern fuq l-edukazzjoni, kemm bħala proporzjon tal-PDG (5,3 % kontra l-4,7 % tal-UE) kif ukoll bħala proporzjon tan-nefqa totali tal-

Tabella A13.1: **Il-miri fil-livell tal-UE u l-indikaturi kuntestwali oħra skont il-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni**

				2015		2021	
Indikatur			Mira	Malta	UE27	Malta	UE27
Parteċipazzjoni fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal (age 3+)			96%	96,9%	91,9%	91,9% [2019]	92,8% [2019]
Studenti ta' 15-il sena bi prestazzjoni baxxa fi:		Qari	< 15%	35,6%	20,4%	35,9% [2018]	22,5% [2018]
		Matematika	< 15%	29,1%	22,2%	30,2% [2018]	22,9% [2018]
		Xjenza	< 15%	32,5%	21,1%	33,5% [2018]	22,3% [2018]
Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (età 18-24)	Totali		< 9 %	16,3%	11,0%	11,0%	9,7%
	Skont il-ġeneru	*Irġiel*		19,2%	12,5%	12,3%	11,4%
		Nisa		13,0%	9,4%	9,5%	7,9%
	Skont il-grad ta' urbanizzazzjoni	*Bliet*		20,8%	9,6%	15,8%	8,7%
		Żoni rurali		12,0% u	12,2%	: u	10,0%
	Skont il-pajjiż tat-twelid	*Nattivi*		16,5%	10,0%	9,6%	8,5%
		Imwielda fl-UE		: u	20,7%	: u	21,4%
		Mhux imwielda fl-UE		: u	23,4%	20,9% u	21,6%
Livell edukattiv terzjarju (età 25-34)	Totali		45%	31,9%	36,5%	42,4%	41,2%
	Skont il-ġeneru	*Irġiel*		27,3%	31,2%	36,4%	35,7%
		Nisa		36,9%	41,8%	49,6%	46,8%
	Skont il-grad ta' urbanizzazzjoni	*Bliet*		31,9%	46,2%	39,8%	51,4%
		Żoni rurali		29,8%	26,9%	55,1%	29,6%
	Skont il-pajjiż tat-twelid	*Nattivi*		31,5%	37,7%	40,7%	42,1%
		Imwielda fl-UE		54,5% u	32,7%	49,6%	40,7%
		Mhux imwielda fl-UE		31,0%	27,0%	45,4%	34,7%
Proporzjon ta' għalliema tal-iskola (ISCED 1-3) li għandhom 50 sena jew aktar				13,7%	38,3%	15,3% [2019]	38,9% [2019]

Noti: Il-medja tal-UE għall-2018 dwar il-prestazzjoni tal-PISA fir-rigward tal-qari ma tinkludix l-ES; u = affidabbiltà baxxa; = mhux disponibbli; id-*data* għadha mhijiex disponibbli għall-bqija tal-miri fil-livell tal-UE skont il-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li tkopri n-nuqqas ta' kisbiet fil-ħiliet diġitali, l-esponiment tal-gradwati tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għal apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol u l-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment
Sors: Eurostat (UOE, LFS); OECD (PISA)..

amministrazzjoni pubblika (14,2 % kontra l-10 % tal-UE), kienet fost l-ogħla fl-UE. Ir-riżultati baxxi fl-edukazzjoni juru li hemm xi diffikultajiet marbuta mal-effiċjenza u l-effettività tal-infiq u jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ l-evalwazzjoni tal-investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-ħolqien ta' qafas ta' evalwazzjoni komprensiv jista' jippermetti l-valutazzjoni tal-kosteffettività tal-investimenti u jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan jippermetti allinjament aħjar bejn l-isfidi strutturali, l-għanijiet tal-edukazzjoni u l-politiki jiġu implimentati fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.

Il-parteċipazzjoni ta' tfal li għandhom aktar minn tliet snin fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal żdiedet sal-2019 iżda fl-2020 naqset minħabba l-pandemija. Il-pandemija kellha impatt fuq il-forniment ta' servizzi tal-indukrar tat-tfal, u l-parteċipazzjoni fl-indukrar formali tat-tfal taħt it-tliet snin naqset b'mod sinifikanti fl-2020 (minn 38,3 % fl-2019 għal 29,7 %), u dan reġġa' lura x-xejra pożittiva tas-snin ta' qabel li kienet bdiet bis-saħħa tal-iskema tal-indukrar tat-tfal mingħajr ħlas.

Graff A13.1: **Dawk li għandhom livell baxx fil-qari skont l-istatus soċjoekonomiku tal-istudenti (ESCS), 2018**



Sors: OECD, PISA 2018

Minkejja tnaqqis sostanzjali mill-2010 lil hawn, ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola għadha relattivament għolja meta mqabbla mal-UE. Hemm differenza sinifikanti bejn iż-żgħażagħ li jitwieldu fil-pajjiż u dawk li jitwieldu barra mill-pajjiż. Ix-xejra ta' tnaqqis għal dawk li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien li twieldu fil-pajjiż f'dawn l-aħħar snin tindika li l-politiki stabbiliti biex jindirizzaw it-tluq bikri mill-iskola jwasslu għal riżultati. Madankollu, il-valuri persistentement għoljin għaż-żgħażagħ imwielda barra mill-pajjiż jindikaw sfidi fir-rigward tal-ekwità u l-inklużjoni. Dan huwa partikolarment importanti, billi l-proporzjon ta' studenti minn barra l-pajjiż żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar 10 snin.

Ir-rata ta' kisbiet fl-edukazzjoni terzjarja hija ogħla mill-medja tal-UE (42,4 % kontra l-41,2 % tal-UE). Ir-rata rreġistrat waħda mill-ogħla żidiet madwar l-UE mill-2015 lil hawn. Din ix-xejra pożittiva x'aktarx li tkun xprunata kemm minn għadd akbar ta' studenti li jipparteċipaw fi programmi terzjarji — b'mod partikolari n-nisa — kif ukoll minn dipendenza qawwija fuq barranin b'livell għoli ta' ħiliet f'suq tax-xogħol b'saħħtu. Bħalissa għaddejjin sforzi biex l-edukazzjoni terzjarja vokazzjonali tiġi allinjata aħjar mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-pandemija tal-COVID-19 naqqset ukoll il-progress fil-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti f'Malta.

Ir-riformi u l-investimenti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se jgħinu biex jiġu indirizzati wħud minn dawn l-isfidi dejjiema. Il-miżuri ewlenin jiffukaw fuq it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola, it-titjib tal-inklużività u d-diversità fis-sistema edukattiva, it-tisħiħ tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki edukattivi u ż-żieda tar-rilevanza tal-edukazzjoni vokazzjonali għas-suq tax-xogħol.

Speċjalment fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa, kura tas-saħħa reżiljenti hija prerekwiżit għal ekonomija u soċjetà sostenibbli. Dan l-Anness jagħti ħarsa lejn is-settur tal-kura tas-saħħa f'Malta.

Graff A14.1: **L-istennija tal-għomor mat-twelid (snin)**



Sors: Eurostat

L-istennija tal-għomor f'Malta hija ogħla milli fl-UE kollha kemm hi, iżda fl-2020 naqset mill-kanċer hija aktar baxxa mill-medja tal-UE. Dan huwa parzjalment rifless fin-numri ta' mortalità li jistgħu jiġu ttrattati, li huma eqreb lejn il-medja tal-UE.

L-infiq fuq is-saħħa f'Malta f'paragun mal-PDG għadu taħt il-medja tal-UE. Il-proporzjon tal-finanzjament pubbliku għall-kura tas-saħħa huwa baxx (meta mqabbel mal-medja tal-UE u meta mqabbel ma' sistemi oħra ffinanzjati mit-taxxa). Il-pagamenti privati mill-but huma fost l-ogħla fl-UE (speċjalment għall-kura tal-pazjenti outpatient u l-mediċini). Madankollu, Malta tirrapporta wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' ħtiġijiet mhux issodisfati fl-UE, filwaqt li d-diskrepanzi bbażati fuq l-introjtu fil-perċezzjoni personali tal-istat tas-saħħa huma fost l-akbar fl-UE. In-nefqa pubblika fuq is-saħħa hija prevista li tiżdied bi 2,6 punti perċentwali (pp) tal-PDG sal-2070 (meta mqabbla ma' 0,9 pp tal-UE), u b'hekk tqajjem tħassib dwar is-sostenibbiltà fiskali fit-tul ([71]).

It-tisħiħ tal-kura primarja ilu objettiv ewlieni għal snin sħaħ biex il-forniment tas-servizzi jimxi minn ambjenti ta' sptar li jużaw aktar riżorsi u biex titrawwem kura f'waqtha għal

Tabella A14.1: **Indikaturi tas-saħħa ewlenin**

	2016	2017	2018	2019	2020	Medja tal-UE (l-aktar sena riċenti)
Mortalità evitabbli kull 100 000 ruħ mill-popolazzjoni (mortalità evitabbli permezz ta' kura tas-saħħa ottimali)	87,4	85,1	91,8			92.0 (2017)
Mortalità tal-kanċer kull 100 000 ruħ	221,0	221,1	237,3			252.5 (2017)
Nefqa kurrenti fuq is-saħħa, % PDG	9,1	9,2	9,0	:		9.9 (2019)
Proporzjon pubbliku tan-nefqa fuq is-saħħa, % tan-nefqa kurrenti fuq is-saħħa	63,0	62,9	63,5	:		79.5 (2018)
Nefqa fuq il-prevenzjoni, % tan-nefqa kurrenti fuq is-saħħa	1,3	1,3	1,3			2.8 (2018)
Sodod għal kura akuta kull 100 000 ruħ	324,8	317,5	319,0	311,9		387.4 (2019)
Tobba kull 1 000 ruħ *	3,8	4,0	4,0	4,0		3.8 (2018)
Infermiera kull 1000 ruħ *	8,1	8,0	7,8	7,7		8.2 (2018)
Il-konsum ta' antibatteriċi għall-użu sistematiku fil-komunità, doża definita ta' kuljum kull 1000 abitant kuljum **	18,4	19,8	18,0	18,7	14,4	14.5 (2020)

Noti: Id-*data* dwar id-densità tat-tobba tirreferi għal tobba prattikanti fil-pajjiżi kollha ħlief il-Finlandja, il-Greċja, il-Portugall (b'liċenzja li jipprattikaw) u s-Slovakkja (attivi professjonalment). Id-*data* dwar id-densità tal-infermiera tirreferi għal infermiera prattikanti fil-pajjiżi kollha (imputazzjoni mis-sena 2014 għal FI) ħlief l-Irlanda, Franza, il-Portugall, is-Slovakkja (professjonalment attivi) u l-Greċja (infermiera li jaħdmu fi sptarijiet biss). Aktar informazzjoni: https://ec.europa.eu/health/state-health-eu/country-health-profiles_mt .
Sors: Il-Bażi tad-*Data* tal-Eurostat; ħlief: * Il-bażi tad-*Data* tal-Eurostat u l-OECD, * * ECDC.

b'aktar minn seba' xhur minħabba l-COVID-19. Mill-17 ta' April 2022, Malta rrappurtat 1,23 mewta kumulattiva tal-COVID-19 għal kull 1 000 abitant u 173 każijiet kumulattivi ikkonfermati tal-COVID-19 għal kull 1 000 abitant). Il-mortalità

([71]) European Commission's 2021 Ageing Report (https://ec.europa.eu/info/publications/2021-ageing-report-economic-and-budgetary-projections-eu-member-states-2019-2070_en ((Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2021 tal-Kummissjoni Ewropea)

kundizzjonijiet kroniċi. Għalkemm l-għadd ta' persunal mediku huwa qrib il-medja tal-UE, hemm nuqqasijiet f'ċerti speċjalitajiet u l-isptarijiet Maltin jiddependu fuq ir-reklutaġġ ta' infermiera mħarrġa barra mill-pajjiż. Sfida oħra hija li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' mediċini affordabbli.

Graff A14.2: **Iż-żieda mbassra fin-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa matul l-2019–2070**



Sors: European Commission's 2021 Ageing Report, ((Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2021 tal-Kummissjoni Ewropea, xenarju ta' referenza)

Permezz tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tagħha, Malta qed tippjana li tinvesti EUR 69,9 miljun (aktar minn 20 % tar-RRP totali) għas-sistema tas-saħħa tagħha, prinċipalment billi tistabbilixxi Ċentru għat-Tessuti tad-Demm u taċ-Ċelloli, billi tinvesti f'teknoloġiji ġodda u fid-diġitalizzazzjoni.

Id-dimensjoni reġjonali hija fattur importanti fil-valutazzjoni tal-iżviluppi ekonomiċi u soċjali fi Stat Membru. Kunsiderazzjoni ta' din id-dimensjoni tippermetti rispons ta' politika kkalibrat tajjeb u mmirat li jrawwem il-koeżjoni u jiżgura żvilupp ekonomiku sostenibbli u reżiljenti fir-reġjuni kollha.

F'dawn l-aħħar snin Malta rreġistrat tkabbir ekonomiku qawwi, u l-PDG per capita laħaq il-medja tal-UE tal-2019. Din il-prestazzjoni taħbi xi diskrepanzi interni kif inhu deskritt fir-rapport tal-pajjiż tal-Kummissjoni ([72]): Il-PDG per capita tal-gżira ewlenija huwa ta' 102 % tal-medja tal-UE, filwaqt li dak ta' Għawdex u Kemmuna huwa ta' 65 %. Id-distakk bejn il-gżejjer qed jingħalaq, minkejja r-restrizzjonijiet tal-insularità doppja, b'mod partikolari bis-saħħa tal-fondi tal-UE: 10 % tal-fondi tal-Koeżjoni u l-Agrikoltura huma allokati għal Għawdex u Kemmuna, li għandhom popolazzjoni ta' 7 %.

Il-fondi tal-UE għall-2014/2020 li jappoġġaw miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u t-tranżizzjoni ekoloġika se jissuktaw matul il-perjodu 2021/2027 u aktar minn 30 % tal-baġit qed jiġi allokat għal azzjoni klimatika. F'konformità mal-Anness D tar-rapport tal-pajjiż tal-2020, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta se jiffoka fuq l-impatti soċjali u ekonomiċi u se jappoġġa investiment ta' EUR 23 miljun li għandu l-għan li jipprovdi enerġija lill-bastimenti li jitrakkaw fiż-żewġ portijiet ewlenin.

Graff A15.1: **VMG reali għal kull ħaddiem**



Unità: VMG reali f'EUR MM (prezzijiet tal-2015) skont l-impjieg f'eluf ta' persuni
Iċ-ċirku aħmar ċar juri r-reġjun tal-belt kapitali. Iċ-ċrieki blu juru l-bqija tar-reġjuni NUTS2.
Id-djamant aħdar juri l-medja nazzjonali. Il-linja vjola turi l-medja tal-UE-27.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Minkejja livell għoli ta' penetrazzjoni tal-broadband fil-gżejjer, għad hemm il-ħtieġa li jsir titjib fis-servizzi online, kif ġie identifikat mill-Istrateġija Diġitali ta' Malta 2021–2027, b'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi tas-saħħa. Il-fondi tal-UE għall-2021–2027 se jappoġġaw din it-tranżizzjoni diġitali.

Malta għadha innovatur moderat fl-UE, mingħajr disparità reġjonali. Il-1 % tan-nefqa tal-PDG fuq ir-RuŻ irreġistrat fl-2020 huwa 'l bogħod mill-mira tal-UE ta' 2 %. Dan in-nuqqas ta' prestazzjoni huwa marbut mal-kapaċitajiet limitati ta' riċerka u innovazzjoni tal-SMEs. Il-fondi tal-UE għall-2021–2027 se jappoġġaw dawn il-kapaċitajiet fl-oqsma identifikati mill-istrateġija

Tabella A15.1: **Tkabbir tal-PDG fir-reġjuni**

Reġjun NUTS 3	PDG per capita (PPS)	Tkabbir tal-PDG per capita (2010-2019)	Produttività (GVA (PPS) għal kull ħaddiem(a)	Tkabbir tal-produttività reali	Żieda fl-impjiegi
	UE27=100, 2019	2010-2019	UE27=100, 2018	% medju ta' bila mis-sena ta' qabel, 2010-2019	2010-2019
Unjoni Ewropea	#N/A	1,39	#N/A	1,00	0,56
Malta	100	3,71	93	1,27	4,50
Il-gżira ta' Malta	102	3,69	94	1,27	4,56
Għawdex u Kemuna	65	3,97	74	1,48	3,47

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

([72]) COM(2019) 463 final

nazzjonali ta’ speċjalizzazzjoni intelliġenti.

ANNESS 16: L-IŻVILUPPI EWLENIN FIS-SETTUR FINANZJARJU

Dan l-anness jagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi ewlenin fis-settur finanzjarju ta' Malta. Id-daqs tas-settur bankarju ta' Malta bħalissa huwa akbar mill-medja tal-UE. Sitt Stati Membri oħra biss juru proporzjon ogħla tal-assi totali tas-settur bankarju fir-rigward tal-PDG. Filwaqt li s-settur bankarju totali qed ikompli jonqos, il-proporzjon tal-istituzzjonijiet ta' kreditu domestiċi żdied kontinwament mill-2015 u issa jirrappreżenta l-maġġoranza tas-settur bankarju Malti. Il-konċentrazzjoni tas-settur bankarju hija sinifikanti billi l-akbar ħames banek għandhom 74,8 % tal-assi totali tas-settur.

Is-settur bankarju kellu prestazzjoni tajba minkejja l-pandemija. Il-banek żammew il-livelli tal-kapital tagħhom ferm ogħla mir-rekwiżiti regolatorji, parzjalment appoġġati mir-restrizzjoni temporanja fuq il-ħlasijiet ta' dividendi. Il-proporzjon ta' self mhux produttiv żdied b'mod moderat minn 3,2 % fl-2019 għal 3,6 % fl-2020, minħabba l-miżuri ta' appoġġ tal-gvern, u naqas għal 3,4 % fit-tielet trimestru tal-2021. Simili għal Stati Membri oħra, il-profittabbiltà rkuprat fl-2021, iżda xorta baqgħet taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija. It-titjib fil-profitti jirriżulta prinċipalment minn ħtiġijiet ta' proviżjonament aktar baxxi wara ż-żieda sinifikanti tagħhom fl-2020 biex jiġi mmitigat kwalunkwe telf possibbli minħabba l-pandemija.

B'rabta mal-iżvilupp ta' finanzjament mhux bankarju, il-proporzjon tal-finanzjament tas-suq jinsab taħt il-medja tal-UE. Fl-2020 il-proporzjon tal-finanzjament tas-suq laħaq il-livell baxx ta' 35 % billi s-self mill-banek huwa l-aktar forma importanti ta' finanzjament estern għall-kumpaniji mhux finanzjarji. Malta għandha punteġġ taħt il-medja tal-UE dwar ir-rilevanza tal-ħruġ ta' ishma kkwotati, titoli ta' dejn u kapital ta' riskju. Fl-2021, l-awtoritajiet superviżorji Maltin nedew Strateġija tas-Swieq Kapitali li għandha sservi biex toħloq reġim regolatorju aktar flessibbli u robust li jipprovdi għas-swieq kapitali lokali.

Tabella A16.1: **L-indikaturi tas-suq finanzjarju**

	2017	2018	2019	2020	2021
Assi totali tas-settur bankarji (% tal-PDG)	401,7	342,2	294,8	309,8	305,2
Proporzjon (assi totali) tal-akbar 5 banek (%)	80,9	77,5	75,1	74,8	-
Proporzjon (assi totali) ta' istituzzjonijiet ta' kreditu domestiċi (%)[1]	42,1	47,8	53,5	58,7	61,3
Indikaturi tas-solidità finanzjarja:[1]					
- self improduttiv (% tas-self totali)	3,1	3,1	3,2	3,6	3,4
- proporzjon tal-adegwatezza kapitali (%)	21,1	22,3	23,4	25,1	25,8
- redditu fuq l-ekwità (%)	7,2	5,2	6,0	0,3	5,0
Tkabbir kreditu NFC (bidla f'%)	14,8	3,5	2,0	2,7	-6,4
Tkabbir kreditu HH (% ta' bidla minn sena għal oħra)	6,5	7,5	8,7	5,8	9,7
Proporzjon kost-introjtu (%)[1]	40,6	40,5	50,3	49,3	53,8
Proporzjon self-depożitu (%)[1]	61,4	75,2	57,4	59,6	57,4
Likwidità tal-bank ċentrali bħala % tal-obbligazzjonijiet	0,5	-	-	-	-
Dejn tas-settur privat (% tal-PDG)	123,7	121,4	121,2	138,8	-
Firxa tar-rata tal-imgħax fit-tul kontra Bund (punti bażi)	96,4	99,0	92,5	99,2	87,1
Proporzjon tal-finanzjament tas-suq (%)	32,8	32,9	36,4	35,0	-
Ħruġ ta' bonds ekoloġiċi (biljuni ta' EUR)	-	-	-	-	-

(1) L-aħħar *data*: It-tielet trimestru tal-2021
Sors: BĊE, Eurostat, Refinitiv.

Dan l-anness jagħti ħarsa ġenerali bbażata fuq l-indikaturi tas-sistema tat-taxxa ta' Malta. Dan jinkludi informazzjoni dwar l-istruttura tat-taxxa, jiġifieri t-tipi ta' taxxa li Malta tikseb l-aktar dħul minnhom, il-piż tat-taxxa għall-ħaddiema, u l-progressività u l-effett ridistributtiv tas-sistema tat-taxxa. Jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-ġbir u l-konformità tat-taxxa u r-riskju ta' attività ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, li jidher għoli f'Malta.

Id-dħul mit-taxxa ta' Malta huwa baxx meta mqabbel mal-PDG, u s-sistema tat-taxxa tiddependi kważi bl-istess mod fuq it-tassazzjoni fuq ix-xogħol u fuq taxxi li jiffavorixxu t-tkabbir. Fl-2020, id-dħul mit-taxxa fuq ix-xogħol ta' Malta bħala % tal-PDG kien fost l-aktar baxxi fl-UE. B'kuntrast ma' dan, id-dħul mit-taxxa fuq il-konsum bħala % tal-PDG kien ftit biss anqas mid-dħul mit-taxxi aggregati u ambjentali tal-UE daqsxejn ogħla minnu. Madankollu, is-sistema tat-taxxa ta' Malta tiddependi ħafna fuq it-taxxi korporattivi. Malta ma għandhiex taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà.

Il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol ta' Malta huwa relattivament baxx għal livelli differenti ta' pagi. Fl-2021 il-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol ta' Malta kien sostanzjalment aktar baxx mill-medja tal-UE f'diversi livelli ta' introjtu, jiġifieri għal persuni waħedhom b'paga medja (100 %) kif ukoll għal 50 %, 67 % u 167 % tal-paga medja. It-tieni sors ta' dħul f'livell ta' paga ta' 67 % tal-paga medja, li l-konjuġi tagħhom jaqla' l-paga medja, jiffaċċja wkoll porzjon ta' taxxa aktar baxx meta mqabbel mal-medja tal-UE, u mhumiex intaxxati b'mod ogħla minn persuni waħedhom u li jaqalgħu l-istess livell ta' paga. Fl-2020, is-sistema tal-benefiċċji tat-taxxa għenet biex titnaqqas l-inugwaljanza kif imkejla mill-koeffiċjent GINI, b'anqas mill-medja tal-UE.

Il-prestazzjoni tal-amministrazzjoni tat-taxxa f'Malta tista' tittejjeb. Fl-2019 l-arretrati pendenti tat-taxxa żdiedu bi 15,2 pp. għal 117,6 % tad-dħul nett totali. Dan huwa ferm aktar mill-medja tal-UE27, li hija ta' 31,8 %. Id-diskrepanza fil-VAT (indikatur tal-effettività tal-infurzar tal-VAT u tal-konformità) f'Malta żdiedet għal 23,5 % u hija ferm ogħla mid-diskrepanza fl-UE kollha ta' 10,5 %. Il-flussi għoljin ta' investiment dirett barrani u l-livell għoli ta' pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties bħala % tal-PDG jindikaw l-użu ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa f'Malta.

Tabella A17.1: **Indikaturi dwar it-tassazzjoni**

		Malta					UE-27				
		2010	2018	2019	2020	2021	2010	2018	2019	2020	2021
Struttura tat-taxxa	Taxxi totali (inkluż kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji attwali) (% tal-PDG)	30,9	30,2	29,8	29,7		37,9	40,1	39,9	40,1	
	Taxxi fuq ix-xogħol (bħala % tal-PDG)	9,9	10,9	11,0	12,4		20,0	20,7	20,7	21,5	
	Taxxi fuq il-konsum (bħala % tal-PDG)	11,9	11,3	10,8	10,4		10,8	11,1	11,1	10,8	
	Taxxi kapitali (bħala % tal-PDG)	9,1	8,1	8,1	6,9		7,1	8,2	8,1	7,9	
	Taxxi fuq il-proprjetà totali (bħala % tal-PDG)	1,0	1,3	1,1	0,7		1,9	2,2	2,2	2,3	
	Taxxi rikorrenti fuq proprjetà immobbli (bħala % tal-PDG)	0,0	0,0	0,0	0,0		1,1	1,2	1,2	1,2	
	Taxxi ambjentali bħala % tal-PDG	2,8	2,5	2,5	2,3		2,4	2,4	2,4	2,2	
Proġressività u ekwità	Feles tat-taxxa - 50% tal-Paga Medja (Persuna waħidha) (*)	18,9	21,4	22,1	22,4	21,7	33,9	32,4	32,0	31,5	31,9
	Feles tat-taxxa - 100% tal-Paga Medja (Persuna waħidha (*)	26,4	30,5	30,7	31,0	30,8	41,0	40,2	40,1	39,9	39,7
	Taxxa Korporattiva - Rati tat-Taxxa Medji Effettivi (1) (*)		28,2	28,2	28,2			19,8	19,5	19,3	
	Differenza fil-koeffiċjent GINI qabel u wara t-taxxi u t-trasferimenti soċjali fi flus (pensjonijiet esklużi mit-trasferimenti soċjali)	7,2	8,3	6,0	6,3		8,4	7,9	7,4	8,3	
Amministrazzjoni tat-taxxa u konformità	Arretrati tat-taxxa pendenti: Dejn totali tat-taxxa fi tmiem is-sena (inkluż dejn meqjus li ma jistax jinġabar) / dħul totali (f'%) (*)		102,4	117,6				31,9	31,8		
	Diskrepanza tal-VAT (% tal-VTTL)		18,1	23,5				11,2	10,5		
Riskju ta' Attività Finanzjarja	Dividendi, Imgħaxijiet u Royalties (imħallsa u riċevuti) bħala proporzjoni mill-PDG (%)			69,6				10,7	10,5		
	Flussi ta' FDI minn SPEs (Entitajiet bi Skop Speċjali), % tat-total tal-flussi totali ta' FDI (irċevuti u mogħtija)		95,8	96,1				47,8	46,2	36,7	

(1) Rata tat-taxxa effettiva progressiva (OECD)
(*) Medja sempliċi tal-UE-27, billi ma hemmx valur aggregat tal-UE-27
Sors: il-Kummissjoni Ewropea u l-OECD.

Graff A17.1: **Indikaturi tal-porzjon ta' taxxa**



Il-feles tat-taxxa fuq ix-xogħol ikejjel id-differenza bejn il-kost lavorattiv totali biex jiġi impjegat ħaddiem, u d-dħul nett tal-ħaddiem: is-somma tat-taxxi fuq l-introjtu personali u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati u tal-impjegaturi, mingħajr ma jitqiesu l-benefiċċji tal-familja, espressi bħala perċentwal tal-kostijiet lavorattivi totali (is-somma tal-paga grossa u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-impjegatur).

(1) Il-porzjon medju tat-taxxa tat-tieni sors ta' dħul ikejjel il-kontributi mit-taxxa fuq l-introjtu personali (TIP) u tal-kontributi tas-sigurtà soċjali tal-impjegat u tal-impjegatur (SSCs, social security contributions) li jitħallsu mill-familja minħabba l-impjieg tal-persuna li tkun it-tieni sors ta' dħul, bħala proporzjon tal-qligħ gross tat-tieni sors ta' dħul flimkien mal-SSCs tal-impjegatur dovut fuq l-introjtu tat-tieni sors ta' dħul. Għal diskussjoni aktar dettaljata ara l-OECD (2016), "Taxing Wages 2016", OECD Publishing, Pariġi. http://dx.doi.org/10.1787/tax_wages-2016-en

(*) Medja sempliċi tal-UE-27 billi ma hemmx valur aggregat tal-UE-27

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Tabella A18.1: **Indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin**

	2004-07	2008-12	2013-18	2019	2020	2021	tbassir 2022	tbassir 2023
PDG reali (sena wara sena)	2,7	2,5	7,2	5,9	-8,3	9,4	4,2	4,0
Tkabbir potenzjali (sena wara sena)	2,7	3,1	6,0	5,9	3,2	3,1	3,7	3,8
Konsum privat (sena wara sena)	2,8	1,3	4,3	4,6	-10,2	6,2	3,8	3,4
Konsum pubbliku (sena wara sena)	1,0	3,3	3,2	13,1	15,8	6,1	9,0	1,4
Formazzjoni grossa tal-kapital fiss (sena wara sena)	6,2	-1,3	10,8	8,4	-7,6	19,3	2,5	4,9
Esportazzjoni ta' prodotti u servizzi (sena wara sena)	7,7	7,4	5,7	7,0	-5,6	8,2	5,5	4,7
Importazzjoni ta' prodotti u servizzi (sena wara sena)	7,7	6,3	4,7	8,0	-2,2	7,6	6,0	4,3
Kontribut għat-tkabbir tal-PDG:								
Domanda domestika (sena wara sena)	3,3	1,2	4,8	5,9	-3,6	8,0	4,0	2,9
Inventarji (sena wara sena)	-0,3	-0,2	0,2	0,1	0,6	-0,4	0,0	0,0
Esportazzjonijiet netti (sena wara sena)	-0,5	1,5	2,1	-0,1	-5,3	1,8	0,1	1,1
Kontribut għat-tkabbir potenzjali tal-PDG:								
Xogħol Totali (sigħat) (sena wara sena)	0,5	0,7	2,8	3,7	1,7	0,8	1,4	1,4
Akkumulazzjoni Kapitali (sena wara sena)	1,4	1,0	1,6	1,8	1,2	1,8	1,7	1,7
Fattur totali tal-produttuvità (sena wara sena)	0,8	1,4	1,5	0,4	0,2	0,5	0,6	0,7
Distakk fl-output	-0,6	-1,3	2,4	4,8	-7,0	-1,3	-0,9	-0,7
Rata tal-qgħad	6,9	6,5	4,9	3,6	4,4	3,5	3,6	3,6
Deflatur tal-PDG (sena wara sena)	2,1	2,3	2,5	2,4	1,5	1,7	2,8	2,6
Indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur (HICP, sena	2,1	2,9	1,1	1,5	0,8	0,7	4,5	2,6
Kumpens nominali għal kull impjegat (sena wara sena)	2,9	3,3	3,4	3,8	-0,7	5,5	3,8	2,9
Produttività tax-Xogħol (reali, sigħat maħduma, sena wara	1,6	1,8	2,2	-4,3	-3,3	8,9	-0,1	-0,1
Kostijiet tal-unità tax-xogħol (ULC, l-ekonomija kollha, sena	1,6	2,7	1,8	3,6	11,4	-2,1	1,8	1,0
Kostijiet reali tal-unità tax-xogħol (sena wara sena)	-0,5	0,4	-0,7	1,2	9,8	-3,8	-1,0	-1,6
Rata tal-kambju effettiva reali (ULC, sena wara sena)	1,5	0,3	1,0	0,0	.	.	.	.
Rata tal-kambju effettiva reali (HICP, sena wara sena)	1,0	-0,7	0,3	-1,2	1,4	-1,2	.	.
Rata netta tal-iffrankar tal-unitajiet domestiċi (iffrankar nett bħala perċentwal tal-introjtu disponibbli nett)	.	.	.	.	.	.	.	.
Fluss ta' kreditu privat, konsolidat (% tal-PDG)	12,2	9,8	6,6	10,2	9,0	.	.	.
Dejn tas-settur privat, konsolidat (% tal-PDG)	141,1	163,3	132,5	121,3	139,0	.	.	.
li minnu dejn tal-unitajiet domestiċi, konsolidat (% tal-	46,7	57,6	51,2	47,6	54,0	.	.	.
li minnu dejn korporattiv mhux finanzjarju, konsolidat	94,4	105,6	81,3	73,7	85,1	.	.	.
Dejn improduttiv gross (% tal-istrumenti totali tad-dejn u tas-self u tal-avvanzi kollha) (2)	1,7	1,6	2,5	2,4	2,7	.	.	.
Korporazzjonijiet, għoti b'self nett (+) jew teħid b'self nett (-)	.	.	.	.	.	.	.	.
Korporazzjonijiet, surplus operatorju gross (% tal-PDG)	29,4	31,3	36,2	37,9	37,6	.	.	.
Unitajiet domestiċi, għoti b'self nett (+) jew teħid b'self nett (-)	.	.	.	.	.	.	.	.
Indiċi tal-prezzijiet tad-djar deflatat (sena wara sena)	13,5	-0,9	3,0	4,2	2,2	.	.	.
Investiment residenzjali (% tal-PDG)	7,4	4,1	3,5	4,6	3,9	3,7	.	.
Bilanċ tal-kont kurrenti (% tal-PDG), bilanċ tal-pagamenti	-5,3	-3,8	3,4	5,0	-2,9	-6,1	-8,7	-8,7
Bilanċ kummerċjali (% tal-PDG), bilanċ tal-pagamenti	-1,6	1,4	11,8	14,0	8,0	3,2	.	.
Kummerċ globali f'oġġetti u servizzi (sena wara sena)	-0,1	0,0	0,8	0,4	0,1	0,1	-1,2	-0,5
Bilanċ tal-kont kapitali (% tal-PDG)	2,3	1,3	1,3	0,8	0,6	1,0	.	.
Pożizzjoni ta' investiment internazzjonali nett (% tal-PDG)	30,6	10,7	43,9	53,5	51,0	44,4	.	.
NENDI - NIIP li teskludi strumenti mhux inadempjenti (% tal-	86,8	168,7	214,1	234,9	254,9	-764,8	.	.
Obbligazzjonijiet IIP bl-esklużjoni ta' strumenti mhux	452,3	698,9	496,7	280,5	317,9	1801,2	.	.
Prestazzjoni tal-esportazzjonijiet vs. Pajjiżi avvanzati (% ta'	.	35,7	10,0	18,6	13,7	.	.	.
Export market share, goods and services (y-o-y)	-0,7	2,3	3,2	4,4	4,2	-1,6	0,8	0,4
Flussi netti tal-FDI (% tal-PDG)	-154,7	-77,5	-82,5	-68,5	-74,7	-65,8	.	.
Bilanċ tal-gvern ġenerali (% tal-PDG)	-2,9	-3,2	0,3	0,6	-9,5	-8,0	-5,6	-4,6
Bilanċ baġitarju strutturali (% tal-PDG)	.	.	-0,9	-1,7	-6,2	-7,4	-5,2	-4,3
Dejn gross tal-gvern ġenerali (% tal-PDG)	66,8	66,1	55,2	40,7	53,4	57,0	58,5	59,5

(1) PIIN bl-esklużjoni tal-investiment dirett u l-proporzjonijiet ta' ekwità tal-portafolli.
(2) Gruppi bankarji domestiċi u banek indipendenti, sussidjarji kkontrollati mill-barranin, (UE u mhux tal-UE), kif ukoll fergħat ikkontrollati mill-barranin (UE u mhux tal-UE).
Sors: Eurostat u BĊE fl-2022-05-02, fejn disponibbli; Il-Kummissjoni Ewropea għaċ-ċifri tat-tbassir (tbassir tar-rebbiegħa 2022)

Dan l-anness jivvaluta r-riskji fuq is-sostenibbiltà fiskali għal Malta fuq terminu qasir, medju u twil. Dan isegwi l-istess approċċ multidimensjonali bħar-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali tal-2021, aġġornat fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni.

It-Tabella 1 tippreżenta l-projezzjonijiet tad-dejn bażi. Dan juri d-dejn tal-gvern previst u t-tqassim tiegħu fil-bilanċ primarju, l-effett valanga (l-impatt ikkombinat tal-pagamenti tal-imgħax u t-tkabbir nominali tal-PDG fuq id-dinamika tad-dejn) u l-aġġustament bejn il-fondi u l-flussi. Normalment, dawn il-projezzjonijiet jassumu li mhija se tittieħed l-ebda miżura ta' politika fiskali ġdida wara l-2023, u jinkludu l-impatt pożittiv mistenni tal-investimenti taħt in-NextGenerationEU.

Il-Graff 1 turi erba' xenarji alternattivi madwar il-linja bażi, biex turi l-impatt tal-bidliet fis-suppożizzjonijiet. Ix-xenarju tal-"SPB storiku" jassumi li l-bilanċ primarju strutturali (SPB, structural primary balance) gradwalment jirritorna għal-livell medju li kien qabel. Fix-xenarju ta' "SPB aktar baxx", l-SPB huwa aktar dgħajjef milli fil-linja bażi fuq bażi permanenti. Ix-xenarju tar-"rata ta' tkabbir tal-imgħax avvers" jassumi effett valanga anqas favorevoli milli fil-linja bażi. Fix-xenarju ta' "stress finanzjarju", il-pajjiż qed jiffaċċja rati tal-imgħax temporanjament ogħla fis-suq fl-2022.

Il-Graff 2 turi l-eżitu tal-projezzjonijiet stokastiċi. Dawn il-projezzjonijiet juru l-impatt ta' 2 000 xokk differenti fuq id-dejn, li jaffettwa l-pożizzjoni baġitarja, it-tkabbir ekonomiku, ir-rati tal-imgħax u r-rati tal-kambju tal-gvern. Il-kon ikopri 80 % tal-perkorsi ta' dejn simulati kollha, u għalhekk jeskludi avvenimenti ta' tnaqqis.

It-Tabella 2 turi l-indikaturi tas-sostenibbiltà fiskali S1 u S2 u l-muturi ewlenin tagħhom. L-S1 tkejjel l-isforz ta' konsolidazzjoni meħtieġ biex id-dejn jinġieb għal 60 % tal-PDG fi 15-il

Tabella A19.1: **Analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn ta' Malta**

Tabella 1. Projezzjonijiet tad-dejn bażi	2019	2020	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028	2029	2030	2031	2032
Proporzjon tad-dejn gross (% tal-PDG	**40,7**	**53,4**	**57,0**	**58,5**	**59,5**	**60,5**	**61,2**	**61,8**	**62,9**	**63,6**	**64,2**	**64,7**	**65,3**	**65,9**
Bidla fid-dejn	-3,0	12,7	3,6	1,5	1,0	0,9	0,7	0,6	1,1	0,7	0,6	0,6	0,6	0,6
li minnu														
Defiċit primarju	*-1,9*	*8,2*	*6,8*	*4,4*	*3,5*	*3,3*	*3,1*	*2,8*	*3,0*	*2,9*	*2,9*	*2,9*	*2,9*	*2,9*
Effett valanga	*-2,1*	*4,4*	*-4,3*	*-2,6*	*-2,5*	*-2,3*	*-2,4*	*-2,2*	*-1,9*	*-2,3*	*-2,3*	*-2,3*	*-2,3*	*-2,3*
Aġġustament bejn fondi u flussi	*1,0*	*0,2*	*1,0*	*-0,3*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*
Ħteġijiet ta' finanzjament gross (% tal	5,4	16,2	15,7	12,7	12,4	12,2	12,1	12,0	12,3	12,3	12,4	12,5	12,6	12,7





Tabella 2. Tqassim tal-indikaturi tad-distakk fis-sostenibbiltà S1 u S2

			S1	S2
Indiċi globali (pps. of GDP)			**1,2**	**10,1**
li minnu				
	Pożizzjoni baġitarja inizjali		1,4	3,4
	Rekwiżit tad-dejn		0,0	
	Kostijiet tax-tixjiħ		-0,2	6,7
	li minnhom	*Pensjonijiet*	*-0,7*	*3,1*
		Kura tas-saħħa	*0,5*	*2,3*
		Kura fit-tul	*0,3*	*1,5*
		Oħrajn	*-0,3*	*-0,1*

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Tabella A19.2: **Mappa termika tar-riskji għas-sostenibbiltà fiskali ta' Malta**

Żmien qasir	Terminu medju										Fit-tul	
			Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn (ASD)									
					Xenarji deterministiċi							
Kumplessiv (S0)	Kumplessiv (S1+DSA)	S1	Kumplessiv		Linja Bażi	SPB Storiku	SPB iżgħar	r-g' avvers	Stress Finanzjarju	Projezzjonijet Stokastiċi	S2	Kumplessiv (S2+DSA)
BAXX	MEDJU	MEDJU	MEDJU	Kumplessiv	MEDJU	BAXX	MEDJU	MEDJU	MEDJU	BAXX	GĦOLI	GĦOLI
				Livell tad-Dejn (2032), % tal-PDG	66	44	79	71	66			
				L-ogħla sena tad-dejn	2032	2024	2032	2032	2032			
				Spazju ta' konsolidazzjoni fiskali	78%	51%	90%	78%	78%			
				Probabbiltà li fl-2026 id-dejn jeċċedi l-proporzjon tad-dejn fil-livelli tal-2021						71%		
				Differenza bejn id-90in u l-10ar perċentili (PDG pps.)						26		

(1) Livell tad-dejn fl-2032: aħdar: anqas minn 60 % tal-PDG, isfar: bejn 60 % u 90 %, aħmar: aktar minn 90 %. (2) Is-sena tal-ogħla dejn tindika jekk id-dejn ikunx projettat li jiżdied b'mod ġenerali matul l-10 snin li ġejjin. Aħdar: l-ogħla livelli ta' dejn kmieni; isfar: l-ogħla lejn nofs il-perjodu ta' projezzjoni; aħmar: quċċata tardiva. (3) L-ispazju ta' konsolidazzjoni fiskali jkejjel il-proporzjon tal-pożizzjonijiet fiskali tal-passat li kienu aktar stretti minn dak preżunt fil-linja bażi fil-pajjiż. Aħdar: valur għoli, jiġifieri l-pożizzjoni fiskali preżunta hija plawżibbli minn standards storiċi u tħalli lok għal miżuri korrettivi jekk ikun meħtieġ; isfar: intermedju; aħmar: baxx. (4) Il-probabbiltà tal-proporzjon tad-dejn li fl-2026 jaqbeż il-livell tiegħu tal-2021: aħdar: probabbiltà baxxa, isfar: probabbiltà intermedja, aħmar: għoli (li jirrifletti wkoll il-livell ta' dejn inizjali). (5) Id-differenza bejn id-90 u l-10ar perċentili jkejjel l-inċertezza, fuq il-bażi tad-distribuzzjoni tad-dejn f'2000 xokk differenti. Iċ-ċelloli ħodor, sofor u ħomor jindikaw żieda fl-inċertezza.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (għal aktar dettalji dwar l-approċċ multidimensjonali tal-Kummissjoni, ara r-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali tal-2021).

sena. S2 tkejjel l-isforz ta' konsolidazzjoni meħtieġ biex jiġi stabbilizzat id-dejn fuq orizzont infinit. Il-*pożizzjoni baġitarja inizjali* tkejjel l-isforz meħtieġ biex jiġu koperti l-pagamenti tal-imgħax futuri, il-komponent tal-*kostijiet tat-tixjiħ* iqis il-ħtieġa tal-assorbiment tal-bidla mbassra fin-nefqa pubblika relatata mat-tixjiħ bħall-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, u r-*rekwiżit tad-dejn* ikejjel l-aġġustament addizzjonali meħtieġ biex tintlaħaq il-mira tad-dejn ta' 60 % tal-PDG.

Fl-aħħar nett, il-mappa termika tippreżenta l-klassifikazzjoni kumplessiva tar-riskju għas-sostenibbiltà fiskali (it-Tabella A19.2). Il-*kategorija ta' riskju fuq terminu qasir* hija bbażata fuq l-indikatur S0, indikatur ta' identifikazzjoni bikrija tal-istress fiskali fis-sena li ġejja. Il-*kategorija ta' riskju fuq terminu medju* hija derivata mill-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn (DSA) u l-indikatur S1. Id-DSA jivvaluta r-riskji għas-sostenibbiltà fuq il-bażi ta' diversi kriterji: il-livell tad-dejn imbassar f'10 snin, it-trajettorja tad-dejn ("l-eqqel sena"), il-plawżibbiltà tas-suppożizzjonijiet fiskali u l-ispazju għal pożizzjonijiet aktar stretti jekk ikun meħtieġ ("spazju għall-konsolidazzjoni fiskali"), il-probabbiltà li d-dejn ma jistabbilixxix ruħu fil-ħames snin li ġejjin u d-daqs tal-inċertezza. Il-*kategorija ta' riskju fit-tul* hija bbażata fuq l-indikatur S2 u d-DSA.

B'mod ġenerali, ir-riskji fuq terminu qasir fuq is-sostenibbiltà fiskali huma baxxi. L-indikatur ta' identifikazzjoni bikrija tal-Kummissjoni (S0) ma jindikax riskji fiskali kbar fuq terminu qasir (il-Graff A19.2).

B'mod ġenerali, ir-riskji fuq is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju huma baxxi. Iż-żewġ elementi tal-analiżi fuq terminu medju tal-Kummissjoni jwasslu għal din il-konklużjoni. L-ewwel nett, l-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn (DSA, debt sustainability analysis) turi li fl-2022 d-dejn tal-gvern huwa pprojettat li jiżdied minn 59 % għal madwar 66 % tal-PDG fil-linja bażi fl-2032 (it-Tabella 1). Dan il-perkors tad-dejn huwa sensittiv ukoll għal xokkijiet possibbli għall-varjabbli fiskali, makroekonomiċi u finanzjarji, kif muri minn xenarji alternattivi u simulazzjonijiet tal-istokks (it-Tabella A19.1 u A19.2). Barra minn hekk, l-indikatur tad-distakk fis-sostenibbiltà S1 jindika li se jkun meħtieġ sforz fiskali ta' 1,2 pps tal-PDG biex id-dejn jitnaqqas għal 60 % tal-PDG fi żmien 15-il sena (it-Tabella 2). B'mod ġenerali, ir-riskju medju jirrifletti d-defiċit kbir attwali, u l-livell tad-dejn, kif ukoll is-sensittività għal xokkijiet negattivi.

B'mod ġenerali, ir-riskji fuq is-sostenibbiltà fiskali fit-tul huma baxxi. Fuq terminu twil, l-indikatur tad-distakk fis-sostenibbiltà S2 (b'10.1 pps. tal-PDG) jindika riskji għoljin, filwaqt li d-DSA jindika riskji medji, li jwasslu għall-valutazzjoni tar-riskju ġeneralment għolja. L-indikatur S2 jissuġġerixxi li, biex id-dejn jiġi stabbilizzat fuq terminu twil, se jkun meħtieġ li jiġu indirizzati l-pressjonijiet baġitarji li jirriżultaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni, speċjalment dawk relatati mal-

pensjonijiet, il-kura tas-saħħa, u n-nefqa fuq il-kura fit-tul (it-Tabella 2).